# Festa Santa Marija
# Mgabba – 2003




## 1998 - 2003

5 snin Anniversarju mill-unur Les Étoiles d'Or du Jumelage


WWW.BUZDOV.COM
Complete Turnkey Solutions
VISIT OUR WEB SITE FOR MORE INFORMATION
BUZDOV
DEVELOPMENTS LTD.
ST. RITA, VALLETTA RD, MQABBA.
TEL/FAX: 21 685020; MOBILE: 79424724, 79426471
INFO@BUZDOV.COM

# Werrej


Messaġġ mill-President .......... 5
Messaġġ mis-Sindku .......... 7
Il-Kelma tal-Kappillan .......... 9
Messaġġ mis-Segretarju .......... 11
Appell mill-Kaxxier .......... 13
Messaġġ mis-Surmast .......... 15
Jikteb id-Direttur Spiritwali .......... 17
Ġemellaġġ .......... 19
Tislima lil Santa Marija .......... 27
Il-leġġenda ta' l-Anġlu .......... 29
Il-leġġenda tal-Madonna tat-Telgha .......... 35
Rev. Mons. Lorenzo Spiteri .......... 37
Tifkiriet .......... 39
Sezzjoni Żgħażagħ: 10 Snin ta' Hidma Kontinwa .......... 43
Fergha Nisa: Sena ta' Xoghol Bla Tmiem .......... 49
Lil Marija Assunta .......... 49
Programm Festi Esterni .......... 50
Funzjonijiet tal-Knisja .......... 53
80 Sena mill-Pedestall Artistiku .......... 55
Qabar tal-Fidda u Bradella Ġdida .......... 57
Replika tal-Bradella .......... 60
Il-Bidu u t-Tixrid tal-Kult lejn il-Madonna tad-Dawl .......... 63
Tislima lil Santa Marija .......... 65
Kwadri ta' Santa Marija fil-Knejjes Maltin .......... 67
In-Niċċa ta' Santa Marija .......... 69
Minn Fomm id-Delegat tal-Planċier .......... 75
Planċier Artistiku .......... 77
Hidmet il-Banda Re Ġorġ V .......... 79
Prosit lil tan-Nar .......... 83
Il-Ghid ta' l-Assunta .......... 85
Żjara ġewwa l-Imqabba mill-Kor Iżraelit Alei Gefen .......... 87
Patri Karm Zammit O.P. .......... 91
Veteran tal-Konvoj ta' Santa Marija .......... 95
Attivitajiet Soċjali u Kulturali .......... 99
Joseph Ellul B.E.M. .......... 101
Ġita Minilija Mistrieh u Divertiment .......... 103
Jirrapporta d-Direttur tal-Każin .......... 109
Mill-Kamra tan-Nar .......... 111
Programm tan-Nar .......... 115
Murtali u Qniepen fil-Gwerra .......... 117
Il-Mużika ta' l-Antifona Maestuża 'Hodie Maria' .......... 119
Il-Kanonku Dun Ġużepp Portelli .......... 127
Maestro Leonard Spiteri F.L.C.M. .......... 128
Minn Fejn se Jghaddi l-Marċ .......... 130
F'Gheluq tad-90 Sena tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali .......... 135
Il-Korp ta' San Innoċenzju .......... 135
Rendikont: Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja 2002 .......... 136



© 2003 Drittijiet Riservati
Soċjetà Santa Marija, Mqabba



**Palazz Santa Marija,**
**Pjazza tal-Knisja,**
**Mqabba, Malta**
**Tel: 21683020**
http://www.angelfire.com/musicals/santamarija/
e-mail: santamarija@angelfire.com



**Bord Editorjali**
Carmel Briffa
Carmel Ellul
Alfred Galea
Antoine Sciberras
Chris Spiteri

**Artikolisti**
Carmel Zahra
Emanuel Buttigieg
Fr. Joe Bartolo
Carmel Ellul
Carmel Briffa
David Agius
Patri J.M. Ghigo
Alfred Galea
Carmel Bianchi
Patrick Mallia
Joseph Farrugia
Carlo Sciberras
Stefano Farrugia
Carmen Lia
Mario Fenech
Giovanni Farrugia
Benjamin Camilleri
Patrick Ghigo
Joe Chetcuti
Gardner Bell
Dr. Charles Sciberras
Joseph Camilleri
Anthony Ellul

**Proof Reading**
Elvin Sciberras

**Ritratti tal-Qoxra**
*Quddiem*
L-istatwa titulari ta' Santa Marija flimkien ma' l-unur *Les Étoiles D'Or du Jumelage*
*Wara*
Il-Banda Re Ġorġ V ġewwa l-knisja parrokkjali.

Design, Separations & Printing
BEST Print Co. Ltd
Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789 Fax: 21649012

# PASS DEVELOPERS LTD

Notre Dame Mansion
Ġużè Bonnici Street, Balzan
Tel: 2141 4118  Fax: 2143 5536



Building • Excavation
Plastering • Tiling





Demolition Works
Turnkey
Contractors



Mobile: 9949 0242, 9949 0043, 9947 6496
2164 0709, 2164 0902 after 3.00pm



# Kumitat 2003

**Presidenti Onorarji**
Onor. Dr Louis Galea B.A., LL.D., M.P.
Sur Joseph Farrugia

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President/PRO**
Antoine Sciberras
Dip. M. ACIM, Cert. CIB, CeFA

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Viċi-Segretarju**
Alex Falzon

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier**
Chris Spiteri

**Delegati għall-Armar**
Grezzju Farrugia, Michael Ghigo, Anthony Farrugia

**Direttur tal-Każin**
Anthony Ellul

**Delegat tal-Planċier**
Benny Camilleri

**Konsulent Legali**
Dr Marse Ann Farrugia Dip. CAN.L.,LL.D.

**Direttur Spiritwali**
Patri Joseph M. Ghigo S.J.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius A.Mus. V.C.M.(Hons.), L.C.M.

**Ass. Surmast**
Mro. Michael Pulis

**Kummissjoni għall-Banda**
Chris Spiteri, Nicholas Baldacchino, Alfred Galea, Adrian Zahra

**Rappreżentant fl-Għaqda Każini tal-Baned Maltin**
Carmel Briffa

**Delegat tan-Nar**
Carmel Ellul

**Reviżuri**
Joe Sciberras
Carl Sciberras

# Ristorante Cosmana Navarra

*For exquisite*
*a' la carte cuisine...*



*Served by a young team of professionally trained staff, experience the authentic feeling of being at home in a house of character, set in a historic area in the middle of Rabat.*



*The quality of the food and excellent service are proof of the high standards reached at Ristorante Cosmana Navarra.*

**Business Lunches**

**For Reservations**
**Telephone:**

**(0356) 450638**
**(0356) 452415**

**28 St. Paul Street**
**Rabat RBT 12.**

# Messaġġ mill-President

**is-Sur Carmel Zahra**

Għeżież Soċi u Partitarji,

Awissu reġa' magħna u hekk kif issemmi dan ix-xahar l-ewwel ħsieb li jiġi f'moħħ kulħadd hija bla dubju l-festa kbira ad unur Santa Marija taħt it-titlu ta' l-Assunzjoni. Meta ngħidu festa kbira ma jfissirx il-festa li tiġi ċċelebrata ġewwa raħalna biss, iżda l-festi kollha li jiġu organizzati madwar il-gżejjer Maltin kif ukoll f'diversi pajjiżi barra minn xtutna.

Hawn Malta niċċelebraw bosta festi. Biss, l-aktar tliet festi li bla dubju ta' xejn huma tant popolari magħna l-Maltin huma l-Milied, l-Għid il-Kbir u l-Għid ta' l-Assunta. Wieħed għandu jirrifletti sewwa fuq dawn il-festi u m'għandniex inħallu l-festi jiġu u jgħaddu qisu qatt ma sar xejn. Hemm ħafna raġunijiet li wieħed għandu jixtarr sewwa. Eżempju ċar huwa li wieħed għandu kemm jista' jkun jersaq lejn is-Sagramenti kif ukoll jieħu l-opportunità tal-festa u jsewwi xi differenzi li jista' jkollu mal-proxxmu tiegħu. Huwa inutli li tasal il-festa, niċċelebrawha b'mod bombastiku u ngħidu li qegħdin nagħmlu kollox ad unur il-Madonna, meta mbagħad lanqas biss nersqu lejn il-Knisja. Jekk isir hekk, nistgħu ngħidu li l-festa ma swiet xejn. Ma nistgħux nibqgħu b'moħħna magħluq u ninqdew bil-festi biex forsi npattuha lil dak li jkun billi ngħajru jew noffendu speċjalment waqt il-marċi.

Żgur li l-każini li hawn imxerrda madwar Malta u Għawdex kollha, issibhom xi ħaġa li għandhom biex jiftaħru biha. Dan ma jfissirx li għandna għalfejn ngħajru jew inweġġgħu lil ħaddieħor b'xi ħaġa li għandna jew li kapaċi nagħmlu, u li ħaddieħor m'huwiex. Fl-opinjoni tiegħi, jekk nieqfu ftit u nirriflettu sewwa fuq dan li ktibt, għandu jkollna festa isbaħ u aktar dinjituża kif fuq kollox jixraq lil Ommna tas-Sema. Mela ejjew nikbru u nkunu aktar maturi fl-imġiba tagħna sabiex inkunu ta' eżempju tajjeb nisrani għal dawk kollha li jżuruna.

Naħseb li bħalma tafu ħafna minnkom, dan l-aħħar esebixxejna l-pjanti tal-estensjoni tal-każin u anke saru l-applikazzjonijiet neċessarji. Issa wieħed irid jistenna l-approvazzjoni mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (M.E.P.A.). Il-pjanti tal-Każin ġew iddisinjati mis-Sur Omar Caruana u d-disinn tal-faċċata sar mid-Disinjatur Vince Centorino, taħt is-superviżjoni tal-Perit Dr. Edwin Mintoff. Din is-sena wkoll installajna l-arja kkundizzjonata fis-sala tal-Banda fejn isiru b'mod regolari l-kunċerti kollha matul is-sena. Dan sar għaliex inħass il-bżonn u fl-istess ħin ninkoraġġixxu lill-bandisti tagħna sabiex ikomplu jattendu regolarment għall-kunċerti, b'mod partikulari fix-xhur sħan tas-sajf. Kif tistgħu tinnutaw, ta' kull sena dejjem qiegħed isir xi proġett ġewwa l-każin. Forsi xi kultant ċertu xogħol ma jidhirx u jkun hawn min jaħseb li fil-Każin m'hu qed isir xejn. Ovvjament dan mhux minnu. Jiena bħala President, flimkien ma' sħabi kollha tal-Kumitat, naħdmu s-sena kollha u naħsbu fi proġetti futuri biex dak kollu li ħallewlna missirijietna nkomplu nippreservawh, insaħħuh u nsebbħuh, speċjalment li issa dalwaqt infakkru ċ-ċentinarju mit-twaqqif tas-Soċjetà Santa Marija.



*Is-Sur Carmel Zahra (lemin) biswit l-ambaxxatur Ġermaniż Georg Merten fejn qiegħed jikteb il-messaġġ tiegħu fil-ktieb tal-viżitaturi.*

Din is-sena wkoll is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, qiegħda tiċċelebra diversi anniversarji. Nibda biex insemmi l-Unur ferm prestiġġjuż 'Les Étoiles d'Or du Jumelage' li propju din is-sena qegħdin niċċelebraw il-ħames anniversarju mir-rebħ tiegħu. Unur li s-Soċjetà tagħna tħossha kburija ħafna bih, għaliex dan huwa uniku fil-gżejjer tagħna, speċjalment għal każin tal-Banda. Ma rridx ninsa wkoll insemmi li din is-sena s-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà tagħna tagħlaq għaxar snin mit-twaqqif tagħha. Minn hawn nixtieq nieħu l-okkażjoni u nirringrazzja lill-membri kollha ta' din is-Sezzjoni. Anniversarji oħra huma l-ħamsa u sebgħin sena tal-qabar tal-fidda u l-bradella ta' l-Istatwa ta' Santa Marija, filwaqt li din is-sena wkoll il-pedestall il-kbir li jirrappreżenta l-Inkurunazzjoni tal-Madonna jagħlaq tmenin sena. Dawn kollha huma kapolavur ta' arti Maltija, xogħol fin u preċiż fuq disinni ta' Abram Gatt. Din is-sena wkoll, il-mużika ta' l-Antifona, tas-Surmast Vincenzo Bugeja, li tindaqq hekk kif l-Istatwa Titulari tidħol mill-ġdid fil-Knisja wara l-purċissjoni, tagħlaq mija u ħamsin sena.

Nagħlaq dawn il-ftit ħsibijiet tiegħi billi nirringrazzja lis-Surmast, lill-Kummissjoni Banda u lill-bandisti kollha. Nirringrazzja lid-dilettanti u dawk kollha li jaħdmu n-nar, kif ukoll lil dawk kollha li jgħinu fil-ħruq tan-nar u t-tħawwil tal-kanni. Nirringrazzja wkoll lis-sotto-kumitati kollha u lil sħabi tal-Kumitat. Fl-aħħar u mhux l-inqas, nirringrazzja lil dawk li jarmaw u jieħdu ħsieb l-indafa fil-Knisja, u lill-kleru tal-Parroċċa. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix u nifraħ lil Patri Karm Zammit li propju din is-sena, f'Settembru, se jiċċelebra l-ħamsin sena minn meta rċieva s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri. Nerġa' ntenni sabiex inġibu ruħna sewwa waqt il-marċi, kemm fil-kliem li ngħidu, fl-ilbies, kif ukoll fl-imġiba tagħna. Nieħdu gost niċċelebraw mingħajr ma noffendu lil ħadd.

Grazzi lil Ommna Marija Santissma Mtellgħa s-Sema.

# Fantasy Flowers

**Arrangements for all occasions: Weddings, Engagements, Baptisms, etc...**



'Madonna ta' Pinu'
Triq il-Harriġiet,
Mqabba, ZRQ 08

Tel: 21641032
Mob: 9946 5963






## Timeless
**Jewellers**

B'Kollaborazzjoni ma'
VASCAS



Triq San Bażilju, Mqabba
(Wara l-Knisja Parrokkjali)
Tel: 2164 1167 Fax: 2164 0831
e-mail: joesammut@waldonet.net.mt

# Messaġġ mis-Sindku

is-Sur Emmanuel Buttigieg

## Festa Universali

Kull meta joqrob Awissu, kemm f'Malta u anke f'Għawdex, tibda tinħass klima li riesqa xi festa speċjali. Dan bir-raġun, għax f'Awissu tiġi ċċelebrata l-festa ta' l-Assunzjoni ta' Ommna Marija fis-Sema, bir-Ruħ u l-Ġisem. Din il-festa tiġi ċċelebrata mad-dinja kollha b'solennità kbira. Din id-devozzjoni lejn l-Assunta kienet ilha titħares b'devozzjoni u bi twemmin sod fil-Knisja Kattolika sa mill-ewwel sekli. Fl-1950, il-Papa Piju XII iddikjarha b'domma tal-fidi, u li min ma jemminx li Ommna Marija ġiet Imtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-Ġisem, ikun maqtugħ mill-Knisja Kattolika.

Din hija festa kbira, għażiża, u għall-qalb il-Maltin kollha. Dan bir-raġun! Min ma jiftakarx fil-miraklu kbir li għamlet magħna Marija fil-15 t'Awissu 1942? Dak in-nhar il-poplu Malti u Għawdxi kien qiegħed imut bil-ġuħ u lest li jċedi b'mirbuħ lill-għadu Nażista, u permezz ta' Konvoj mimli ġid, fost qilla ta' balal ta' l-għadu, irnexxielu jiddaħħal fil-port, u jagħti l-ħajja lill-poplu Malti u Għawdxi kollu. Mhux ta' b'xejn li dak il-Konvoj baqa mniżżel fl-istorja ta' pajjiżna bħala l-Konvoj ta' Santa Marija.

Fost id-disa' rħula li f'Malta u Għawdex jiċċelebraw din il-festa hekk kbira u għażiża, l-Imqabbin għandhom unur li l-Parroċċa tagħhom ilha għal aktar minn erba' mitt sena tiċċelebra din il-festa b'solennità kbira lil Marija Mtellgħa s-Sema. Matul dawn l-erba' mitt sena, l-Imqabbin dejjem ħadmu biex ikabbru din il-festa bl-aktar mod xieraq u possibbli.

F'dan il-messaġġ qasir tiegħi, għall-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabbin kollha, nixtieq l-ewwelnett nawgura l-festa t-tajba u mill-isbaħ lill-Imqabbin kollha, huma fejn huma, u huma min huma. Il-festa tar-raħal għandha skop ewlieni li tgħaqqadna lkoll flimkien, biex ir-raħal kollu jifraħ flimkien u jieħu pjaċir hu, u jagħti pjaċir lil dawk kollha li jiffrekwentaw ir-raħal tagħna fil-festa. Min f'moħħu jkollu skop ieħor barra minn dan, jissejjaħ miskin, u ma jafx sewwa xi tfisser il-festa tar-raħal. L-entużjażmu, it-tiżjin, il-marċi, il-logħob tan-nar, kollha sbieħ u meħtieġa biex ikollna festa sabiħa. Iżda jekk dawn ma jkunux ikkontrollati, jiġru bina, u flok festa jkollna farsa kif kultant jiġri f'ċertu festi. Dan qiegħed ngħidu għaliex jiddispjaċini nara xi wħud jinqdew bil-festi biex jagħmlu ċerti mossi u jgħidu ċertu kliem li ma jagħmlux unur lil min jagħmilhom jew jgħidhom. Jinqdew bil-marċi tal-festa biex jiżirgħu il-firda.

Għall-grazzja t'Alla, fir-raħal tagħna, il-partitarji fil-festi, kulma jmorru donnu li qegħdin jimmaturaw. Dan ma jfissirx li m'għadx fadal x'wieħed jirranġa. Dan jista' jsir biss bil-koperazzjoni ta' kulħadd. Dawk il-ftit li għadhom fanatiċi, nippruvaw nikkontrollawhom. Inkunu sodi magħhom; jew iġibu ruħhom sewwa jew m'għandhomx jieħdu sehem fil-festi tagħna. Il-flus jinġabru għall-festa, u m'għandniex inħallu lil dawn jirrikattaw il-festi tagħna.

Ejjew ilkoll, aħna li għandna għal qalbna il-Festa, nagħmlu festa ta' tifħir lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema, kif verament jixirqilha, billi nattendu għall-funzjonijiet tal-Knisja, nagħmlu qrara tajba u nitqarbnu f'dawn il-ġranet għeżież. Imbagħad nistgħu nagħtu ġieħ lil Ommna Marija u ngawdu l-ferħ u l-paċi f'qalbna ta' veru festa nisranija.



*Is-Sur Buttigieg (xellug) waqt programm sinfoniku ġewwa l-każin.*


THE VILLAGE JEWELLERS
SIĠĠIEWI
The Village Jewellers
39, Triq San Nikola, Siġġiewi QRM 12
Tel/Fax: 2146 1921 • jewel@maltanet.net
Fine 18ct Gold,
925 Silverware and Jewellery
Leaders in Silver Jewellery fashion
At the village price
Souvenirs in Silver 925
B.S.I.
BALDACCHINO SILVER IMPORTS
Trade Enquiries:
Triq ta' Sisla, Swatar, B'Kara
Tel: 2146 1921 – Fax: 2134 0514
Mob: 7920 1980
Importers of
ITS
RANIERI
Argento
Made in Italy
ARDÈ
Souvenir Argenti
CAFLON
SILVER
WAY
FIRENZE
Oromat

# Il-Kelma tal-Kappillan

Dun Joe Bartolo

# Naħdmu flimkien għal Festi aktar Insara

Waqt li nkunu qed niċċelebraw din il-festa ad unur ta' Ommna Marija Santissma Mtellgħa s-Sema, l-istaġun tal-festi f'pajjiżna jkun qabeż in-nofs tiegħu. Matul din is-sena saru sforzi speċjali biex il-festi tagħna nagħtuhom bixra aktar nisranija. Ma tridx tkun għaref wisq biex tinnota li l-festi esterni tagħna ħadu mbuttatura lura sew f'dawn l-aħħar snin. Ma ngħidux li l-festi tagħna marru lura, għax f'dak li huwa aspett ta' ċerimonji u attivitajiet oħra reliġjużi li jsiru fil-Knisja, dawn għadhom isiru bl-akbar solennità u rispett. Imma mhux l-istess ngħidu għal dawk li huma attivitajiet esterni li jsiru fil-ġimgħa tal-festa. Minn dawn hemm xi wħud li huma tajbin u ta' min jinkoraġġihom, imma hemm oħrajn li qegħdin iħammrulna wiċċna meta nagħmluhom u għandna naqtgħuhom kemm jista' jkun malajr. Qed nirreferi l-aktar għall-marċi li fihom jintuża kliem ta' tgħajjir jew b'xi mod iweġġa' lil ħaddieħor.

Dan mhux kliem li qed ngħidu jien biss imma hija preokkupazzjoni tal-maġġoranza tal-kappillani, kif ukoll ta' l-isqfijiet tad-djoċesi tagħna. Din l-imġiba ħażina waqt il-marċi wasslet lill-isqfijiet biex joħorġu digriet fejn jagħtu anki regolamenti ċari dwar ċelebrazzjoni tal-festi esterni. Fil-bidu ta' dan id-digriet, l-isqfijiet jagħmlu referenza għall-ittra pastorali li kienet ħarġet fis-6 t'April 1994 minnhom stess. F'din il-pastorali nsibu miktub hekk:

"Il-Knisja trid li l-festi jkunu għalina okkażjoni biex inġeddu dejjem iżjed l-impenn tagħna biex nieħdu sehem fil-ħajja ġdida li ġabilna Ġesù u nimxu 'l quddiem fil-qdusija. Il-Knisja trid li aħna nqimu lill-qaddisin u nagħmlulhom festa qabel xejn biex nieħdu l-eżempju tajjeb tagħhom ħalli nħobbu 'l Alla dejjem aktar, u biex niksbu l-għajnuna t'Alla bl-interċessjoni tagħhom. Fl-istess ħin, il-Knisja trid ukoll li l-festi jgħinuna nissaħħu fl-għaqda ta' bejnietna lkoll, permezz ta' mħabba vera ta' aħwa."

Jekk kull min b'xi mod hu involut fil-festi, kemm bħala organizzatur jew bħala partitarju, ma jkunx fehem sewwa dan il-paragrafu, ikun fil-periklu li dak li jorganizza ma jkunx fil-linja t-tajba, kif jitolbu l-festi tagħna. Il-festi tagħna huma fundamentalment reliġjużi. Imma dawn ikunu hekk mhux għax xi ċelebrazzjonijiet tal-festa jsiru fil-Knisja, iżda għax dak kollu li jsir matul din il-ġimgħa tal-festa anke esternament, irid ikollu xejra nisranija. B'liema mod marċi bi kliem offensiv jew tqabbil ta' l-istess xeħta li jsiru bejn il-marċi, speċjalment quddiem il-każini ta' xulxin, tista' ssejjaħlu ta' xejra nisranija? U x'jiswa jekk il-kumitati, il-kappillan u l-isqfijiet iħambqu li dan m'għandux isir jekk il-partitarji jibqgħu jġibu ruħhom bl-istess mod? U tista' tlum lill-awtoritajiet tal-Knisja jekk jiddeċiedu li festi f'din l-atmosfera ma jistgħux jiġu ċċelebrati iżjed?

Hija vera ħasra li għandna xi wħud li dawn it-twissijiet għadhom m'humiex qed jagħtu kashom. Ħasra wkoll li għad għandna min hu moħħu tant magħluq, li jaħseb li l-festa ma tkunx sabiħa u brijuża jekk ma tgħajjarx u ma toffendix lill-oħrajn. Min se jkollu l-kuraġġ u s-sens ta' rġulija li dawn l-affarijiet iwaqqafhom darba għal dejjem, qabel ikun tard wisq biex insalvaw il-festi tradizzjonali tagħna?

Għalhekk minn qalbi nappella lil kulħadd biex jagħti s-sehem tiegħu ħalli nagħmlu l-festi tagħna ikbar u isbaħ mis-soltu għax ikollhom doża iktar nisranija. Jien ċert li l-Madonna tgħinna biex nilħqu dan l-iskop. Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.



*Dun Joe Bartolo waqt funzjoni ġewwa l-knisja fil-jiem tal-festa.*


Ir-Ramla
Bar, Restuarant and Pizzeria
• Franchisers of Southern Style Chicken.
• Take Away Also Available.
Booking for Coffee Mornings are also accepted.
• SUNDAY OPEN ALL DAY and FREE appetizers with drinks.
Pretty Bay, B'Buġa
Contact Victor on:
Tel: 2165 7464
Mob: 9949 3517


GIENJU GARAGE
MQABBA
TEL: 21641011
MOB: 99490353
QUEEN ELIZABETH &
LORD MOUNTBATTEN'S EX LIMOUSINE
WEDDING CARS FOR HIRE
24HRS MINIBUS AND TAXI SERVICE

# Messaġġ mis-Segretarju

is-Sur Carmel Ellul

Għeżież soċi u partitarji,

Il-ġranet igerrbu, ix-xhur jgħaddu u erġajna ninsabu qrib il-Festa tant għażiża ta' Santa Marija. Nista' ngħid mill-perjodu tal-Festa li għaddiet sal-lum, il-Kumitat ħabbat wiċċu ma' ħafna problemi li ħafna minnhom ma stennejniex li ser jinqalgħu. Dawn huma affarijiet li l-Kumitat itellfuh mill-ħidma tiegħu u mill-programm li qiegħed ifassal għall-Festa li jmiss.

Wara l-Festa kbira li kellna s-sena li għaddiet, waħda mill-prijoritajiet li kellu l-Kumitat kienet li jagħmel sett ta' pjanti ġodda għat-tkabbir tal-Każin. Il-Kumitat avviċina lis-soċju Omar Caruana u l-Perit Centurino biex isiru dawn il-pjanti. Wara li tlestew dawn il-pjanti, tressqu għall-approvazzjoni tal-membri u soċi waqt laqgħa ġenerali biex b'hekk wittejna t-triq li meta jinħarġu l-permessi meħtieġa, jinbeda x-xogħol għat-tkabbir u t-tisbieħ tal-Każin tagħna.

Ta' interess kienet ukoll il-wirja li ttellgħet f'Novembru li għadda dwar materjal pubbliċitarju, ritratti antiki, dokumenti, *cuttings* minn gazzetti u affarijiet ta' interess ieħor li kienet imtellgħa mis-sur Elvin Sciberras, membru fis-Sezzjoni Żgħażagħ, bil-għajnuna ta' membri tal-Kumitat.

F'Diċembru li għadda, aħna bħala Soċjetà nħsadna bil-mewt għall-għarrieda ta' soċju maħbub li tant ħadem għall-Festa fejn għal ħafna snin serva fil-Kumitat u kien ukoll jaħdem in-nar. Nista' ngħid li meta kont għadni daqsxejn ta' tfajjel, Innocent Camilleri kien wieħed minn dawk li ħajruni biex nidħol fil-Kumitat. Għalhekk minn hawn insellimlu u żgur li ser jibqa' mfakkar f'kull festa li tiġi.

Fil-qasam mużikali, din is-sena bqajna mexjin fuq il-passi tal-aħħar snin li jkollna xi banda barranija preżenti magħna. Madankollu l-banda Lod minn Iżrael ħassret l-impenji tagħha minħabba biża' ta' terroriżmu. Din is-sena kellna wkoll il-kor Alei Gefen minn Iżrael fejn f'Novembru li għadda ta kunċert vokali mill-aqwa fil-Każin.

Il-Banda tagħna kienet impenjata wkoll għall-ewwel darba ġewwa x-Xagħra, Għawdex fejn għamlet marċ waqt il-festa tal-Vitorja. F'April li għadda, il-Banda tagħna għamlet programm strumentali fis-sala tal-Każin fl-okkażjoni biex jiġi mfakkar il-ħames anniversarju mill-għoti ta' l-unur *Les Étoiles d'Or*.

Għal din is-sena l-Banda tagħna hija impenjata wkoll f'bosta servizzi madwar Malta, bil-qofol tagħhom ikun l-10 t'Awissu, il-Jum iddedikat lill-Banda.

Ringrazzjament speċjali jmur lill-Kummissjoni Banda, lis-Surmast, l-Assistent Surmast u lill-bandisti, filwaqt li nawgura lill-bandisti li ser joħorġu jdoqqu magħna għall-ewwel darba.

Fil-qasam ta' l-armar ma nistgħux ngħidu li kellna sena impenjattiva ħafna, madankollu x-xogħol baqa' miexi b'ritmu tajjeb. Għas-sena li ġejja, il-Kumitat diġà pprepara programm ta' xogħol intensiv. Hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk in-nies li ħadmu matul din is-sena u lil dawk is-soċi u partitarji li jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw qabel u wara l-Festa.

Il-fergħa tan-nisa wkoll kompliet bl-attivitajiet matul is-sena biex jinġabru fondi b'risq il-Każin u l-Festa. Hawn, il-Kumitat jixtieq jara iżjed nisa attivi fi ħdan l-Għaqda tan-nisa.



*Is-Segretarju jidher jindirizza lill-mistednin waqt attività fil-każin.*

Ringrazzjament speċjali jmur lil dawk li ħadmu n-nar matul is-sena biex ikomplu jkabbru l-Festa.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nirringrazzja lill-konsulent legali tal-Każin Dr. Marse Ann Farrugia Dip. CAN.L., LL.D. tal-għajnuna li tat lil Kumitat matul is-sena, lis-Sezzjoni Żgħażagħ, lil sħabi tal-Kumitat, lil dawk li ser jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw il-knisja, lill-benefatturi, soċi u membri.

Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd, u li kulħadd iġib ruħu sewwa speċjalment waqt il-marċi għaliex il-festa tiġi biex nieħdu u nagħtu pjaċir lil min jiġi fil-jiem tal-Festa.

Grazzi

Viva Santa Marija




Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar
Tel: (356) 2157 3093, 2157 2666 Fax: (356) 2157 5562

# Appell mill-Kaxxier

**is-Sur Carmel Briffa**

Bil-għajnuna t'Alla reġgħet għaddiet sena oħra u ninsabu ftit granet bogħod mix-xahar t'Awissu, li huwa sinonimu mal-Festa ta' Santa Marija għall-Maltin u l-Għawdxin kollha. Fir-raħal tagħna wieħed iħoss dak il-ferħ għaliex tkun waslet il-festa tat-Titular u l-Patruna ta' l-Imqabbin, it-tlugħ fis-Sema ta' Ommna Marija.

Din is-sena, il-festa ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba hija waħda speċjali. Ta' min ifakkar illi din is-sena qegħdin niċċelebraw il-ħamsa u sebgħin sena (1928-2003) mill-inawgurazzjoni tal-Qabar tal-Fidda u l-Bradella ta' l-Istatwa ta' Santa Marija. Dawn iż-żewġ opri ġew inawgurati nhar is-Sibt 11 ta' Awissu tas-sena 1928. Id-disinn ta' dawn kien fdat f'idejn l-Imgħallem Abram Gatt ta' Bormla. Ix-xogħol ta' l-injam fuq il-Bradella sar mis-Surmast Manwel Buhagiar, waqt li x-xogħol tal-fidda tal-pedestall inħadem ġewwa Milan għand id-ditta Antonio Gheizzi e Figli. Qegħdin infakkru wkoll it-tmenin sena mill-pedestall il-kbir li jirrappreżenta l-Inkurunazzjoni ta' Ommna Marija flimkien mal-mija u ħamsin sena tal-mużika ta' l-Antifona li tindaqq fil-Knisja hekk kif l-Istatwa Titulari tidħol mill-ġdid fil-Knisja wara l-purċissjoni.

Qegħdin infakkru wkoll il-ħames sena mir-rebħ tal-premju Internazzjonali 'Les Étoiles d'Or du Jumelage' li s-Soċjetà tagħna rnexxielha takkwista għan-nom ta' l-Imqabbin kollha. Għalhekk is-sena 1998 kienet sena verament li tibqa mniżżla bl-ittri tad-deheb fil-kalendarju tas-Soċjetà tagħna għaliex huwa l-uniku u l-ewwel unur li qatt intrebaħ f'Malta kollha.

Sabiex infakkru dawn l-avvenimenti, il-Kumitat flimkien mad-diversi sezzjonijiet tas-Soċjetà ħejja ġimgħa ta' attivitajiet. Hawn ta' min isemmi l-Banda Re Ġorġ V li taħt it-tmexxija tas-Surmast David Agius ser tesegwixxi xejn anqas minn erba' servizzi matul il-ġranet tal-festa. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-bandisti tal-post għas-sagrifiċċju li jagħmlu matul is-sena kollha sabiex jippreparaw għall-programm tant mistenni ta' l-10 t'Awissu.

Iż-żgħażagħ komplew jaħdmu sabiex ikabbru l-festa, l-iktar din is-sena li qegħdin ifakkru l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tas-sezzjoni, permezz ta' tiżjin ġdid u nħeġġiġħom sabiex fil-ġranet tal-festa jgħinu lill-Kumitat Ċentrali fl-armar tal-festa. Ma rridx ninsa lill-kumitat tan-nisa li matul is-sena jorganizza diversi attivitajiet sabiex jinġabru fondi li huma ta' għajnuna kbira għas-Soċjetà.

Ma nistax ma nsemmix il-wirja spettakolari ta' nar, kemm ta' l-ajru kif ukoll ta' l-art, li jkollna fil-festa. Dan huwa kollu frott il-ħidma kbira u sagrifiċċju li jagħmlu d-dilettanti tan-nar matul is-sena kollha.

Kif qegħdin taraw sabiex tagħmel festa ta' livell hekk għoli hemm bżonn l-għajnuna ta' kulħadd, kemm permezz ta' l-offerti ġenerużi tagħkom kif ukoll permezz ta' l-għajnuna manwali matul il-ġranet tal-festa. L-appoġġ kontinwu tagħkom jimliena bil-kuraġġ u d-determinazzjoni.

Nagħlaq dan l-appell tiegħi billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat u lil dawk kollha li ħadmu matul is-sena sabiex naslu għall-festa oħra speċjali. Bħas-snin l-oħra jiena ċert li bil-ġenerożità, l-imħabba u d-devozzjoni tagħkom lejn Santa Marija, il-festa se tkun suċċess. Għalhekk inħeġġeġ lill-Imqabbin kollha, speċjalment lis-soċi u partitarji biex niċċelebraw din il-festa billi nattendu għall-funzjonijiet li jsiru fil-knisja u l-marċi matul il-ġranet tal-festa. Nixtieq li l-ferħ u l-briju waqt il-marċi jkunu sinjal ta' ferħ ġenwin ħalli min jarana jinduna li aħna tassew nies ta' kultura u l-ferħ tagħna juri mħabbitna lejn Santa Marija.

Nispiċċa billi nawgura u nifraħ lil Patri Karm Zammit f'għeluq il-ħamsin sena bħala saċerdot li ser jiċċelebra f'Settembru li ġej. Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha, speċjalment lill-morda u lil dawk li sfortunatament ma jistgħux igawdu l-festa magħna. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, lill-emigranti kollha li għalkemm jinsabu 'l bogħod minn xtutna, inħossuna viċin xulxin f'dawn il-jiem tal-festa.

VIVA SANTA MARIJA

VIVA L-BANDA RE ĠORĠ V



*Is-Sur Carmel Briffa (xellug) jidher jirċievi rigal f'għeluq il-25 sena kaxxier tas-Soċjetà.*

**The Quality in People Award** was awarded to Elbros Construction Ltd. in October last year.

The Award confirms the Company's commitment to its human resources and has consolidated further its impressive achievements.

**Elbros Construction Ltd.** - *the Company which puts people FIRST.*


# EBCON GROUP OF COMPANIES

*(the leading Companies: Elbros Construction Ltd., Elbros Concrete Ltd., PPB Malta Ltd. and Malta Fishfarming Ltd.)*




Awarded the 1995 Euromarket Award by the European Market Research Centre in Brussels for being outstanding in management, quality, technical innovation, service, business level and prestige in the European market




**EBCON** Group of Companies Triq l-Industrija Kirkop ZRQ 10 Tel: (356) 21249999 Fax: (356) 21685075

# Messaġġ mis-Surmast

is-Sur David Agius

*A Mus LCM A Mus VCM(Hons) ALCM*

Insellem lill-qarrejja ta' dan il-ktejjeb u lill-ammiraturi tal-Banda tagħna. Permezz ta' dawn il-kelmtejn nixtieq nagħti rendikont tax-xogħol li sar tul l-aħħar sena fi ħdan il-kamp mużikali tal-Banda tagħna.

L-ewwelnett ma nistax ma nsemmix ir-regolarità fil-provi li jsiru ta' kull ġimgħa matul is-sena kollha li jinżammu frekwentament. Ħafna soċjetajiet isibuha ferm diffiċli biex ikunu jistgħu jtellgħu provi ta' kull ġimgħa. Fi ħdan is-Soċjetà tagħna jidher bil-fatti li attwalment din il-problema ma teżistix grazzi għall-impenn u l-imħabba li għandhom il-mużiċisti tal-lokal għas-Soċjetà tagħhom.

Fil-fatt jiena bħala s-Surmast Direttur nista' ngħid li b'din l-inizjattiva jirnexxili noqrob aktar lejn eżekuzzjonijiet ta' livell ma' din il-banda, għax bl-ammont ta' provi li jkolli fihom, mużiċisti f'kull sezzjoni, nista' nqassam ix-xogħol sewwa u l-provi jsiru fuq livell għoli.

Dan l-impenn dejjem intwera fil-kunċerti mużikali li ntellgħu fejn l-eżekuzzjoni tilħaq il-livelli mixtieqa kemm rigward ta' bilanċ fil-ħoss kif ukoll fid-dynamics tal-mużika, li sfortunatament mhux dejjem jingħataw importanza minn ċertu surmastrijiet fi gżiritna. Kuntent ħafna li bin-nukleu ta' mużiċisti li għandna qed naslu għal dan ir-riżultat li fil-mużika diffiċli biex jintlaħaq.

Wieħed irid iqis li l-arti tal-mużika hija unika għax m'hemmx triq tan-nofs; jew ħażin jew tajjeb biss jeżisti, għax ħadd ma jista' jħassar eżekuzzjoni b'gomma.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien qiegħed ninnota li fil-kunċert mużikali li nagħmlu fix-xitwa ad unur Les Étoiles d'Or, liema kunċert kien introdott minni, il-livell qiegħed dejjem jogħla kemm fl-eżekuzzjoni, kif ukoll fl-għażla tal-mużika li tintgħażel. Dan kollu huwa dovut għall-impenn minn kulħadd u jiena grat għal kull min għandu x'jaqsam.

It-tagħlim tal-mużika wkoll qiegħed jittieħed b'aktar serjetà. In-numru ta' allievi baqa' kostanti u numeruż.

Dan huwa awgurju tajjeb għall-futur tal-Banda tagħna, li 'l quddiem tkompli tikber bil-mużiċisti tal-lokal. Wieħed ukoll irid isemmi li issa, aktar minn qatt qabel, kulħadd aċċetta li l-importanza għandha tingħata lill-kwalità u mhux lill-kwantità ta' bandisti.

Nispiċċa l-artiklu tiegħi billi nirringrazzja lill-mużiċisti tal-lokal, lill-assistent surmast kif ukoll lill-Kumitat għall-għajnuna li dejjem tawni. Inħeġġeġ lil kulħadd biex jattendi għall-kunċert mużikali li jittella' ta' kull sena fl-10 t'Awissu, fejn ma jistax jonqos li bħal kull sena, se jkollna programmat kunċert ta' livell għoli.

Nawgura bħal kull sena suċċess kbir lill-ħaddiema tan-nar li dejjem offrew spettaklu uniku f'Malta.



*Mro. David Agius jidher jidderieġi l-banda waqt programm sinfoniku.*


Cini Marble Works
Specialising in
Staircases, Kitchen Tops, Facades, Skirting etc.
We do Monuments, Fireplaces & Memorials with special prices
For Free Estimate Call: 7905 6170
Tel: 2168 5014 Fax: 2164 9161
cinimarbleworks@hotmail.com


COLOUR....
IMAGINE LIFE WITHOUT IT
Macpherson
DURAKOTE
SMOOTH EXTERIOR PAINT
WHITE
Macpherson paints
The finishing touch
TRADE ENQUIRIES: TEL. 2182 4104/4

Patri Joseph M. Ghigo SJ

# Marija Mtellgħa fis-Sema



Kull sena l-Imqabbin ikunu fuq ix-xwiek jistennew li tasal il-Festa ta' Santa Marija. Din hija festa mill-akbar għall-insara kollha, imma b'mod speċjali għar-raħal ta' l-Imqabba. Diġà, minn qabel is-sena 1598, meta l-Isqof Gargallo waqqaf il-Parroċċa tagħna, Santa Marija fiċ-ċentru tar-raħal, kienet tiġbed il-qima ta' missirijietna kollha. Aktar minn San Bażilju, avolja dan hu qaddis kbir li għalih għandu msemmija knisja waħda biss f'Malta u Għawdex.

Matul dawn is-snin kollha, id-devozzjoni ta' l-Imqabbin lejn Sidtna Verġni Mqaddsa Marija Mtellgħa fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, kompliet tikber u tissaħħaħ dejjem aktar. Jaqbel għalhekk li minn qabel il-Festa tagħha u tagħna, kull wieħed u waħda minna jeżamina sewwa ruħu biex jara ftit aħjar li f'ħajjitna m'hemm xejn li ma jogħġobx lil Santa Marija u lil Binha Ġesù, li sar bniedem għax ħabbna fuq li ħabbna, anzi sal-mewt tas-salib!

Meta marret iżżur lil qaribitha Eliżabetta, Marija nfexxet f'għanja ta' ferħ li nerriċitawha sikwit kull meta ngħidu l-"Magnificat". Marija "tfaħħar il-kobor tal-Mulej, għax Hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-Qaddejja tiegħu." X'ma nsejħulhiex "hienja" b'qalbna kollha ladarba s-Setgħani stess għamel magħha "ħwejjeġ kbar"! Ma kienx il-Mulej li għażilha biex tkun Omm Ibnu l-għażiż, Omm Alla, u allura żammha "ħielsa minn kull tebgħa ta' dnub sa minn meta tnisslet"? Il-Festa tal-lum ġabet magħha wkoll l-Inkurunament glorjuż tal-Verġni Marija għax il-Mulej innifsu tellagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem biex tibqa' dejjem tidħol għalina quddiemu, għal kull wieħed u waħda minna, fil-bżonnijiet kollha tagħna...

Il-Papa Pawlu VI fl-1974, f'dokument importanti fuq il-qima ta' Marija, kiteb dan il-kliem tassew sabiħ: "Din il-Festa tpoġġi quddiem għajnejn il-Knisja u quddiem il-bnedmin kollha x-xbieha u l-prova ta' faraġ li għad isseħħ it-tama tagħhom ta' l-aħħar." Dan jgħodd għalina wkoll u għalhekk għandna nirringrazzjaw lil Alla li rabatna hekk mill-qrib ma' l-Imqaddsa Ommu. It-talba ħerqana tagħna għandha dejjem tkun li ngħixu qrib l-Omm t'Alla u Ommna lkoll.

Li Marija tibqa' tgħix ma' Binha għal dejjem huwa fatt sabiħ ħafna. Ladarba Marija ssieħbet miegħu fit-taqbida kontra d-dnub, huwa xieraq li issa qiegħda ssaltan miegħu għal dejjem. Ladarba ssieħbet miegħu fi tbatijietu u saħansitra f'mewtu, huwa tassew xieraq u sewwa li issa tissieħeb miegħu fil-glorja tiegħu bir-ruħ u l-ġisem. Din ix-xorti ta' Santa Marija qed tistenniena għax għad tkun ix-xorti ta' dawk kollha li bħalha u magħha jissieħbu ma' Ġesù Binha u Ħuna l-kbir fil-ġlieda kontinwa kontra d-dnub u l-ħażen. Nimxu mela wara Ġesù fit-triq tas-salib għax din hija t-triq waħdanija li twassal għall-glorja ta' dejjem.

Il-Festa ta' Santa Marija tiġi u tgħaddi, bħalma għaddiet minn fuq ħafna minn qrabatna. Jaqbel għalhekk li l-Festa ta' Santa Marija tħalli frott kotran fina u fostna. Jixraq ukoll li bil-ħerqa nitolbuha ta' spiss u ngħidulha: "Marija, Omm Alla, kun inti ommna biex twassalna lkoll, kull wieħed u waħda minna, fil-glorja tiegħek għal dejjem."

**Nota Editorjali:**
Dan huwa l-aħħar artiklu li kiteb Patri Joseph M. Ghigo SJ qabel ma ħalliena għall-ħajja ta' dejjem, nhar il-Ħadd 20 ta' Lulju 2003.

*Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.*




FARELL

BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

BLUE GROTTO AVE., ŻURRIEQ

TELEPHONE: 642396

# ĠEMELLAĠĠ

## Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba, Malta
## Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano, Ascoli Piceno, Italja

kitba ta' Alfred Galea

# Ħames Snin 'Étoiles d'Or du Jumelage' (1998-2003)

L-idjoma Maltija tgħid 'id-dinja rota ddur' jew 'iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd'. U hekk is-Soċjetà tagħna. Is-snin għaddew minn fuqha. Dalwaqt tagħlaq 100 sena mwaqqfa jekk Alla jrid. U matul dawn is-snin is-Soċjetà tagħna kellha għadd ta' mumenti sbieħ u glorjużi, bħal kull Soċjetà oħra naturalment. Għadd ta' episodji li għaddiet minnhom is-Soċjetà tagħna baqgħu mniżżlin b'ittri tad-deheb fl-istorja. Mhux għax kull avveniment li ngħaddu minnu ma jixraqlux post xieraq fl-istorja. Xejn minn dan. Però f'kull qasam tas-Soċjetà li ngħixu fiha, ikun hemm ċerti episodji li jibqgħu jiġu mfakkra għax ikunu xi ħaġa speċjali, li jħallu impatt fil-ħajja tas-Soċjetà. U hekk is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba. Erba' snin ilu meta ktibt fil-Programm tal-festa, kont għedt li s-




*Skambju tar-rigali bejn il-presidenti taż-żewġ baned. Italja 1996.*

Soċjetà tagħna għamlet unur mhux biss lilha nnifisha, iżda lill-Imqabba u lil Malta u Għawdex b'mod ġenerali. Iva, issa ilna kważi ħames snin onorati b'dan l-unur uniku għal pajjiżna. U din is-sena, f'għeluq dan l-anniversarju speċjali mill-għoti ta' *Les Étoiles d'Or* lis-Soċjetà tagħna, jiena bħala l-persuna li ħdimt ħafna fl-organizzazzjoni ta' l-avvenimenti li wasslu għal dan l-Unur Uniku, nixtieq naqsam magħkom il-qarrejja analiżi ċkejkna fuq dan l-avveniment storiku.




*Bandisti u l-kumitat mal-wasla lura mill-Italja. Lulju 1996.*

### Kif wasalna għal dan l-Unur?

Kollox beda nista' ngħid bħala ċajta bejn is-Segretarju tas-Soċjetà Carmel Ellul u bejni. Dan donnu kien 'sfidani' (jew aktar aħjar 'imbuttani') sabiex naħdem ħalli norganizza mawra barra l-pajjiż għall-Banda tagħna. Niftakar li għall-bidu din il-biċċa xogħol konna żammejniha bejnietna t-tnejn għal xi ftit xhur mhux ħażin. Esperjanza ta' biċċa xogħol bħal din ma kellix. Għalhekk ħassejt li kellu jkun xieraq inżommu kollox mistur sakemm ikollna stampa aħjar ta' l-affarijiet. Kont bdejt naħdem għal xi Settembru ta' l-1995 permezz ta' kuntatti ma' xi baned Taljani. Għaddew naħseb xi tliet xhur oħra qabel is-Segretarju u jien infurmajna b'kollox lill-Kumitat tas-Soċjetà. Għalija dawn kienu affarijiet ġodda għal kollox. Però bi ftit tal-ħsieb irnexxieli nasal.

Kienu għadd ġmielu ta' baned mir-reġjun Taljan Marche li urew interess. Minn din l-inizjattiva jien xtaqt noħloq skambju kulturali għall-Banda tagħna. F'moħħi kelli għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Banda tagħna li ħabat xi sena u nofs wara, jiġifieri fl-1997. Għal xi raġuni jew oħra l-għażla waqgħet fuq il-Banda


ISSA Tista` Tirbaħ
Lm 40,000
jew aktar meta taqta'
5 minn 42 numru
SUPER 5 42
4
Hemm ukoll garantita
s-somma ta' Lm10
għal min jaqta' bi tliet numri
3
Tlugħ kull nhar ta' Erbgħa fis-7.15pm.


ZAHRA LTD.
Director: Joe Zahra
Supply of Concrete, Stone
& Brick Works
Zahra Limited, Siġġiewi Road, Ta' Kandja, L/O Mqabba
Tel: 2164, Fax: 2164 601, Mob: 9949 6196 - 9942 4689


The
Fruit
Shop
9th April 1942 Street, Mqabba
Tel: 21 647963 • Mobile: 7982 4126




*Il-plakka kommemorattiva ta' l-unur.*



*Ritratt tal-Corpo Bandistico di Vittoria in Matenano ġewwa l-bitħa tal-Palazz il-Belt.*

partikulari s-Sindku Francesco Mancini u sħabi organizzaturi min-naħa Taljana, Fabio Millevolte u Vincenzo Pennesi, dawn iż-żewġ żjarat li saru matul l-iskambju, kienu ġew rappurtati b'mod dettaljat lill-Unjoni Ewropea. Dan fl-ambitu li l-ġemellaġġ ta' bejnietna kien qiegħed jgħin sabiex jgħaqqad żewġ popli Ewropej aktar flimkien permezz tal-Baned tagħhom primarjament.

Qed ngħid primarjament għaliex f'dawn l-inizjattivi mhux il-Banda biss lagħbet parti importanti. Ma ninsewx illi meta aħna morna l-Italja konna kontinġent ta' 120 ruħ li xi 40 minnhom kienu bandisti. Hemmhekk aħna ltqajna mal-poplu kollu tar-raħal ta' Santa Vittoria u żorna numru ta' rħula u postijiet kemm fil-Provinċja kif ukoll madwar l-Italja, fejn f'kull post iltqajna man-nies u rajna l-kultura ta' kull lokal. Il-Banda ta' Santa Vittoria ġiet Malta b'kontinġent ta' 96 ruħ li minnhom ukoll madwar 40 kienu bandisti.

Hawn Malta mbagħad kien involut kemm il-poplu Mqabbi permezz tal-festa u kemm il-poplu in ġenerali Malti u Għawdxi permezz taż-żjarat li saru madwar Malta u Għawdex minn dan il-grupp. Kemm fl-Italja kif ukoll f'Malta saru laqgħat uffiċjali fuq skala importanti li komplew taw spinta aktar lill-kunċett ta' 'Għaqda Ewropea' f'dan il-ġemellaġġ. Dan kollu fil-fehma tiegħi kien ta' importanza kbira sabiex dan il-ġemellaġġ iħalli impatt konsiderevoli ma' l-Unjoni Ewropea. Kieku ma kienx hekk, dan l-Unur żgur li qatt ma kien ser jasal għandna.

Diġà kelli ċ-ċans nirrakkonta kif wasalna sabiex irċevejna dan l-unur hekk prestiġġjuż. Nisthajlu qisu l-bieraħ meta Fabio Millevolte ċempilli u qalli li huma kienu ġew infurmati li ngħataw dan l-unur. Sa dakinhar aħna ma konna għadna smajna xejn. Nistqarr illi jien kont bqajt daqsxejn xettiku rigward dan sakemm ġiet l-aħbar uffiċjali ftit wara mingħand l-Unjoni Ewropea, li anke aħna konna ġejna ppremjati.

Kienet esperjenza unika dik ta' Ferrara f'Novembru 1998 meta l-President tas-Soċjetà, is-Sindku ta' l-Imqabba u jien konna morna l-Italja sabiex flimkien mal-ħbieb minn Santa Vittoria nirċievu l-unur. Qatt daqs dakinhar ma ħassejtni daqshekk kburi li jien Malti. Anke jekk aħna poplu żgħir, b'dak li nagħmlu kapaċi nħabbtuha ma' popli ferm akbar minna!!

## X'sar wara dawn l-avvenimenti?

Naturalment wara dak li nkiseb minn dan il-ġemellaġġ, ftit wieħed jista' jistenna xi affarijiet oħrajn kbar. Min-naħa tas-Soċjetà tagħna u tal-Banda ta' Santa Vittoria, il-kuntatti u r-rabtiet ta' ħbiberija għadhom hemm, sodi aktar minn qatt qabel. Matul dawn is-snin li għaddew komplejna nibdlu ideat kulturali u mużikali bejnietna. Rigward aktar minn hekk, ftit nara li jista' jsir bejnietna fejn jidħol ġemellaġġ bejn il-Baned.

Min-naħa l-oħra, kemm lis-Soċjetà tagħna, kif ukoll lill-Banda ta' Santa Vittoria, dan il-ġemellaġġ għenna ħafna u nista' ngħid li lit-tnejn fetħilna orizzonti ġodda. Għaż-żewġ naħat, din kienet l-ewwel esperjenza fil-qasam internazzjonali. Aħna hawn Malta komplejna nifthu fil-qasam internazzjonali. Il-kuntatti ma' baned barranin kibru bħalma jaf kulħadd.

Illum is-Soċjetà u l-Banda tagħna għandhom relazzjonijiet eċċellenti ma' numru ta' baned u persuni fil-qasam mużikali barra minn Malta. Ukoll, aħna nemmnu li fiċ-ċokon tagħna nistgħu dejjem nitgħallmu minn min għandu esperjenza aktar minna fil-qasam kulturali. Il-Banda tagħna llum ukoll qiegħda tgawdi frott dan kollu. L-arkivju tal-Banda tagħna qiegħed dejjem aktar jiżdied fil-kwantità u kwalità ta' mużika li l-ħbieb tagħna barra minn Malta jogħġobhom jibgħatulna. Biżżejjed insemmi li matul is-sena li għaddiet irċevejna mużika direttament mingħand il-United States Marine Band.

Similment ġara ġewwa Santa Vittoria in Matenano. L-interess fil-banda qiegħed dejjem jiżdied. L-

# Daqshekk ħela ta' ħin fil-kju biex issarraf iċ-ċekk!

## Uża l-BOV *Direct Credit* B'XEJN!




## Iġbed il-pensjoni tiegħek minn kwalunkwe ATM tal-BOV, mingħajr ma titlef ħin tistenna.

Bil-*BOV Direct Credit*, il-pensjonanti jistgħu jiffrankaw il-ħin, u ma joqogħdux jistennew fil-kju. Gawdi mill-kumdita' li tiġbed il-pensjoni tiegħek meta trid u kif trid, minn waħda mill-ATMs tal-BOV. Għadek qed taħsibha?

**Staqsi fl-eqreb fergħa tal-BOV biex tara x'hemm bżonn tagħmel biex tibda tirċievi l-pensjoni mill-ewwel fil-kont tiegħek.**

Customer Care
FREEPHONE
8007 - 3130

**BOV Direct Credit**

*Mod faċli u dirett għal flusek*

BOV

www.bov.com
e-mail: customercare@bov.com

esperjenza ma' 'Malta' għenithom ukoll jiftħu orizzonti ġodda. Mill-avvenimenti tal-ġemellaġġ 'il hawn, din il-Banda kabbret il-kuntatti ma' għadd ġmielu ta' baned oħra kemm Taljani kif ukoll barranin. Sa anke waslu ftit ilu biex jorganizzaw l-ewwel festival internazzjonali għall-baned ġewwa Santa Vittoria li qaluli kiseb suċċess mhux ħażin. Għal dan il-festival il-Banda tagħna ġiet mistiedna però minħabba għadd ta' raġunijiet, fosthom il-perjodu meta dan l-avveniment ġie organizzat, ma stajniex nieħdu sehem.

Min-naħa tagħna, riżultat ta' din l-esperjenza, kien numru sabiħ ta' baned barranin oħra, minn diversi pajjiżi, li ġew mistiedna mis-Soċjetà u pparteċipaw fil-festa ta' Santa Marija. Sa din is-sena stess konna fi stadju avvanzat ta' kuntatti sabiex Banda minn Iżrael, Lod Youth Concert Band, tiġi Malta għall-festa ta' Santa Marija. Ħasra illi minħabba t-theddida tat-terroriżmu li llum aktar minn qatt qabel, hija qawwija, kellna nipposponu din iż-żjara għal żminijiet aħjar.

Semmejt li aħna fiċ-ċokon tagħna għandna ħafna x'nitgħallmu mill-barranin. Dan huwa veru u ħadd ma jista' jinnegah. Però minn wara din l-esperjenza tgħallimna wkoll li aħna, anke jekk wieħed minn fost l-iktar popli żgħar ta' l-Ewropa, għandna ħafna x'noffru. Dan nesperjenzawh meta barranin (li mhux baned biss) iżuruna waqt il-jiem tal-festa, jew inkella jżuru l-każin tagħna matul il-festa jew jiem oħra tas-sena. Dak li nafu nagħmlu aħna bħala Maltin u dak li nippossiedu aħna, tista' tgħid li dejjem iħalli impressjoni aktar minn tajba fuq il-barranin li jogħġobhom iżuruna.

Wara li għamilna dan il-ġemellaġġ, u wara li għaddew l-avvenimenti uffiċjali konnessi miegħu, partikularment wara li s-Soċjetà tagħna ġiet onorata bl-unur *Les Étoiles d'Or* , inqalgħu polemiki fir-raħal tagħna, li fihom is-Soċjetà tagħna ġiet involuta, fl-opinjoni tiegħi, intortament u bla bżonn.



Naħseb li wasal iż-żmien li min qiegħed jipprova jmexxi 'l quddiem dawn il-polemiki jirrealizza ftit li dak li qiegħed isostni hu bla bażi. Tista' tasal aktar milli titlob investigazzjoni mill-Pulizija? L-investigazzjoni mill-Pulizija saret. X'irriżulta? Akkużi infondati fosthom indirettament fil-konfront tas-Soċjetà Santa Marija. Jekk l-unur ingħata wara azzjonijiet li saru matul il-ġemellaġġ tal-Banda tagħna u organizzati mill-bidu sa l-aħħar mis-Soċjetà tagħna, jista' wieħed ikollu raġuni għalfejn jgħid li l-Premju u ċ-Ċertifikat li ngħataw ma' l-unur *Étoiles d'Or du Jumelage* ma jappartjenux lis-Soċjetà tagħna? Fondi mill-Unjoni Ewropea ngħataw sabiex ikopru parti mill-ispejjeż involuti fl-organizzazzjoni tal-ġemellaġġ.

L-ispejjeż kollha involuti nħarġu mis-Soċjetà tagħna. Tant hu hekk illi l-fondi li ngħataw għaddew direttament fil-kont bankarju tas-Soċjetà.

## X'jista' jsir issa wara dan kollu?

Naturalment il-parti tagħna bħala Soċjetà Santa Marija għamilniha u bil-kif. Ħloqna ġemellaġġ bejn il-Banda Re Ġorġ V u l-Corpo Bandistico Citta' di Santa Vittoria in Matenano. Organizzajna skambju kulturali li permezz tiegħu għamilna ġieħ bil-provi lill-Imqabba u lil Malta.

L-akbar ħaġa mbagħad hija li rnexxielna nżejnuh b'unur hekk kbir li din is-sena qegħdin infakkru għeluq il-ħames sena tiegħu fostna. Kien hawn individwi li ma ħadux bis-serjetà dak li konna qegħdin norganizzaw aħna. Jidher però li ż-żmien tana raġun. Illum ċertament ħadd ma jista' jinnega li meta l-Banda Re Ġorġ V siefret barra minn xtutna għamlet unur kbir lil Malta.

Naħseb illi issa wasal iż-żmien li kulħadd jaħdem sabiex dak li nkiseb inkomplu nkabbruh u nżidu miegħu. Meta ngħid kulħadd qiegħed nalludi għal kull għaqda u entità li teżisti fl-Imqabba. Kull meta ktibt fuq dan il-ġemellaġġ dejjem stedint lil kulħadd, mingħajr distinzjoni ta' partit u kulur, sabiex jieħu l-opportunitajiet kbar li dan il-ġemellaġġ jista' joffri.

Matul dawn is-snin saru xi tentattivi li setgħu ħallew ġid. Sfortunatament dawn ma kisbux l-eżitu mixtieq. Jeħtieġ fl-opinjoni tiegħi li sabiex minn dan il-ġemellaġġ ingawdu aktar, aħna bħala Mqabbin, naħdmu id f'id u nigbdu ħabel wieħed. Min-naħa ta' Santa Vittoria in Matenano, huma lesti li jkabbru dan il-ġemellaġġ. Mill-informazzjoni li għandi, grupp ta' Sindki minn viċin Santa Vittoria qegħdin jippjanaw żjara f'Malta flimkien ma' Francesco Mancini, Sindku ta' Santa Vittoria bil-għan li jiftħu relazzjonijiet mill-qrib ma' Malta.

Riżultat tal-ġemellaġġ li hemm bejn il-Baned tagħna, naf illi l-belt ta' Fermo (belt fil-Provinċja ta' Ascoli Piceno u viċin Santa Vittoria), bil-għajnuna tal-Kunsill ta' Santa Vittoria, tinsab f'kuntatti ma' lokalità f'Malta sabiex isir Ġemellaġġ.

Nagħlaq għalhekk permezz ta' appell ċkejken sabiex mil-lum 'il quddiem kulħadd jimxi fuq l-eżempju tagħna u jaħdem fuq inizjattivi bħal dawn. B'hekk biss inkomplu nkabbru ma' dak li rnexxielna nġibu aħna u nkomplu dejjem iżjed ngħollu 'l fuq l-isem tar-raħal tagħna l-Imqabba u ta' Malta, art twelidna.

# TAX-XIHA RESTAURANT

Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq




*specialising in:*

**FRESH FISH AND MEAT**

***(A la Carte and Maltese Rabbit also available)***

**AND MANY SPECIAL DISHES**

*For reservations phone 2168 0684*

**Opening Hours (from 1st June onwards)**
**from 9.00am till 11.00pm**

# Tislima lil Santa Marija

## *F'Għeluq il-75 sena mill-Bradella u Qabar tal-Fidda u l-5 Anniversarju mill-Premju Les Étoiles d'Or du Jumelage*

**Poeżija ta' Carmel Bianchi**



L-Għaxqa tiegħi li niġi kull sena
f'din il-pjazza ma' ħuti Mqabbin
biex infaħħar lil Santa Marija
li għalina teżor l-aktar fin.

Din is-sena bil-ferħ qed infakkru
tliet ġrajjiet li jistħoqqu tifħir
il-bradella u l-qabar tal-fidda
u Les Étoiles d'Or, premju wisq kbir.

Dan il-premju ta' ġieħ illi rbaħna
prestiġġjuż u jagħmlilna unur
l-ewwel darba li daħal f'raħalna
għal dil-banda il-ġieħ lejha jmur.

Din il-banda b'dal-premju kburija
li għaniha b'dal ġieħ tassew kbir
bih dil-banda, f'din l-art Imqabbija
rispett tgawdi wisq għani mhux fqir.

Il-bradella u l-qabar tal-fidda
ilna ngawdu daż-żewġ opri sbieħ
għal tliet kwarti ta' seklu fl-Imqabba
xogħol mill-isbaħ għalina ta' ġieħ.

Sew kien jixraq dal-qabar tal-fidda
frott l-imħabba tat-twajba Mqabbin
li dan ġmielu sabiħ jarmi d-diji
opra oħra li biha kburin.

Ġawhra oħra hi din il-bradella
xogħol ta' arti maħdum b'ħafna fin
tassew tixraq b'rigal lill Omm t'Alla
li offrejna mill-qalb l-Imqabbin.

Id-disinn ta' dawn l-opri mill-akbar
żgur għalina, dawn kapulavur
u ngħożżuhom għax dawn minn l-id ħarġu
t'Abram Gatt li jixraqlu unur.

Tpaxxa mela O Santa Marija
b'dawn il-opri l'għamilna għalik
bihom nuru mħabbitna qawwija
u kemm aħna tassew kburin bik.

Mill-irwiefen ħarisna Marija
kuljum jonfħu setgħana madwar
għinna nirbħu il-biża', b'qlubija
żommna sodi ulied ta' l-azzar.

Inwegħduk O Marija Omm tagħna
ismek fostna dan żgur ma jmut qatt
jibqa' għaddej minn ulied għal uliedna
sod u qawwi, li ma jżommu hadd.

Għalhekk aħna l-ulied ta' Marija
b'dil Patruna nħossuna kburin
ħdejha żgur li nħossun' għalenija
għax hi l-għaxqa ta' kotra Mqabbin.

Ibqa' saltan fuq dar-raħal tagħna
inti taf li nħobbuk l-Imqabbin
biegħed minna kull xkiel li jifridna
sew li ngħixu flimkien u henjin.

Ibqa' bierek O Santa Marija
sew lir-raħal u lkoll Imqabbin
u kull ħin ġo qalbek kennija
żommna hienja u lkoll magħqudin.

**Qormi**
*13 ta' Ġunju 2003*



# Dolceria Croce Bonaci

We are the originals

Over 100 years Experience

*(Prop. Charles Bonaci)*

**Dolceria:**
32, St. Ursula Street,
Valletta
Te/Fax: 2122 5924

**Shop:**
24D, St. John Street,
Valletta.
Tel: 2124 7933

# Tahabel Limited

Prop: J. Ferriggi

*Rope & Chair Dealer*

*Fejn issibu kull tip ta' spag
u tajjar għax-xogħol tan-nar.*

'St. Catherine', John Borg Str.,
Żejtun ZTN 05 - Malta
Tel: 2167 3589 – Mob: 9947 0351 – Fax: 2169 2894

# Il-Leġġenda ta' l-Anġlu

kitba ta' Patrick Mallia

Anġlu tas-sema kien .... Kien ta' ġmiel bla qies, imbaċċaċ, wiċċ mill-isbaħ, xagħru nokkli, imnieħru mislut, għajnejh żoroq ... insomma dak li kien jixraq biex dan l-anġlu jitpoġġa ħdejn il-Madonna, għax kulħadd kien ta' l-istess fehma li l-Madonna kien jixirqilha l-isbaħ, l-ifjen, l-ogħla u l-aqwa.

U hekk kien. Dan l-anġlu kien ilu ħdejn il-Madonna mtellgħa s-sema sa minn ftit taż-żmien wara li l-id tal-imgħallem kienet sawritha, għax kienu jgħidu li ġmiel ta' statwa bħal dik, kien jixirqilha li jkollha anġlu tas-sema biex jagħmlilha kumpanija.

Il-Madonna flimkien ma' dan l-anġlu kellhom il-kenn tagħhom fl-istess dar ta' Binha u darba fis-sena għal ftit siegħat, kienu joħorġu barra biex iduru mat-toroq tar-raħal u jaraw lin-nies ferħana, għax bħal kull raħal ieħor din kienet il-festa tagħhom.

Kien ikun hemm tiżjin bil-pavaljuni, statwi fit-toroq, liedna, twieqi mżejna għall-okkażjoni, dwal, qniepen idoqqu noti solenni, sparar li jtarrxek u fuq kollox nies kuntenti jimxu wara l-banda jgawdu dik il-mużika ferrieħa, kif ukoll kant ta' innijiet biex ifaħħru lill-Madonna.

Lil dan iċ-ċkejken anġlu, dawn l-affarijiet kienu jogħġbuh wisq u dawk il-ftit siegħat ta' darba fis-sena kien jistennihom bil-ħerqa, għaliex kien jara lill-irġiel ibiegħu s-saħħa, lebsin il-libsa ta' l-okkażjoni, kienu jerfgħu lilu u lill-Madonna fil-għoli, biex in-nies jarawhom u juru l-ferħ tagħhom. Barra minn hekk dan l-anġlu kien jitgħaxxaq meta kien jara lit-tfal daqsu mal-ġenituri tagħhom, lebsin il-libsa tal-festa u oħrajn bħalhom lebsin lil-libsa tal-knisja kollha b'dik it-tbissima li tixhed dak li kellhom f'qalbhom. Iżda ta' anġlu żgħir li kien, minn dejjem xtaq li huwa magħhom ukoll, jagħmel il-festa lill-Madonna, iżda kien jaraha bi kbira wisq li jitlaqha għax kien iħobbha mħabba tal-għaġeb, kif kienet ukoll tħobbu hi. Hekk kif kienet tispiċċa d-dawra mat-toroq tar-raħal, dan l-anġlu, flimkien mal-Madonna kien jerġa' jsib ruħu fid-dar ta' Binha.

U wara li jagħmlu xi ftit taż-żmien fi spazju aktar wiesa' fid-dar ta' Binha li tkun imżejna għall-okkażjoni, jerġa' jsib ruħu f'dik id-dwejra ċkejkna għal sena sħiħa, jistenna li jerġa' joħroġ idur mat-toroq.

Ta' sikwit kien jgħaddilu minn moħħu li jitlob lill-Madonna tagħtih permess biex imur jilgħab xi ftit ma' xi tifel bravu li kien jara meta joħorġuh mid-dar ta' Binha. Iżda, jew għax tant kien iħobbha li, ma kienx irid iwarrab minn ħdejha, inkella għax kien jistħi jitlobha dan il-favur, qatt ma tkellem magħha fuq dan is-suġġett.

Mid-dwejra żgħira kien idum għal sena sħiħa, jittawwal lejn dawk it-tfal bravi li flimkien mal-ġenituri tagħhom kienu jiġu fid-dar tal-Mulej u li b'attenzjoni, b'qima u b'devozzjoni kbira kienu jdumu hin twil jitolbu u jfaħħru lill-Mulej u lil Ommu l-għażiża, lis-Sinjura Marija, li dan l-imbierek anġlu kien jagħmlilha kumpanija s-sena kollha. Kien jgħid bejnu u bejn ruħu, "Kemm nixtieq li mmur nilgħab ftit ma' xi ħadd minn dawn it-tfal, għax wara kollox jien tifel bħalhom."

Għalhekk għamel il-kuraġġ u talab lis-Sinjura Marija, "Maħbuba Omm tiegħi, inti taf li jiena qatt ma abbandunajtek, li qatt ma ċċaqlaqt minn ħdejk lanqas għall-mument wieħed, aqtagħli xewqti jekk jogħġbok, u agħtini l-permess li mmur nilgħab ftit ma' dawn it-tfal bravi li jiġu hawnhekk iqimu lil Ibnek u lilek, għax meta jitkellmu miegħek jiena nismagħhom u meta jmorru quddiem dik id-dwejra ċkejkna fejn jinsab Ibnek, jien narahom u nismagħhom ukoll.

Marija, dik l-Omm ħanina li dejjem semgħet lil dawk li talbuha xi ħaġa u farrġithom, ma naqsitx lil dan l-anġlu li qatt ma warrab minn ma' ġenbha u bil-ħlewwa kollha weġbitu, "Ħanini, xewqtek naqtagħhielek, u llum stess inħallik tmur tilgħab ma' dawk it-tfal bravi li inti rajt hawn ġew. Mur fis-sagristija u hemmhekk għandek issib il-ħwejjeġ li jilbsu dawk it-tfal u ilbishom ħalli tidher bħalhom u meta tkun lgħabt biżżejjed, erġa' ejja ma' ġenbi, għax lilek tant inħobbok, bħal ma nħobb lil kulħadd, li ma rridx nitilqek minn taħt il-ħarsa tiegħi."

L-anġlu hekk għamel, mar fis-sagristija, xedd dawk il-ħwejjeġ u mar jiġġerra fit-toroq biex isib lil xi ħadd minn dawk it-tfal ħalli joqgħod jilgħab magħhom. Ix-xorti daħkitlu mill-ewwel għax hekk kif beda dieħel fl-ewwel sqaq, ra lil xi tfal jilagħbu l-ballun u dlonk għarafhom. Għall-ewwel qagħad iħares lejhom u jixxennaq, għax hu qatt ma lagħab il-ballun mat-tfal.

Wara xi ħin jilagħbu u jitħabtu, dawn it-tfal rikbithom l-għejja u marru poġġew bil-qiegħda fuq l-għatba. Dawn it-tfal qabdithom kurżità kbira dwar min kien dan it-tifel li tant ħadu grazzja miegħu u għamlulu bosta mistoqsijiet, minn fejn ġie, min huma l-ġenituri tiegħu, kemm għandu żmien, għandux ħutu, x'jismu, fejn imur skola u x'naf jien.

Dan kull ma weġibhom kien li

# GOLIATH DEVELOPMENTS LTD



**Building & Civil Engineering**
**Turnkey Contractors**
**Alterations**
**Tiling/Paving**
**Maintenance**
**Excavations & Demolition Work**

**6, St. Benedict Street, Kirkop**
**Tel/Fax: 2164 2143**
**New Premises Opening Soon**
**Tel: 2164 0030, 2164 0032, 2164 0033**

jismu Angelino, li għandu ommu sabiħa wisq li jisimha Marija u li tħobb lil kulħadd u li għandu numru kbir ta' ħutu, iżda ħadd minnhom ma jilgħab il-ballun. Għal dan il-kliem huma baqgħu mistagħġbin u riedu jafu iżjed minn għandu. Angelino ħassu għajjien u weġibhom li se jmur minn fejn ġie u forsi jerġa' jlitaqa' magħhom l-għada. Billi dawn it-tfal ħassew ġibda kbira lejh, qalulu li l-għada kienu sejrin jistennewh fl-istess post ħalli jkomplu jilagħbu. Angelino sellmilhom u reġa' lura ħdejn is-Sinjura Marija.

Malli wasal qalilha kemm feraħ li ltaqa' mat-tfal bravi li għarafhom għax kien jarhom spiss fid-dar ta' Binha u li kien jisimhom Nenu, Ġiġi u Toninu, u kemm ħa gost jilgħab magħhom u li qalulu li kellhom jistennewh biex jerġgħu jilagħbu, u għalhekk talabha biex l-għada tħallih jerġa' jmur jilgħab magħhom. Is-Sinjura Marija, li dejjem tisma' u tilqa' t-talb ta' kulħadd, ma kisritlux qalbu u Angelino reġa' mar jilgħab ma' dawk it-tfal. Din il-biċċa xogħol baqgħet sejra ta' kuljum għax kienu l-vaganzi ta' l-iskola u Angelino, mal-ferħ li kien iħoss, għax kien viċin is-Sinjura Marija, kien iħoss ukoll il-ferħ li din id-dinja tagħti lill-innoċenti; li jilgħab mat-tfal ferrieħa.

Iż-żmien tal-festa wasal, u Angelino mal-ferħ li kellu li jilgħab mat-tfal, kellu l-ferħ kbir ukoll li bħal fis-snin l-imgħoddija joħroġ idur dawra mar-raħal u jara lin-nies ferħana, it-tiżjin tat-toroq, jisma' d-daqq tal-qniepen u lill-banda ddoqq biex tferraħ lil kulħadd, u biex jara wkoll il-logħob tan-nar.

Iżda billi ż-żmien ma jistenna 'l ħadd, il-vaganzi għaddew u t-tfal li magħhom kien jilgħab reġgħu bdew imorru l-iskola. U Angelino baqa' fil-kumpannija tas-Sinjura Marija fid-dwejra żgħira tagħhom fl-istess dar ta' Bin is-Sinjura Marija.

Għadda ż-żmien u t-tfal kibru, u billi Angelino ħass li kien qata' xewqtu, ma talabhiex iżjed lis-Sinjura Marija biex joħroġ jilgħab mat-tfal, għax kien iħoss li l-aqwa hena għalih kienet li jkun viċin is-Sinjura Marija. Min-naħa tagħhom, dawk it-tfal baqgħu jiftakru f'dak it-tfajjel imbaċċaċ, ta' xagħru nokkli u ta' wiċċu sabiħ li kien jilgħab magħhom u li issa għosfor.

Bdew iduru l-irkejjen kollha tar-raħal tagħhom u ta' l-irħula viċin, jistaqsu għalih lil kull min kienu jafu kif ukoll lil dawk li ma jafux u saħansitra daħħlu wkoll lill-għalliem tad-duttrina u lill-Kappillan, għax dawn l-istess tfal barra milli kienu jattendu bil-qalb għal-lezzjonijiet tad-duttrina, kienu wkoll jagħtu s-servizz tagħhom lill-knisja bħala abbatini, iżda la wieħed u lanqas l-ieħor ma għaraf jagħtihom tweġiba. Il-Kappillan kien jaf lit-tfal kollha tar-raħal. Iżda ma seta' jxebbah lil ħadd ma' dak it-tifel kif pinġewh dawn it-tfal. U dawn l-imberkin tfal baqgħu bil-kurżità.

Għaddew bosta xtiewi u sjuf, u dawn it-tfal kibru, min tgħallem is-sengħa u min tgħallem suġġetti oħra utli għall-ħajja, sakemm huma daħlu fid-dinja tax-xogħol u ħadu l-istat tagħhom, u t-tlieta li huma fasslu ħajjithom skond il-vokazzjoni tagħhom. Rabbew familji fil-biża' t'Alla, uliedhom kibru u huma saru nanniet. Baqgħu jmorru l-knisja bħal ma kienu jagħmlu meta kienu abbatini u kien hemm wieħed minnhom li meta spiċċa mix-xogħol medd għonqu għax-xogħol fil-knisja għax tant kien iħos ġibda lejn id-dar tal-Mulej.

Dawn it-tliet ħbieb ta' sikwit kienu jiltaqgħu u jgħidu xi kelma fuq iz-zuntier, u d-diskors spiss kien jaqa' fuq dak it-tfajjel ħelu,



*Dehra ta' l-istatwa titulari, pedestall u bradella mżejna għall-okkażjoni fis-sittinijiet.*


Summer Collection
Fashion Fabrics • Underwear
Curtain Material • Home Textiles
Ready-made Wear • Shoes
JB
DEPARTMENT STORES
L-Iklin Road, L-Iklin
tel: 2143 5537 • fax: 2143 5475

mbaċċaċ u ta' xagħru bin-nokkli li kien jiġi jilgħab magħhom u wara dawk l-għaxriet tas-snin li kienu għaddew minn fuqhom, baqgħu ma sarux jafu min kien u minn fejn ġie.

Wara li damu żmien twil jiddiskutu bla ma jaslu f'ebda konklużjoni, qabeż Nenu, li issa tista' tgħid spiċċa bħala s-sagristan numru wieħed, u billi kien ikun spiss il-knisja, kien jgħid li dan l-anġlu li kien hemm ħdejn il-Madonna kien jarah ihares b'ċerta tbissima. Din ma kienetx ta' darba jew tnejn, iżda Nenu kien iżomm kollox għalih. Ġiġi u Toninu, li t-tnejn li huma kienu jilagħbu wkoll ma' Angelino, ħasbu li Nenu ried jgħaddihom biż-żmien, iżda Nenu kompla jsostni li kien qed jgħid il-verità u ma kienx qiegħed iqarraq bihom.

Kien jirrepeti l-istess diskors kuljum, u fl-aħħar qablu li t-tlieta li huma jmorru flimkien quddiem l-istatwa ta' Marija Assunta biex jaraw lill-anġlu. Daħlu fil-knisja u bl-akbar devozzjoni marru jitolbu lil Ġesù fis-Sagrament, u mbagħad marru quddiem il-Madonna jlissnu quddiemha innijiet ta' tifħir. F'ħin minnhom, b'għaġeb kbir, raw lill-Madonna titbissem u lil dan l-anġlu jiċċaqlaq minn fejn kien. It-tlieta li huma nħasdu meta rawh jieħu l-istess bixra ta' dak it-tifel li fiż-żmien kien jilgħab magħhom, u dan bl-istess leħen li kienu jisimgħuh ikellimhom qalilhom, "Ħbieb tiegħi, jiena Angelino, li kont nilgħab magħkom f'dawk is-snin li għaddew. Jiena xorta bqajt inħobbkom.

Jiena kont nilgħab magħkom għax intom kontu tfal tajbin li togħġbu lis-Sinjura Marija, Ommi u Omm tagħkom ukoll. Is-Sinjura Marija għalhekk kienet tħallini nilgħab magħkom. Jiena tlabtha tagħmilli dan il-favur li nilgħab magħkom, mhux għax ħassejtni mdejjaq ma' ġenbha, iżda biex nara kif ikunu t-tfal bravi meta joħorġu minn hawn għax is-Sinjura trid li t-tfal kollha jkunu ħdejha. Lis-Sinjura Marija itolbuha dak li tixtiequ għall-ġid tagħkom u hija żgur tagħtikom dak kollu li titolbuha għax lilkom tħobbkom bħal ma tħobb lili u lil kulħadd." Wara li l-anġlu lissen dawn il-kelmiet, reġa' ħa postu ħdejn il-Madonna kif kien poġġih l-iskultur.

In-nies li kien hemm il-knisja dak il-ħin raw lil dawn it-tlitt ixjuħ li kienu jżommuhom bħala qaddisin, iħarsu fissi lejn in-niċċa tal-Madonna, qishom tliet statwi tal-melħ.....joqogħdu bil-qiegħda fuq is-siġġijiet li kien hemm quddiem in-niċċa, joħorġu l-maktur mill-but u jimsħu l-għaraq.....u li kieku dak il-ħin faqqa' l-aqwa murtal tal-bomba, żgur li ma kienux jinħasdu.


- excavation works
- plant hire
- road works
- civil engineering works
- suppliers of ready mix concrete
- quality bricks manufacturers
- suppliers of building materials

**Philip Agius & Sons Ltd.**

Ta' Maksar • Contractors

**The Plant, off Mdina Road, Żebbuġ ZBG 07**

**Tel: 2146 5758 • Mobile: 9949 3551 • Fax: 2146 3835 • E-mail: agius@maltanet.net**

# die ECKE



## GIFTS - STATIONERY - TOYS

Mons. M. Azzopardi Street, Siggiewi Tel/Fax: 2146 3403 Mob: 9947 3870

### YOU CAN FIND A VAST RANGE OF:

GREETING CARDS, BOOKS, MAGAZINES, HI-FI, T.V., SURROUND SYSTEMS, VIDEO PLAYERS, D.V.D. PLAYERS, PLAYSTATION 1/2 (GAMES), HOUSE HOLD GOODS, ALL SORTS OF STATIONERY & GIFTS.

### SERVICES:

HEAT BINDING, SPIRAL BINDING, PLASTIC LAMINATION, DIGITAL PHOTOCOPY & DIGITAL I.D. PHOTOS.

# C&G Hardware Store

**Trid tara x'jikkonsisti dan il-ħanut?**
**Ejja u ara b'għajnejk għalik u għad-dar**

- Stationery għall-iskola u uffiċini
- Charcoal Royal Oak u Barbecue Sets
- Panels ta' l-injam kull qies għal xkaffar u għamara
- Qtugħ ta' Ċwievet u Security Key Service
- Power Tools u Aċċessorji
- Acorn Fittings ta' l-ilma u katusi tad-drenaġġ eċċ...
- Conduit, Halogen sets, Wires u diversi aċċessorji ta' l-elettriku
- Injam, Siment, Kolla tal-madum, Kolla tal-Grouting
- Safety Shoes tal-Würth u lbies protettiv
- Xibka għax-xemx kull qies li tixtieq inti
- Tankijiet ta' l-ilma, stainless steel sinks u Ariston Geysers
- Materjal għall-kisi, ġibs raff u finitura kif ukoll fuq il-fil
- Affarijiet utli għad-dar bħal detergents b'offerta speċjali
- Kull tip ta' żebgħa - Madwar 5,000 kulur biex tagħżel u tħallat

Acorn
Hep$_2$O

Tel: 2168 3166 Mob: 9988 5491
45, Triq Karmenu Ciantar, Mqabba
*Staqsu għal Julian Camilleri*

# Il-Leġġenda tal-Madonna tat-Telgħa

Poeżija ta' Patrick Mallia

Hekk, kulħadd kien isejħilha,
il-Madonna ta' ġot-Telgħa.
Fuq dar kbira dina kienet,
dil-Madonna tielgħa s-Sema.

B'idejha 'il fuq merfugħa,
ma' żewġ anġli tassew sbieħ,
dik il-libsa sbejħa mtajra
u fuq sħaba din tistrieħ.

Sa 'ndulġenzi, fuq skrizzjoni,
kien taħa l-Isqof dak iż-żmien;
min kien jgħid 'Ave Maria'
b'qalb ħerqana dak il-ħin.

Biss, misteru kellha mdawwar,
ta' bla ħjiel u bla tifsira.
Il-ġmiel tagħha kien tal-għaġeb,
xogħol fil-ġebla, b'ħila kbira.

Kien jingħad illi l-Madonna
kienet ħajret 'l iskultur,
sabiex xbiha dana jonqox,
u jagħmel kapolavur.

Hemm min qal illi kien wiċċha,
dak il-wiċċ safi w sabiħ
tal-Madonna, Omm tas-sema,
Omm li tistħoqq qima w ġieħ.

Bosta nies hekk qalu fuqha,
ħafna minnhom innotaw
li f'dak wiċċha hemm il-ħajja,
biha baqgħu jiskantaw.

Ngħid id-dritt jien mort biex nara
u bħal qisni iċċassajt.
Hekk kif rajtha, donnha tkellmek,
ħarsti f'wiċċha issummajt.

Fassalt f'moħħi li nitkixxef,
biex jien forsi naqbad tarf.
Lil min ser immur nistaqsi
Sabiex forsi insir naf?

Iva naf, nistaqsi n-nannu.
U bil-ġiri mort sa ħdejh.
"Nannu, nixtieqek tgħidli ħaġa",
hekk kif bistu fuq ħaddejh.

"Għidli ibni", hu weġibni.
"Xi trid taf, ħa ngħidlek jien,
għax l-istejjer kollha nafhom,
illi ġraw matul iż-żmien."

"Nixtieq naf fuq dik l-istatwa
illi tixgħel lejl u nhar,
f'tarf it-triq quddiem it-telgħa,
illi hemm fuq dik id-dar."

"Kien Ġużeppi, raġel twajjeb,
skultur prim dan, mustaċċun,
fejn sengħetu ħadd kien joqgħod
lanqas l-iċken paragun."

"Darba minnhom ġiet Sinjura.
Statwa riedet tagħmel din,
ta' l-Assunta, tielgħa s-sema.
Hekk talbitu dak il-ħin."

"Ċangun ġab dan, m'għola bniedem,
beda fis fuq it-tifsil,
beda jtektek u jiskolpi
bi sakrpell u martell kbir."

"Fuq sħaba ma' dinja mdawra,
naqax l-anġli tassew sbieħ,
biex bħal donnhom qed iwieżnu
lill-Madonna biex tistrieħ."

"Kompla jaħdem dan bla heda.
Xtaq li jagħmel wiċċ sabiħ,
li kieku jista' jitkellem,
kieku jista' l-ħajja j'tih."

"Hekk kif beda l-ewwel daqqa,
is-Sinjura dlonk tfaċċat.
'f'hiex wasalt fix-xogħol, Ġużeppi?',
tistaqsih, din issuktat."

"Ara, ħabat li ġejt issa,
żgur ma ġejtx b'kumbinazzjoni.
Nixtieq wiċċha nxebbhu 'l tiegħek,
jekk ma ssibx int oġġezzjoni."

"Din poġġiet bil-ħlewwa kollha,
wiċċha donnu l-bixra bidel.
Kif issaħħar dan Ġużeppi;
kif ser jibda, dan infixel."

"U kif dar biex jibda xogħolu,
ma setax jemmen 'l għajnejh;
lest il-wiċċ, sabu imnaqqax,
żgur b'miraklu, mhux b'idejh."

"Fil-pront dar biex jistaqsiha
lis-Sinjura, dak il-ħin.
Iżda b'għaġeb kbir minn tiegħu.
Dina ma dehret imkien."

"U Ġużeppi fehem x'kien ġara,
ddawwal moħħu f'dak il-ħin.
Din kienet il-Verġni Mbierka.
Omm Ġesù, ċkejken Bambin."

"U ddeċieda, dan Ġużeppi,
ra kif għamel u kif seta',
poġġa din l-istatwa sbejħa,
fuq dar kbira f'tarf it-telgħa."

"Dak li nar', nismagħhom jgħidu",
qalli n-nannu eċċitat.
Din l-istorja illi qalli,
ħalliet lili iċċassat.

Kull meta minn dit-triq ngħaddi,
ma nafx jien xi nħoss ġo fija
meta nara dik ix-xbiha
tas-sbejħa Santa Marija.

**B'Kara**
*Awissu 2002*



# The Roadhouse Buskett

***Open for Lunches, Dinner Dances and Discos***

**Roadhouse, Buskett, Rabat RBT 09 - Malta**
**Tel: 2145 4233 / 2145 0161 • Fax: 2145 0070**

# MILLENNIUM VISION

**HOME APPLIANCES STATIONERY ITEMS**




**HUMAX**

SATELITE DISH
AGFA FILM DEVELOPER
GANUTELL & SEWING ACC.
TOYS, RADIOS, PHOTO FRAMES
MOBILEPHONE ACC., FOOD PROSESSORS




TRIQ L-AHWA GHIGO MQABBA .TEL - 21647593 ** 99458101

# Rev. Mons. Lorenzo Spiteri D.D., B.L.Can. (1909 - 2002)

kitba ta' Joseph Farrugia



Monsinjur Lorenzo Spiteri twieled Ħal Qormi fid-19 ta' Novembru 1909, iben Karmenu u Margerita nee' Frendo. Studja fis-Seminarju Arċiveskovili bejn is-snin 1922 u 1934; Università Rjali ta' Malta 1927 - 1934, gradwat Dottorat fit-Teoloġija (D.D.) u Baċellerat fid-Dritt Kanoniku (B.L.Can.). Ġie ordnat saċerdot fl-1934.

Prefett ta' l-istudji fis-Seminarju u għamel ħidma pastorali fil-Ħamrun 1934 - 1936. Kappillan ta' l-Imqabba 1936 - 1945 u tar-Rabat 1945 - 1954. Maħtur kanonku tal-Knisja Katidrali 1954 u Kanċillier tal-kapitlu Metropolita 1957. Lettur tat-Teoloġija Morali fl-Università 1961 - 1963. Moderatur (president) tal-Każi Morali fil-Kon Katidral ta' San Ġwann.

Eżaminatur tal-kleru u predikatur magħruf. Mons. Lorenzo Spiteri qeda ħafna dmirijiet amministrattivi fosthom Direttur ta' l-Ospizju ta' Sawna u Direttur tas-Soċjetà Dami ta' San Vinċenz di Paoli. Mogħti s-Salib għall-mertu (tieni klassi) ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta fl-1963 u maħtur Kappillan Konventwali '*ad honorem*' ta' l-istess Ordni.

## Kappillan ta' l-Imqabba

L-Imqabba laqgħet bil-ferħa l-ħatra ta' Mons. Spiteri bħala kappillan tar-raħal u kienu kburin li kellhom ragħaj żagħżugħ u gradwat. Ħa l-pussess ta' kappillan fit-18 t'Ottubru, 1936. Kien iħobb ħafna l-liturġija u l-funzjonijiet fil-knisja kien jagħtihom importanza kbira. Dik is-solennità fil-festi tas-Sagrament, dak il-fervorin qabel il-benedizzjoni, il-vjatku Solenni ...daħħal is-sistema ta' armonija fil-kor.

Kien jinsisti ma' l-abbatini biex jagħtu sehem fil-kant waqt il-quddies. Niftakar lil Mons. Spiteri jgħallimna l-kant tal-quddiesa '*Ronate coeli desuper*' għan-novena tal-Milied li baqgħet titkanta sa ma sar it-tibdil liturġiku.

Mons. Spiteri sab is-sodisfazzjon tal-ġid spiritwali li sar fil-Parroċċa u qasam magħna s-sofferenzi ta' l-imwiet tal-gwerra, ansjetà, ġuħ u sa ġarrab ħsara tal-gwerra fid-dar tiegħu. U sofra it-telfa tal-ħabib tiegħu Ġużeppi ellul sewwasew fl-ewwel attakk mill-ajru!

It-tiġrif tal-knisja nhar id-9 ta' April 1942 kien għalih ta' l-akbar inkwiet, sew minħabba t-telf ta' ħafna opri tal-knisja, imma l-aktar kif ser jaqdi l-parruċċani bis-servizzi reliġjużi. Mill-għada beda arranġamenti biex tintuża l-kappella żgħira ta' San Bażilju flok il-Parroċċa.

Meta naqset l-attività tal-gwerra ħadem biex jitneħħa d-debris mill-Parroċċa u jinbena ħajt biex in-nava u l-kappellun tar-rużarju jkunu utilizzati. Din kienet l-aħħar ħidma temporali ta' Mons. Spiteri fl-Imqabba, għaliex fit-12 ta' Marzu 1945 inħatar kappillan ir-Rabat.

Nhar is-26 ta' Novembru 2002 il-Mulej għoġbu jsejjaħ lil Mons. Lorenzo Spiteri għall-premju ta' dejjem fil-glorja ċelesti fl-età sabiħa ta' 93 sena.

**Biblijografija:**


Malta Who's who,1968
Leħen is-Sewwa 11-5-1963
L-Imqabba mal-medda taż-żmien
Blitz on Mqabba - Saviour Bugeja



Bibas
Casual Textiles
Ready Made Clothing for all ages
Curtain & Upholstery Fabrics
Bed Linen, Towels & Carpets
Haberdashery
Flag and Banner Material
& Accessories
Hompesch Rd., Fgura Tel: 21 691269, 21 672896 Fax: 21 802727
additional outlets
Bibas ladies fashion
Bibas juniors

# COMBINED TRADES CENTRE

SALJATURA STREET, MQABBA
(wara Celest il-Mechanic)
Fejn issibu: varjeta ta' għodda fosthom
Welding Sets, Battery Chargers, Boosters, Tapes & Dies
Metric, UNF, UNC.
High Pressure Washers, Pompi ta' l-ilma għad-dar
Boldijiet B.S.W., B.S.F., U.N.F., M.M.
Kiri ta' Chaser Speċjali għat-tħaffir tat-trinek tal-kanen tad-dawl.
Ħinijiet tal-ftuħ: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00 - 7.00p.m.
Is-Sibt mit-8.00a.m. - 12.30p.m.

# ĦAĠAR QIM

*Bar & Restaurant*

Prop. J. Cini

Agħmlu l-ħarġa tagħkom bil-familja jew ħbieb
għall-arja tal-kampanja, f'ambjent kwiet u sabiħ.

Tel: 2142 4116, 7949 7329 (Jane)



# VIERGE

Unisex Hair Salon *by Sonia*

## The Salon for a New Look

**St. Innocent Street, Mqabba**
*For Appoitment Call:*
Tel: 2168 3175
Mob: 7920 8040

*Opening Hours:*
Mon: Closed
Tue, Thur, Fri & Sat: 9am - 7pm
Wed: 9am - 2pm

# Tifkiriet

# Nitkellmu ma' Giovanni Farrugia

intervista ta' Patrick Mallia

Kull meta mmur l-Imqabba, nagħmel minn kollox biex niltaqa' mal-ħabib tiegħi Giovanni Farrugia, għax minbarra li jaf jitkellem fuq diversi suġġetti ta' interess, isib ukoll okkażjoni li jitkellem dwar it-tifkiriet tiegħu ta' l-imgħoddi u dwar l-imħabba partikulari li għandu lejn Santa Marija. Kull meta naqbdu s-suġġett tal-gwerra Giovanni jibda jirrakkonta bla ma jaqta', għax il-memorja tgħinu tajjeb, u jgħid ukoll li dak iż-żmien m'għandux jintesa, u li ż-żgħażagħ tagħna tajjeb li jkunu jafuh. Huwa wkoll isib l-iċken okkażjoni li jsemmi kemm u kif il-Madonna daħlet għalina f'dak iż-żmien tant imwiegħer għalina l-Maltin.

Din id-darba Giovanni għoġbu jitkellem fuq is-sehem ta' Malta fi żmien il-gwerra u beda biex jgħid li, "Malta kienet xewka kbira f'dahar Rommel, u bir-raġun, għax bosta mill-provvisti u anke suldati li kienu mibgħuta lil dan il-Ġeneral Ġermaniż tal-magħruf *Afrika Korps*, u li kienu jgħaddu qrib Malta, kienu jiġu attakkati mill-ajruplani stazzjonati f'Malta.

Tant kien kbir it-telf fil-proviżjoni u nies li Rommel insista kemm felaħ mal-Kwartieri Ġenerali tal-Ġermaniżi, biex issir l-invażjoni ta' Malta mill-forzi Germaniżi u Taljani. Tant ħaduha bis-serjetà din l-affari li kienet tfasslet '*Operazione Hercules*' min-naħa tal-Germaniżi u '*Operazione C3*' min-naħa tat-Taljani għall-invażjoni ta' Malta, iżda bil-għajnuna t'Alla u tal-Madonna din l-invażjoni ma seħħitx."

Giovanni kompla jgħid li ma kienx bi ħsiebu jagħti l-istorja kollha tal-gwerra għaliex ħafna mill-fatti kienu magħrufa u setgħu wkoll jinqraw fuq il-kotba tal-gwerra, iżda ċertu affarijiet u fatti li ra b'għajnejh xtaq li jiġu magħrufa għax wara kollox, "dawk fatti li għaddew u issa daħlu fl-istorja".

Giovanni kompla jirrakkontali li Malta ma kienetx imħejjija għal dik il-kwalità ta' gwerra. Il-gwarniġjon ta' Malta kien jikkonsisti f'ħames battaljuni tal-fanterija kif ukoll ir-riġment Malti tal-K.O.M.R. u l-batteriji tal-R.M.A. minbarra korpi oħra. Il-lieva ġiet introdotta fit-3 ta' Marzu 1941 u dawk l-irġiel ta' 18-il sena jew aktar kellhom jidħlu suldati. Il-gwerra f'Malta bdiet bl-ewwel attakk mill-ajru mir-*regia Aeronautica* fil-11 ta' Ġunju 1940. Il-Ġermaniżi u t-Taljani kienu diġà taw prova lill-qawwiet tagħhom fil-Gwerra Ċivili ta' Spanja meta dawn iż-żewġ pajjiżi kienu taw l-għajnuna tagħhom lil General Franco.

Għall-kuntrarju kompla jgħid Giovanni, "hekk kif bdiet il-gwerra Malta kellha biss tlit ajruplani antiki tat-tip *Sea Gladiators*. Dawn kienu ajruplani b'żewġ ġwienaħ, kienu jimxu bil-mod, iżda kienu jagħmlu manuvri kbar waqt it-titjir. Dawn it-tlit ajruplani, li aħna konna nsibuhom bħala 'karozzini', kienu ġew mogħtija l-ismijiet "Faith", "Hope" u "Charity". Dawk kollha li jinteressaw ruħhom fl-istorja jistgħu jaraw lil "Faith", mibni mill-ġdid, fil-Mużew tal-Gwerra.

Għalkemm ma kinux tal-kalibru ta' l-ajruplani Taljani, dawn il-*Gladiators* irnexxielhom ukoll jagħmlu suċċess. Wara ġew l-ajruplani bl-isem *Kittyhawks* li kienu aħjar minn dawk ta' qabilhom, għalkemm seta kellhom ukoll xi difett fl-immanuvrar. Ix-xogħol kien sejjer b'ritmu mgħaġġel fuq it-tkabbir ta' l-ajrudromi ta' Ħal Luqa, tal-Qrendi u Ta' Qali. Ix-xogħol fit-tkabbir ta' l-ajrudrom tal-Qrendi kien f'idejn il-ħabib tiegħi Ġużeppi Darmanin (in-Nixu), li daħal għalih b'ruħu u b'ġismu, tant li l-Ingliżi rawh anġlu li lesta dak ix-xogħol f'qasir żmien. Il-Ġermaniżi fil-bidu kellhom vantaġġ fuq l-Ingliżi għar-raġuni li kellhom ajruplani superjuri u ekwipaġġ b'esperjenza jew fil-Gwerra Civili Spanjola inkella fl-istess gwerra, jew fil-Polonja, jew fi Franza. Il-qawwa ta' l-ajru Germanża, il-Luftwaffe, kienet tnissel biża' u terrur kull fejn kienet tersaq, u ma setax jonqos li dan ma jseħħx hawn Malta wkoll.

Il-bumbardamenti kienu jsiru biss fuq l-ajrudromi ħalli l-ajruplani tal-ġlied Ingliżi ma jkunux jistgħu jitilgħu jiġġieldu magħhom fl-ajru, għalhekk kien isir xogħol kbir biex jimtlew il-ħofor tal-bombi u jinbnew *hangers* ġodda. Tant kien ikun hemm xogħol kbir li f'Malta dak iż-żmien kien hawn il-Korpi tal-Pijunieri minn Malta, mill-Mauritius u mill-Basutoland. Kienu jmutu n-nies fuq ix-xogħol tagħhom fl-ajrudrom għax mill-Imqabba kien miet ċertu wieħed Gan Mari Briffa ta' 54 sena, fil-21 ta' Jannar 1942. Dan kien miet fuq ir-*runway* flimkien ma' wieħed miż-Żurrieq u ieħor minn Ħal Safi.

Aħna li ma konniex suldati inkella impjegati mas-Servizzi f'xi xogħol fil-periklu, konna naħsbu fejn l-aħjar li ndabbru rasna f'każ ta' attakk mill-ajru, għax matul il-gwerra kollha kienu saru 3,340 attakk li damu sejrin għal 2,357 siegħa. L-aħħar attakk mill-ajru kien fit-28 t'Awissu 1944. Dawn l-attakki, minbarra numru kbir ta' feruti u nies tas-Servizzi, ħallew warajhom 1,571 nies ċivili mejta, Matul dawn l-attakki minbarra numru kbir ta' nies li tilfu ħajjithom jew korrew serjament, inqerdu għal kollox 5,524 djar ta' l-abitazzjoni. Minbarra kważi d-doppju ta' djar li ġratilhom il-ħsara, biex ma nsemmux ukoll bini storiku, knejjes u bini ieħor. Saru attakki kbar fuq Malta u wieħed li baqa' jissemma kien dak fuq l-*H.M.S. Illustrious*.

Jiena kelli f'rasi li l-aħjar post ta' kenn kien fil-kampnar tal-knisja, u

# *Where does character come from?*




*An exceptionally high malt content.*

TEACHER'S®

*A measure of character*

Premium Brands from:
ALBERT FS MANDUCA LTD. 229/230, St. Paul Str., Valletta. Tel: 2123 3909, 2123 1787

anke Dun Gerard, Dun Ewġen u Ċensu Magro kienu ta' din il-fehma. Iżda l-esperjenza wriet mod ieħor għax l-aħjar post ta' kenn kien ix-xelter, li minnhom kien hawn kwantità u ġo fihom konna nqattgħu ħajjitna. Is-sena 1941 kienet tassew sena ta' qtigħ ta' qalb, għax minbarra l-biża' u l-mard, il-ġuħ kien għamel tiegħu, l-ikel kien jonqos kuljum, għax provvisti ftit li xejn kienu jaslu hawn Malta, mediċini ftit ukoll, munizzjon għall-kanuni mill-inqas, tant li kienu jisparaw biss numru żgħir ta' balal għal kontra l-ajruplani.

Il-ftit provvisti li kienu jaslu kienu bis-sottomarini u anke fuq *minelayer* bl-isem ta' *Manxman,* u malli kien jasal hawn Malta kienu jħottuh malajr kemm jista' jkun. Meta kien jasal xi konvoj hawn Malta, il-Ġermaniżi kienu jagħmlu minn kollox biex dawk il-ftit vapuri li jaslu sal-port kienu jattakkawhom u jgħarrquhom fil-port stess. Hekk kien ġralhom il-bastimenti *Talabot* u *Pampas* fis-26 ta' Marżu 1942 u l-għada messu l-istess destin il-*Breconshire*. Kien isir talb kbir lill-Madonna u l-qaddisin biex ninħelsu minn din it-tbatija. L-Assunta żgur li kienet tisma' t-talb tagħna. Qatt ma ngħeja ngħid li kienet Santa Marija stess li ħelset lill-knisja tagħna mill-qilla tal-gwerra u kienet Hi stess li fid-9 t'April 1942 ħelset lill-knisja tal-Mosta minn tiġrif totali meta bomba għaddiet mill-koppla u baqgħet nieżla ġewwa l-knisja, u b'miraklu kbir ma splodietx u b'hekk ħelset diversi ħajjiet u t-tiġrif tat-tempju dedikat lilHa. U jekk dan ma kienx miraklu, kif ikunu l-mirakli? Il-gwerra ma tantx kienet sejra tajjeb għall-Ingliżi u l-alleati tagħhom.

Fl-Afrika ta' Fuq, il-Ġeneral Rommel kien jirbaħ battalja wara l-oħra, iżda fil-battalja ta' El Alamein, l-*Afrika Korps* u t-Taljani qalgħu taptipa ġmielha u minn dik il-battalja 'l quddiem l-affarijiet bdew imorru aħjar għall-Ingliżi u l-allejati. Malta wkoll bdiet tieħu r-ruħ. L-ewwel wasal il-famuż Konvoj "ta' Santa Marija", bdew ġejjin ajruplani aħjar, l-ewwel li ġew f'Awissu 1940 kienu il-*Hurricanes,* li għalkemm ma kinux iħabbtuha sewwa mal-*Messerschmitts* għallinqas tawna nifs ġdid. F'Marzu 1942 bdew jaslu l-ewwel Spitfires. Dan l-ajruplan kien tassew grazzjuż meta tarah. Kellu l-ġwienaħ bil-ponot u meta jtir kellu tisfira partikulari. Dawn kienu ħfief bil-bosta u kienu jħabbtuha sewwa jekk ma kienux superjuri għall-*Messerschmitts*. Dawn l-ajruplani kienu jitilgħu mill-ajrudromi ta' Ħal Luqa, tal-Qrendi u Ta' Qali. Għall-qlubija tal-Maltin u tal-gwarniġjon kollu ta' Malta, ir-Re Ġorġ VI kien ta l-midalja "*George Cross*" lill-Gżira ta' Malta fil-15 t'April 1942."

F'Ġunju 1942, kienet waslet f'Malta skwadra ta' *Spitfires*. Din kienet *229 Squadron* u ġiet mill-ewwel il-Qrendi. L-ajruplani kienu ta' l-iżjed stil modern, għax anke kellhom l-iskrejjen b'erba' paletti, u kienu jiġru u jimmanuvraw iżjed mill-oħrajn. Mal-



wasla ta' l-i*Spitfires* il-paġna bdiet tinqaleb favur tagħna, għax il-Ġermaniżi ma komplewx jiġu fuq Malta u jagħmlu li jridu, għax qabel kienu jsibu oppożizzjoni dgħajfa.

Fl-ajrudrom tal-Qrendi, il-kmandant kien *Squadron Leader* William Filling. Dan kien Skoċċiż, bniedem intelliġenti, ġentili u qalbieni. Huwa kien ukoll wieħed mill-aqwa piloti li kien hawn Malta. Waqt il-ġlied kontra l-għadu dejjem kien jirnexxilu jwaqqa' wieħed jew tnejn u kull meta l-ajruplan tiegħu kien jasal biex jinżel, shabu kollha flimkien ma' l-inġinieri u oħrajn, u magħhom kien ikun hemm aħna wkoll, konna nibdew inċapċpulu ħalli nagħmlulu kuraġġ akbar.

Dak iż-żmien ma kellix il-kumpanija tal-ħabib tiegħi Daniel, għax dan kien jaħdem Ta' Kandja u jiena kont il-Qrendi, u meta konna niltaqgħu fil-għaxija konna nibdew nirrakkuntaw lil xulxin dak kollu li kien ikun ġara matul il-ġurnata. F'Lulju 1942 kienet ġiet stazzjonata fil-Qrendi skwadra oħra u fl-istess xahar lil Danjel bagħtuh ħdejja u b'hekk konna iżjed nistgħu nifthiemu. '*Squadron Leader* Filling sar ħabib kbir tagħna u jiena u Danjel ħsiba li nwaħħlulu santa ta' Santa Marija ma' l-i*Spitfire* tiegħu, ħalli żżommu 'l bogħod mid-disgrazzji.

Darba minnhom waqt li kont inkellmu, staqsejtu jekk isibx oġġezzjoni li nwaħħlu santa ma' l-ajruplan tiegħu u huwa fil-pront weġibni li Santa Marija kienet il-qaddisa padruna tal-R.A.F.. Danjel tant feraħ li qalli prosit. Is-santa tahielna Leli Zammit il-Gross. *Squadron Leader* Filling qatt ma tajjar l-ajruplan tiegħu waqt xi azzjoni kontra l-għadu bla ma rnexxielu jġarraf xi wieħed minnhom. Dan ma jfissirx li l-ajruplan tiegħu qatt ma qala' xi daqqiet, għax kien hemm okkażjonijiet meta kien ikun imtaqqab daqs passatur. Iżda b'xorti tajba dan l-eroj ma ħalliex ġildu hawn Malta u l-i*Spitfire* tiegħu għadu miżmum fil-Mużew ta' l-Avjazzjoni fl-Ingilterra.

Giovanni kompla d-diskussjoni tiegħu fuq id-devozzjoni lejn il-Madonna li kienet hi li salvatna mill-qilla tal-għadu, li kienet hi li wasslet il-Konvoj li għalina fisser ħajja mill-ġdid għax il-provvisti kienu waslu fil-qiegħ u li bl-intervent tagħha quddiem Alla sar dak il-miraklu tal-wasla ta' l-ikel tant utli għall-għajxien tagħna. Għandna għax tassew nirringrazzjaw lil Sidtna Marija għall-imħabba li għandha lejna u nitolbuha biex teħlisna mid-deni u minn kull għawġ u nfaħħru l-isem tagħha u bil-qawwa kollha tagħna ngħidulha "**Grazzi, Sultana tas-Sema u Patruna Għażiża tagħna.**"

# TAR-ROBBA LIMITED





- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tal-Konkos
- Blokki tas-Sejjieħ
- Garaxxijiet u Mħażen għall-Kiri
- Torba
- Ħitan tat-toroq



Tar-Robba l/o Kirkop ZRQ 10, Malta
Tel: (+356) 21 683558, 21 685332
Mob: 9949 3311
Fax: (+356) 21 642834
E-mail: johnghig@maltanet.net







# Sezzjoni Żgħażagħ

# 10 Snin ta' Ħidma Kontinwa

kitba ta' Carlo Sciberras

Erġajna qegħdin nippreparaw b'ħerqa għall-akbar avveniment li jsir ġo raħalna, il-festa ad unur l-Patruna Universali Santa Marija. Għaddiet sena oħra fejn is- Sezzjoni Żgħażagħ tagħna kienet tabilħaqq attiva u strumentali f'kull aspett li l-festa tiġi involuta fih.

Ta' min ifakkar li din is-sena jaħbat l-għaxar sena mit-twaqqif ta' l-aqwa Sezzjoni Żgħażagħ ġewwa l-Imqabba. Matul dawn l-għaxar snin, is-Sezzjoni Żgħażagħ tat kontribut siewi lis-Soċjetà u lill-festa Titulari ta' Santa Marija. Ta' min ifaħħar lil din is-Sezzjoni, li ta' kull sena tagħti eżempji ċari ta' kif jiġu organizzati ċelebrazzjonijiet ta' livell għoli bbażati fuq l-element nisrani. Min-naħa tagħna nistgħu ngħidu li s-sorpriżi ta' briju matul il-ġranet tal-festa mhux ser jonqsu, anzi se nkomplu nkabbru l-festa bil-kreattività u l-oriġinalità tagħna.

F'dan id-deċenju, is-Sezzjoni Żgħażagħ ħarġet b'ħafna ideat innovattivi f'kull rigward, b'mod partikolari fl-armar, briju, attivitaijiet kemm kulturali u sportivi, u tisħiħ ta' relazzjoni maż-żgħażagħ Imqabbin. Fir-rigward ta' armar, wieħed jista' japprezza d-dehra maestuza tal-pjazza u t-toroq kollha tar-raħal li kull sena jiġu armati bl-ifjen u l-isbaħ armar li l-inħawi tagħna jistgħu joffru! Meta nsemmu l-kelma briju, ma tistax ma ssemmix lis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ta' l-Imqabba. Dan minħabba l-fatt li, għalkemm raħalna huwa wieħed żgħir, il-livell ta' briju li jintlaħaq fil-marċi tagħna huwa wieħed brillanti għall-aħħar. Meta ngħidu innovazzjoni fil-briju, wieħed malajr iġib quddiem għajnejh il-Marċ ta' l-Aħħar Tridu, l-imrewħa artistika li hija l-unika ġo raħalna, effetti ta' dawl mill-aktar professjonali, emblemi oriġinali oħra (...anke din is-sena mhux se nkunu neqsin minnhom ...!!) u folla enormi ta' nies li tkun qed issegwi b' attenzjoni dan il- briju. Sabiex inkomplu nagħtu eżempji ta' xi tfisser innovazzjoni fil-Briju, konna l-ewwel Sezzjoni Żgħażagħ ġewwa l-Imqabba li ħriġna *CD* brijuż li jġib l- isem *Ċelebrità*. Rigward attivitaijiet, b'wiċċna minn quddiem ngħidu li għaxar snin ilu tajna bidu għal saga ta' attivitaijiet organizzati minn żgħażagħ Imqabbin bl-għan ewlieni li tkompli tikber l-akbar festa ta' l-Imqabba.

Fir-rigward it-tisħiħ tar-relazzjoni maż-żgħażagħ Imqabbin, ma nistgħux ma nsemmux publikazzjoni regolari tal-fuljett *'Leħen iż-Żgħażagħ,'* li s-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna ppublikat għall-ewwel darba ġewwa l-Imqabba. Ta' min jgħid li din l-innovazzjoni kienet waħda ta' sinjifikat għaliex tajna bidu għal djalogu regolari bejn is-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna u ż-żgħażagħ Imqabbin. Ta' min jgħid li wara xi żmien, għaqdiet oħra ppublikaw fuljetti ta' dan it-tip, iżda kif jaf kullħadd, l- oriġinal jibqa' dejjem l- oriġinal.

Jekk inħarsu ftit lejn x'għamlet is-Sezzjoni Żgħażagħ f'dawn l-għaxar snin, b' mod partikolari s-sena l-oħra u din is-sena, malajr noħorġu b'konklużjoni li s- Sezzjoni Żgħażagħ tagħna hija waħda mill-aktar Sezzjonijiet attivi, organizzati



*Is-Sinjura Farrugia tippreżenta t-trofew lir-rebbieħ tas-snooker competition.*



*Is-Sur Joe Farrugia (xellug), jagħti l-unur 'Nardu Farrugia Cup' lill-captain tat-team rebbieħ.*

# Kristianne

## STATIONERY

Mattia Preti Square, Żurrieq
Tel: 2164 7391 / 2164 9150




- **Stationery items of top quality**
- **DMC thread and Knorr wires for Ganutell**
- **Magazines and books**
- **Cards and invitations for all occasions**
- **Toys for all ages**
- **Gifts**
- **Haberdashery**
- **Photocopy service and book binding**

u prominenti f'pajjiżna. Dan jixhduh il-kwantità ta' armar mill-isbaħ li żżanżan f' dawn l-aħħar sentejn, l-ammont kbir ta' żgħażagħ li kull sena jkunu jarmaw it- toroq tar-raħal, il-mod matur ta' kif jitmexxew u jiġu organizzati l-marċi ta' matul il-festa, l-attivitaijiet regolari li kull sena jkunu ta' attrazzjoni kbira lejn iż- żgħażagħ Imqabbin, unuri mirbuħa minn kompetizzjonijiet bejn l-għaqdiet taż- żgħażagħ ta' Malta, u bosta attivitaijiet soċjali li dejjem għamilna isem tajjeb lil Imqabba bihom.




Sa minn xahar wara l-festa li għaddiet, sewwasew f'Settembru, bdejna naħdmu sabiex inkomplu fuq li ħallejna s-sena l-oħra. Issejħet laqgħa fejn tfassal pjan ta' ħidma għal din is-sena. Tajna spinta u komplejna naħdmu fuq l-iskultura artistika tat-trofej.

Ħdimna kwantità kbira ta' liedna u saru wkoll festuni. Ġew organizzati bosta attivitajiet sabiex jinġibdu aktar żgħażagħ lejn is-Soċjetà u jinġabru l-fondi meħtieġa biex nibqgħu niddominaw f'kull aspett speċjalment fir-rigward ta' innovazzjoni u briju. B' sodisfazzjon kbir ngħid li lħaqna l-għanijiet kollha tagħna għal din is-sena. F'Novembru ġiet imtellgħa wirja straordinarja ta' ritratti storiċi fis-sala prinċipali tal-Każin. Permezz ta' din il-wirja, bit-tema *'Lenti fuq is-Soċjetà 1910-2002'*, ġiet imqanqla l-istorja tas-Soċjetà fi stadju profond minħabba li l- istorja kienet spjegata b'mod viżiv. Ta' min jgħid li din il-wirja kienet imtellgħa bil- kollaborazzjoni esklussiva tas-Sur Elvin Sciberras li huwa wkoll membru fi ħdan is-Sezzjoni, u anki ta' membri mill-Kumitat Eżekuttiv.

Minn hawnhekk nieħdu l-opportunità biex nirringrazzjahom mill-ġdid. Ta' min jgħid li permezz ta' din il-wirja ftaħna ċ-ċelebrazzjonijiet uffiċjali sabiex infakkru l-Għaxar Anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni kif ukoll il-Ħames anniversarju mir-rebħ ta' l-unur ferm prestiġġjuż mogħti mill-Unjoni Ewropea - *'Les Étoiles D'or du Jumelage'*.

F' Novembru u Diċembru ġew organizzati ikliet bejn il-ħbieb u Dinner Dances li kienu suċċess kbir b'ammont eċċezzjonali ta' żgħażagħ u partitarji. F'Jannar komplejna nżidu l-ammont ta' soċji fis-Sezzjoni Żgħażagħ. Hawnhekk ta' min jgħid li din is-sena n-numru tas-soċji rdoppja fuq is-sena l-oħra.

Għalina, din iż- żieda qawwija hija waħda ta' importanza kbira għaliex kull ma jmur is-Soċjetà tagħna qiegħda dejjem tiffjorixxi bl-element żagħżugħ li huwa l-futur tagħha. Fi Frar u Marzu ġew organizzati tiġrijiet fil-*Badger Carting* u anke *Snooker Competition*, fejn l-ammont ta' żgħażagħ li ħadu sehem reġa' kien inkoraġġanti għall-aħħar. F'Mejju ġew organizzati *Darts Competition* u *Playstation Tournament*. F'Ġunju ġiet organizzata ikla bejn il-ħbieb ġewwa l-Każin.

Ma nistax ma nsemmix l-opri artistiċi fosthom il-Pedestalli ta' l-Appostli, it-trofej u l-pavaljuni li żanżanna fil-festa tas-sena l-oħra. Dawn l-opri paxxew għajnejn kull artist Imqabbi u anke barranin li kull sena raħalna jiġi invadut bihom. Minn hawnhekk nerġa' nirringrazzja lil kull min ta sehmu biex dawn l-opri setgħu jsiru realtà.

Flimkien ma' l-għeluq ta' l-għaxar sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ, kif diġà semmejt aktar kmieni f'dan l-artiklu, din is-sena jaħbat ukoll il-ħames anniversarju mill-għotji ta' l-unur uniku għal pajjiżna, il-prestiġġjuż *'Les Étoiles d'Or du*



*Wirja ta' ritratti relatati mas-Soċjetà u l-Banda Re Ġorġ V li saret f'Novembru ġewwa l-Każin.*


Maypole
BAKERY
Ltd.
14, St. Joseph Street, Qormi.
Tel: 2148 8992 Fax: 2144 2778
1, Victory Street, Qormi.
Tel: 2149 0524
Baker's Pride
Fruit Loaf
Baker's Pride
Baker's Pride

*Jumelage'*, lis-Soċjetà tagħna. Minn dan l-ispunt nieħu l-opportunità biex nirringrazzja, f'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ, lill-Banda għażiża tagħna u lid-delegazzjoni ta' l-unur li għamlu lill-Imqabba u lil Malta. Min-naħa tagħna se nagħmlu minn kollox biex dan l-unur hekk prestiġġjuż jiġi mfakkar kif inhu xieraq.

Għal dawk li jaħsbu li s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ma teżistix jew li qiegħda hemm għall-isem biss, għandhom ikunu jafu li din is-Sezzjoni minn dejjem kienet l-aqwa fortizza ta' żgħażagħ Imqabbin fi ħdan is-Soċjetà, li sena wara sena jgħamlulna unur bix-xogħol, kreattività u kapaċità tagħhom. Fil-verità is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija dejjem ħadmet bil-kbir fi ħdan is-Soċjetà mingħajr ebda daqq ta' trombi żejda.

Nieħu l-opportunità sabiex f'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv tal-fiduċja li kull sena dejjem juri fina, lilll-Għaqda tan-Nar tas-sapport li jagħtuna matul is-sena u lill-Fergħa tan-Nisa tal-kuraġġ li dejjem jagħmlulna. Fl- aħħar iżda mhux l-anqas, grazzi mill-qalb tmur liż-żgħażagħ tagħna li sena wara l-oħra dejjem sibna l-appoġġ importanti tagħhom sabiex niżguraw li niċċelebraw b'mod xieraq il-festa tal-Patruna Santa Marija.

Viva l-Patruna ta' l-Imqabba Santa Marija.



*Il-briju li nafu noħolqu aħna ż-Żgħażagħ.*





Ċelebrità Vol 2
CD Ġdida
ta' Marċi Brijużi

Hu ħsieb li takkwista
CD mill-Kumitat Żgħażagħ.

# WATER SUPPLIES

## (TA' KUSINU)







Prezzijiet irħas bit-Trailer

**Għal kull ġarr ta' ilma tax-xorb, tisqija, pools u bil-bexxiexa bl-akbar sistema ta' indafa u bl-aħjar prezzijiet fis-suq u b'effiċjenza.**

Ċemplu fuq 2180 8865 jew Mob: 9982 1864 u staqsu għal

Mario Galea

'Woodpecker',

Għaxaq By-Pass,

Għaxaq

Toħorġu sodisfatti żgur.

## Fergħa Nisa

# Sena ta' Xogħol Bla Tmiem

Reġgħet għaddiet sena oħra! Wasal iż-żmien li kull Imqabbi u Mqabbija ta' veru jkunu jistennew fuq ix-xwiek. Meta jasal ix-xahar ta' Lulju jibda jinħass l-ispirtu tal-festa, u wisq iżjed meta fit-30 ta' Lulju tibda l-kwindiċina.

Hawnhekk wieħed malajr isib fuqu l-ġimgħa tal-festa, ġimgħa li kull partitarju jew partitarja ngħixu għaliha, fejn il-qofol ta' kollox hija l-15 t'Awissu, ġurnata l-iżjed għażiża għal kull kattoliku jew kattolika. Dan għaliex inkunu qegħdin niċċelebraw it-tlugħ fis-sema ta' Ommna Marija fejn marret tgawdi lil Binha.

Bħas-snin l-imgħoddija, aħna n-nisa kellna sena oħra mimlija ħidma fejn ġbarna fondi biex dejjem ngħinu biex insebbħu l-każin u affarijiet oħra. Bħala fergħa tan-nisa, nixtiequ nirringrazzjaw lis-soċi u partitarji nisa ta' l-attendenza fl-attivitajiet kollha li norganizzaw bħal 'coffee mornings' u lotteriji.

Ringrazzjament imur lil sħabna membri tas-sotto-kumitat u diversi nisa oħra li matul is-sena jagħmlu sagrifiċċji kbar sabiex jiġbru l-flus u jbiegħu l-biljetti tal-lotteriji u attivitajiet oħra.

Bħal kull sena nappellaw għall-parteċipazzjoni tagħkom f'kull attività li ssir sew fil-knisja kif ukoll barra.

Nappellaw ukoll li nġibu ruħna ta' nies serji li aħna.

Nħeġġukom biex f'dawn il-granet ta' ferħ, u li huma wisq għeżież għalina, nersqu iżjed lejn il-qrar u t-tqarbin biex il-festa tkun iżjed bis-sens u b'hekk inqimu lil Ġesù u lil Ommu u Ommna Marija.

Fl-aħħar ma baqa' xejn xi ngħidu ħlief:

Viva Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabbin.

# Lil Marija Assunta

**Poeżija ta' Stefano Farrugia**



Waqaft ħiemed għal ftit ħin,
Jien, wieħed mill-midinbin,
Li inti tilqa' bil-qalb,
L-aktar meta nkun fit-talb;

Għax ħanina u taf tħenn,
Ja Omm tiegħi, għajn ta' kenn,
Faraġ, tama, hena w sliem,
Tgħini nħares 'il quddiem;

U naffronta kull kurrent,
Li ma jħallinix kuntent,
U hekk fuq saqajja nqum,
Għax int l-aqwa tarka llum;

Int li ġismek ma tħassarx,
Lura lejn l-art ma ddawwarx,
Għax ġismek huwa glorjuż,
Bħal ta' Kristu; tagħna l-fus.

Lejk iġbidna lkoll flimkien,
Kebbes fina n-nirien,
Ta' l-imħabba u l-kuraġġ,
Biex imexxu tagħna l-vjaġġ;

Ħajjitna hija f'idejk,
Żommna dejjem taħt għajnejk,
F'għaqd' għamilna ma' xulxin,
Aħna lkoll, aħwa Mqabbin.

# Programm Festi Esterni

## L-Erbgħa, 30 ta' Lulju: BIDU TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Mixgħela tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Il-festa ta' din is-sena tibda permezz ta' Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

## MATUL IL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

## Is-Sibt, 9 ta' Awissu: JUM IL-ĦRUĠ TA' L-ISTATWA

**7.30pm** Toħroġ l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet marjani. Wara, il-Banda mmexxija minn Mro. David Agius tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi.

## Il-Ħadd, 10 ta' Awissu: JUM IL-BANDA

**8.15pm** Il-Banda Re Ġorġ V tagħmel marċ qasir minn fejn il-bini muniċipali tal-Kunsill għall-pjazza tal-Knisja, San Bażilju u l-Pjazza ta' quddiem il-Każin.

**8.45pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali Annwali. Wara jsir riċeviment li għalih mistiedna s-soċji, benefatturi u partitarji nisa u rġiel kollha.

## It-Tnejn, 11 ta' Awissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ronnie Debattista, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## It-Tlieta, 12 ta' Awissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## L-Erbgħa, 13 ta' Awissu: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

**9.00pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda l-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji.

# F'Ġieħ Santa Marija - 2003

## Il-Ħamis, 14 ta' Awissu: LEJLET IL-FESTA

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tesegwixxi programm strumentali ġewwa l-pjazza. Wara tagħmel marċ.

**8.00pm** Il-Banda Filarmonika Konti Ruġġieru tar-Rabat, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Muscat tibda marċ minn Triq il-Pal għall-pjazza fejn tiltaqa' maż-żewġ baned l-oħra. Iż-żewġ baned jingħaqdu f'*mass band* fil-pjazza u wara jkomplu marċ alternat sal-każin tas-Soċjetà.

**10.30pm** Programm Strumentali mill-Banda Filarmonika Konti Ruġġieru, dejjem taħt id-direzzjoni tas-Surmast tagħha Mro. Joseph Muscat.

## Il-Ġimgħa, 15 ta' Awissu: L-GĦID TA' L-ASSUNTA

**10.15am** Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro.David Agius, tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal, imbagħad jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

**6.00pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. Alfred Farrugia tibda marċ minn Triq il-Valletta sal-pjazza.

**6.00pm** Il-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Richard Bugeja tibda marċ minn Triq Santa Katarina sal-pjazza.

**6.45pm** Hekk kif iż-żewġ baned mistiedna jaslu fil-pjazza, ikomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia tilqa' l-Istatwa Titulari fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo.

**8.45pm** Malli l-istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħdu sehem il-Baritonu Piju Dalli, it-Tenur Andrew Sapiano kif ukoll il-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara taħt id-direzzjoni tas-Sur Samuel Bezzina. Wara, l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.30pm** Wara ringrazzjament ġewwa l-knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-bandisti tal-post tal-Banda Re Ġorġ V jagħlqu l-festa b'marċ qasir.

## Il-Ġimgħa, 22 ta' Awissu: L-OTTAVA TAL-FESTA

**7.30pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Nagħlqu l-festa ta'din is-sena permezz ta' Lejla Maltija fil-pjazza quddiem il-Każin. Għal darb'oħra jieħu sehem l-aqwa talent Malti.



Suppliers of:

**Granite, Marble, Terrazzo, Ceramics and Paving Blocks**

FRANCESCO FENECH

Valletta Road,
Mosta
Tel: 2143 4555
Fax: 2143 3517

Festa ta' Santa Marija

# Funzjonijiet tal-Knisja

**L-Erbgħa, 30 ta' Lulju**
**– Bidu tal-Kwindiċina**

6.30pm Quddiesa solenni, talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

**It-Tnejn, 4 t'Awissu**

6.30pm Quddiesa għat-tfal tal-Parroċċa u bis-sehem taż-żgħażagħ.
Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

**Il-Ħamis, 7 t'Awissu**

6.30pm Quddiesa għall-membri tal-Għaqda tan-Nar mill-W.Rev. Kappillan Dun Joe Bartolo. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

**Il-Ġimgħa, 8 t'Awissu**
**– Jum it-tifkira tas-soċi u benefatturi**

6.30pm Quddiesa kantata mill-W.Rev. Kappillan Dun Joe Bartolo, b'sufraġju għall-erwieħ tas-soċi u benefatturi mejtin.
Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Is-Sibt, 9 t'Awissu**
**– Ħruġ l-Istatwa**

6.30pm Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina u Barka.
7.30pm Isir il-ħruġ solenni ta' l-Istatwa ta' Santa Marija u wara jitkanta l-Innu Ave Maris Stella u l-Antifona.

**Il-Ħadd, 10 t'Awissu**
**– Jum il-Familji**

6.00pm Quddiesa bis-sehem tal-familji tal-Parroċċa.
Talba tal-Kwindiċina u Barka.

**It-Tnejn, 11 t'Awissu**
**– L-ewwel Jum tat-Tridu**

6.30pm Quddiesa solenni mill-W.Rev.Kan. Julian Refalo Rapa.
Wara, talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Regina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

Il-mużika tat-Tridu, Lejliet u nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast W.R. Patri Salv Galea O.P.

**It-Tlieta, 12 t'Awissu**
**– It-Tieni Jum tat-Tridu**

8.00am Quddiesa kantata.
6.30pm Quddiesa solenni mill-W.Rev.Kan. Julian Refalo Rapa.
Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**L-Erbgħa, 13 t'Awissu**
**– It-Tielet Jum tat-Tridu**

8.00am Quddiesa kantata
6.30pm Quddiesa solenni mill-W.Rev.Kan. Julian Refalo Rapa.
B'mod speċjali huma mistiedna l-morda u l-anzjani tal-Parroċċa għaliex waqt l-istess quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda.
Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħamis, 14 t'Awissu**
**– Lejliet il-Festa**

8.15am Quddiesa solenni mill-W.Rev. Kappillan Dun Joe Bartolo. Wara jitkanta t-*Te Deum* u l-Antifona Beata Mater.
6.30pm Tranżulazzjoni solenni tar-relikwa, immexxija mill-W.Rev.Mons. Anton Saliba, Arċipriet Emeritus. Wara, quddiesa kantata mmexxija mill-istess Monsinjur. Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 15 t'Awissu**
**– Jum il-Festa**

Fis-6.00am, 7.00am, 8.00am ikun hemm quddies lett.
9.15am Quddiesa konċelebrata solenni bil-paniġierku mill-W.Rev.Mons. Anton Saliba, Arċipriet Emeritus.
11.00am Knisja u San Bażilju, 5.00pm - quddies lett.
6.00pm Għasar solenni mill-W.Rev.Mons. Anton Saliba, Arċipriet Emeritus. Salve u Litanija.
7.15pm Purċissjoni bl-Istatwa artistika, devota u Titulari tal-Parroċċa mmexxija mill-istess W.Rev. Ċelebrant.
10.15pm Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 22 t'Awissu**
**– L-Ottava tal-Festa**

6.30pm Quddiesa, ripożizzjoni tar-relika, *Te Deum* u Barka.
















# A Comprehensive Service in the Building and Furniture Industry

**Attard Bros. Co. Ltd.** is a group of Civil Engineering and Construction Contractors, which has been in the forefront of Malta's infrastructure drive. Various important civil engineering and construction projects on the island were entrusted to the Attard Bros Co. Ltd, and were completed to the full satisfaction of their clients.

**Eurocraft Ltd.** produce joinery and furniture, and offer a specialised shop fitting service. It also specialises in the handling of turnkey projects that highlight the company's high professional standard.

**Attard Blue Mix.** consists of two modern batching plants which can supply up to 1,600 cubic meters of ready mixed concrete daily. The facility of producing high quality concrete, in substantial volumes on a day-to-day basis makes it possible to undertake private and public contracts with ease of operation that such integrated set-up can offer.

**Attard Concrete Systems Ltd.** produces pre-cast pre-stressed concrete panels with thicknesses varying from 150 to 400mm. These panels cater for various loading factors within a range of spans.

**Cementstone Manufacturing Co. Ltd.** produces pre-cast concrete elements which include concrete masonry blocks. Other products supplied by Cementstone include kerb stones and interlocking paving blocks.

ATTARD BROS.
GROUP OF COMPANIES

BSI REGISTERED FIRM

QUALITY IN PEOPLE

**'Mikesand', Industrial Zone**
**Ta' Qali RBT 13**
**Tel: 415332 FAX: 430967**

# 80 sena mill-Pedestall Artistiku ta' l-Inkoronazzjoni armat fil-Pjazza 'Il-Kolonna'

kitba ta' Carmen Lia

*B. Ed. (Hons), B. A.*

Fil-ġranet tal-festa ta' Santa Marija fil-pjazza tal-Knisja, sewwasew ħdejn il-Każin Santa Marija, bosta nies li jiġu r-raħal jieqfu jammiraw pedestall artistiku bl-istatwi fuqu li jirrappreżentaw l-Inkoronazzjoni tal-Madonna. L-idea ta' dan il-pedestall ta' l-Inkoronazzjoni oriġinat minn Baskal Gauci (*tal-Pasens*) iżda mbagħad kienu ħafna l-partitarji tal-Każin li ħadmu biex il-ħolma tiegħu ssir realtà. Fosthom wieħed irid isemmi lil Ganni Ghigo li kien imħarreġ sew fuq ix-xogħol ta' pedestalli mill-bravu skultur, pittur u disinjatur Abram Gatt (1863-1944) ta' Bormla li kien ic-*chargeman* tiegħu t-tarzna.

Għalhekk, Ġanni Ghigo daħal għal dan il-proġett ambizzjuż megħjun mill-aħwa Innocenzo u Giuseppe Psaila. Ix-xogħol ta' l-injam sar fuq disinn ta' l-Imgħallem Abram Gatt. L-iskultura abbondanti u fina saret minn ċertu Piju mill-Kalkara. L-istatwi tal-kartapesta mimlijin b'tant naturalezza nħadmu minn Mastru Karm Mallia fuq il-mudelli ta' Carlo Darmanin.

Il-finanzi għall-pedestall ta' l-Inkoronazzjoni ħaseb biex jiġborhom il-Kumitat tas-Soċjetà ta' dak iż-żmien. Ħarġu £25 kull wieħed Mikiel Zammit (*il-Mejlaq*) u, Katarin Camilleri (*tal-Gizzu*) u l-aħwa xebbiet Inguanez. Il-kumplament tal-flus inġabru mill-familji Mqabbin u mill-membri tal-każin bis-sold ta' kull nhar ta' Ħadd, dejjem bit-tħabrik ta' l-aħwa Lorenzo u Giovanni Zammit, li ħadu ħsieb ukoll li jsibu benefatturi għall-ispejjeż tiegħu. Dak iż-żmien l-istatwi ta' l-Inkoronazzjoni qamu £20 u ħallashom Emanuel Sciberras (*Kalora*); l-istatwi tan-nisa, ilkoll figuri mill-antik Testment, Ġuditta, Jahel, Ester u Abigail - qamu £10 u l-iskultura tiegħu kollha qamet £20.

Din il-biċċa armar imponenti u sabiħa nħadmet kollha fil-każin li dak iż-żmien kien f'numru 26, Pjazza tal-Knisja, sewwasew bieb ma' bieb mal-Każin li għandha s-Soċjetà llum. Il-partijiet kollha li minnu hu magħmul il-pedestall jintramaw b'eżattezza kbira biex f'għoli ta' 'l fuq minn żewġ sulari ma jkun hemm ebda avarija u jaqbel kollox. Wieħed jistagħġeb kif barra mis-sagrifiċċju personali ta' dawk li ħadmuh wara ġurnata xogħol, dawn in-nies kellhom ukoll il-ħila li jwaqqfuh u jġibuh hekk tal-qies f'kollox f'post hekk żgħir.

Din l-opra verament artistika u sabiħa żżanżnet l-ewwel darba fil-festa ta' Santa Marija tal-1923 fi żmien meta l-President tal-Każin kien Angelo Ghigo. Għall-okkażjoni tqassmu wkoll poeżiji.



**Noti u referenzi**


LIA, Carmen (1960 - )
Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba - Mqabba: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, 1997
xvi, 236p.: 29.2cm
**ISBN 99909-68-30-6**



# Spoil yourself for choice on your Dream Day.







## BIG BUN CATERERS...

**By Gerald Fenech**

The art of catering requires the utmost abilities to impress and satisfy all those who are to experience your product. Just off the centre of Zabbar you will find the aptly named 'Big Bun', which is slowly making its name as one of the best on the island. Two young and enthusiastic men who glow with positive enthusiasm run the setup. Kevin Camilleri and Victor Sant have thrown their heart into this business and their fruits are beginning to take shape. Obviously they are outside caterers and also deliver to various shops during the week; this makes a staple diet of cakes and gateaus constantly in evidence! A visit to the kitchen will prompt even the most pernicious of individuals to ask for a taste of all the products on offer which smell so good that they make the mouth water. However, the guys at Big Bun are geared to provide a wedding reception of the highest order. The endless list of products available make the mind (and the stomach) boggle! The usual array of aperitifs and starters are served with the utmost care and dedication. Dishes of stuffed artichokes, mushrooms, prawns and fish nuggets are just the tip of the iceberg. All these are designed to create an artistic effect. For Big Bun is not your normal tedious caterer. Kevin and Victor take a personal interest in their clients. This service includes the team viewing the wedding hall and providing sound advice for the best possible ideas. After all no one would like his/her special day to turn out sour! The variety of hot dishes is also quite amazing. The oriental flavor of spring rolls blends with the local delicious 'qassatat', both designed to please the eye (and all!). Sweet & Sour Pork goes together with Meat Balls which roll on in a never-ending stream of delicious aromas! In fact I was positively captivated by the various scents and tastes that beckoned before me. However, the real masterpiece must be the tables selection. Big Bun is truly first class in this respect. The normal Maltese table includes the usual 'bebbux', 'hobz biz-zejt' and other local traditions such as 'fazola' and most of all the tongue licking 'gbejniet tal bzar'. We moved on to the Meat and Fish Table, which was another masterpiece. The various qualities of beef, pork, chicken and salami were arranged to the highest order with delightful designs. The same could be said for the even more impressive marine selection. The mouth wateringly arrangement of king prawns, mussels, salmon roulettes, octopus and 'clamari' was indeed a sight for sore eyes! Other tables of note are the Chinese Table which has the finest dumplings on the island and the Fruit table which is impressive in the flesh and in the wide variety on offer. And there's much much more of these finely prepared products which you may want to see (and taste) for yourselves. I don't know if I'm getting married yet (hopefully!), but I'm definite that if I do, my catering will be in the hands of Kevin and Victor at Big Bun. We all deserve the best don't we!


***Dolceria:***
**Bajada Str.,**
**Żabbar**
**Tel: 21803897**

Big BUN Caterers
CATERERS FOR ALL OCCASIONS

# Qabar tal-Fidda u Bradella ġdida għall-Istatwa Titulari ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni

## 75 sena ilu

kitba ta' Carmen Lia
*B. Ed. (Hons), B. A.*

Kien ilu jinħass li l-Istatwa ta' Santa Marija kien jonqosha xi ħaġa biex veru tkun statwa kompluta minn kollox. Għalhekk fil-bidu tas-snin għoxrin, il-Kumitat tal-Każin immexxi mill-President Joseph Bugeja, flimkien mal-Kleru tal-Parroċċa, iddeċieda li kellu jsir qabar ġdid tal-fidda flok dak ta' l-injam kif ukoll bradella ġdida.

Id-disinn ta' dawn iż-żewġ opri kbar ġie fdat f'idejn l-Imgħallem Abram Gatt, magħruf ma' Malta kollha għad-disinni oriġinali tiegħu u li diġà kien għamel xi xogħol għall-Parroċċa tagħna.



*Il-pedestall jew "qabar" l-antik li kellha l-istatwa titulari.*

### Qabar tal-Fidda

Fit-30 ta' Ottubru tal-1835 sar kuntratt għall-kummissjoni ta' l-istatwa ta' Santa Marija quddiem in-Nutar Menville Massimiliano Troisi fejn l-iskultur Żejtuni Alessandro (Xandru) Farrugia ntrabat li fi ftit xhur, jiġifieri sa l-aħħar ta' Lulju tal-1836 jew l-iżjed sal-bidu ta' Awissu ta' l-istess sena, jaħdem statwa artistika ta' l-Assunta flimkien ma' qabar ta' l-injam li kellu jservi bħala pedestall għall-istess statwa. Kien fuq dan il-qabar ta' l-injam li l-Istatwa ta' l-Assunta nġarret mill-Imqabbin fl-14 ta' Awissu tal-1836. Dak in-nhar l-Imqabbin telqu miż-Żejtun ferħanin bl-istatwa artistika ta' l-Assunta mqiegħda fuq il-qabar ta' l-injam u għaddew minn Ħal-Għaxaq u mill-Gudja fejn intlaqgħu bl-isparar ta' murtaletti.

L-istess qabar ta' l-injam baqa' jintuża fil-festi kollha ta' Santa Marija mill-1836 sal-1927, iżda għall-ewwel darba fil-festa tal-1928 l-istatwa ta' Santa Marija tneħħiet minn fuq il-qabar ta' l-injam u ġiet immuntata fuq qabar ġdid tal-fidda li kellu jservi bħala pedestall. Dan sar għas-sodisfazzjon tal-Kumitat u tal-Kappillan ta' dak iż-żmien, il-Mosti Dun Paċifiku Mifsud. Il-qabar l-antik illum huwa miżmum b'għożża kbira fil-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

Il-qabar, fuq disinn ta' l-Imgħallem Abram Gatt, ġie maħdum fl-injam minn Manwel Buhagiar ta' Ħal Tarxien. Ix-xogħol tal-fidda kien fdat f'idejn id-ditta *Antonio Ghezzi e Figli* ta' Milan u sewa s-somma ta' £400. Ċensu Farrugia jiftakar lil Ġanni Ghigo u Emanuel Borg (*id-Dovik*) jgħidu li meta l-fidda waslet minn Milan, ittieħdet fil-Kappella ta' Santa Katerina fejn partitarji tas-Soċjetà għaqqduha ma' l-injam. Wara, il-qabar ittieħed fil-Kappella tad-Duluri.

Din l-opra sabiħa saret b'sagrifiċċju u b'impenn mill-akbar. Il-ġbir għall-pedestall tal-fidda sar mill-familji, bis-sold ta' kull nhar ta' Ħadd, u hadu ħsieb il-ġbir Emanuel Zammit, Ġużeppi Maria Mallia u Lorenzo Zammit (*tal-Mejlaq*). Jidher li l-ġbir għall-pedestall kien beda ħafna snin qabel l-1928 iżda peress li l-ġbir kien fqir, kellu jieqaf. Jingħad li kien bil-ħila ta' Joseph Bugeja, President tas-Soċjetà, li l-ġbir kien reġa' beda. Jingħad ukoll li Lord Gerald Strickland, waqt li kien qiegħed isir *meeting* fl-Imqabba ikkontribwixxa £10 għall-pedestall.

# RAYMOND ABDILLA

## Exporter & Importer



**Seed and Ware Potatoes**

"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi ŻRQ 11.
Tel: (00356) 21683870, 21436594
Mob: 9949 7980, 9944 9553
Fax: (00356) 21689726

Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-prodotti

**Arinda** – Patata Bikrija li tinżera' f'Ottubru
**Santè** – Tajba għall-esportazzjoni u tinżera' bikri
**Picasso** – T'għajna ħamra
**Agria** – Ta' qatgħa safra
**Diamant** – Ta' qatgħa safra
**Alpha** – Ta' qatgħa safra
**Banner** – Ta' qatgħa bajda
**Laura** – Ta' qoxra ħamra
**Marfona** – Ta' qatgħa bajda (għall-esportazzjoni)
**Ditta** – Ta' qatgħa safra (għall-esportazzjoni)
**Stirling** – Ta' qatgħa bajda (ma' kull għaxra nagħtu waħda b'xejn)

**NEWS**
**Varjetajiet ġodda**

AGRICO

**Fertilizer Ġermaniż**
**12+12+17+2+6**
**27%**
**21%**

Il-kontijiet tal-ġbir u ta' l-ispejjeż kollha tal-pedestall ingħataw fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-pedestall.

Dan il-pedestall huwa wieħed mill-aqwa li hawn f'Malta u bil-ħila ta' Abram Gatt, dan kompla sebbaħ l-Istatwa ta' Santa Marija.

## Il-Bradella

Fit-12 ta' Jannar 1927 ġie ppreżentat rikors fil-Kurja ta' l-Arċisqof li jġib in-numru 70/1927 fejn l-Imqabbin Mikiel Zammit (*il-Mejlaq*) u martu Grazia Inguanez urew li xtaqu li jkunu l-benefatturi ta' bradella għall-istatwa ta' Santa Marija. Il-ġbir għall-qabar tal-fidda kien diġà beda jsir u għalhekk inħass il-bżonn li kellha ssir ukoll bradella biex l-istatwa tkun kompluta minn kollox. Peress li Mikiel Zammit (*il-Mejlaq*) kien wiegħed li jekk l-Imqabbin jaslu biex jiġbru l-flus meħtieġa biex isir il-pedestall tal-fidda, huwa kien jidħol biex jagħmel il-bradella, ħass li kellu jżomm kelmtu. Fit-22 ta' Frar 1927 Mons. Arċisqof Mauro Caruana aċċetta t-talba li kienet saritlu fir-rikors.

Wara li l-Imgħallem Abram Gatt ta' Bormla lesta d-disinn, il-benefatturi Mikiel Zammit u martu Grazia, flimkien mal-Kumitat, ħasbu f'min kienu ser jafdaw ix-xogħol. Ġie deċiż li x-xogħol ta' l-injam tal-bradella kellu jsir mis-Surmast Manwel Buhagiar ta' Ħal Tarxien waqt li l-Appostolat ġie ordnat l-Awstrija għand id-ditta *Ferdinado Stuflesser*.

Insibu li Ġanni Ghigo, li dak iż-żmien kien jaħdem it-Tarzna, wara l-ġurnata tax-xogħol kien jibqa' sejjer Ħal Tarxien sabiex isegwi x-xogħol u l-eżekuzzjoni fl-injam għand is-Surmast Manwel Buhagiar. Dik il-bradella dak iż-żmien swiet is-somma globali ta' £194.6s.2d. Ix-xogħol esegwit fl-injam minn Mastru Buhagiar sewa £153. Qabel inbeda x-xogħol, Mastru Manwel Buhagiar ingħata kapparra ta' £40:

*"Ricevo da Lorenzo Zammit lire sterline quaranta in conto del prezzo di lavoro e la formazione di una bradella giusta scrittura privata da noi fatta ed autenticata dal Notaro Angelo Cachia oggi stesso.*
*Dico 40.0.0 (liri)*
*Firmata:-Emanuel Buhagiar, Scultore".*

It-tieni, it-tielet u l-aħħar pagamenti li sarulu kienu ta' £20, £20 u £73 rispettivament.




***RITRATT TAD-DISINN ORIĠINALI tal-pedestall tal-fidda li nħadem fl-1928 mid-ditta Antonio Ghezzi e Figli ta' Milano. Id-disinn huwa ta' l-Imgħallem Abram Gatt ta' Bormla u l-esekuzzjoni fl-injam saret mis-Surmast Manwel Buhagiar ta' Ħal Tarxien. Dak iż-żmien il-pedestall kien sewa 400 lira.***



***RITRATT TAD-DISINN ORIĠINALI tal-bradella ta' Santa Marija li nħadmet mis-Surmast Manwel Buhagiar ta' Hal Tarxien fl-1928. L-appostolat inħadem fl-Awstrija. Id-disinn tagħha sar mill-Imgħallem Abram Gatt ta' Bormla. Swiet fuq il-200 lira u l-benefatturi kienu Mikiel Zammit u Grazja née Inguanez, it-tnejn mill-Imqabba.***

**INAUGURAZIONI**
**Tal Pedistal tal Fidda ta l'Statua ta S. Maria l'IMkabba**

Nhar is-Sibt li gei, il 11 ta Auuissu fil-6.30 ta uara nofs inhar, se jigi inaugurat il pedistal tal fidda ta li Statua ta S. Maria, titular tal pajjis. Dina l'opra sabiha, li saret b'sacrificcji u b'impenn mil l'acbar, giet mahduma mis-Sinjuri Ghezzi ta Milan; disin tas-Surmast Abram Gatt. Ma dana il pedistal se tizzanzan ucoll bradella mil l'sbah ghal l'istess Statua mahduma mill l'iscultor Emmanuele Buhagiar ta Rahal Gdid, disin ta l'istess surmast Abram.

Il festa tibda fl'4 ta uara nofs inhar b'marci musicali mal pajjis. Iccerimonji isiru fil Cnisia tad-Duluri u min hemm, uara collox, li Statua tigi mehuda processionalment il Cnisia tal Parroccia bi briu cbif jixrak.

Fl'istess occasioni, jigiu moghtija il contijet tal gbir u ta li spejjes colla tal pedistal.

*MALTA TAGĦNA, 11 ta' Awissu 1928, p.5.*




***IL-ĦLAS LIL FERDINAND STUFLESSER ta' l-Appostolat.***
***(Ħajr: Emanuel Buttigieg)***

Ta' l-Appostolat magħmul mill-injam tas-*sycamore - legno durissimo naturale*, id-ditta *Stuflesser* tħallset is-somma ta' £37.0.6d. Id-dazju li tħallas fuq l-Appostolat bis-7 u nofs fil-100 kien ta' £3.2s.1d. Il-korrispondenza ma' *Stuflesser* swiet £0.3s.7d. Kien hemm ukoll xi spejjeż oħra li tħallsu lin-Nutar ta' l-obligazzjoni (17s.0d) u lill-Kurja ta' l-Arċisqof għar-rikors (4s.0d) minn Giuseppe Zammit. Pjuma għat-tfarfir swiet 4s.6d.

Il-bradella l-ġdida ttieħdet fil-Knisja Parrokkjali.



*IL-BRADELLA ta' Santa Marija li nħadmet fl-1928.*
*(Ħajr: Tufigno Photo Services)*

## L-Inawgurazzjoni tal-Qabar tal-Fidda u tal-Bradella

Il-qabar tal-fidda kien ġie inawgurat is-Sibt 11 ta' Awissu fl-1928 fil-Kappella tad-Duluri. Il-festa bdiet fl-4.00 ta' wara nofs in-nhar meta kienu esegwiti marċi mużikali mat-toroq ta' l-Imqabba. Imbagħad fil-5.30 inbdiet iċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni tal-qabar tal-fidda.

Wara li saret Trasulazzjoni tar-Relikwija, il-vara ta' l-Assunzjoni ġiet meħuda proċessjonalment mill-Kappella tad-Duluri għall-Knisja tal-Parroċċa, fost briju kif kien jixraq. Fost ir-reffiegħa kien hemm il-benefattur tal-bradella Mikiel Zammit u peress li kien xiħ, għenu jerfa' Emanuel Zammit (*il-Gross*).

Fl-istess okkażjoni, ġew mogħtija l-kontijiet tal-ġbir u ta' l-ispejjeż kollha tal-pedestall.

Għal din l-okkażjoni, għall-ewwel darba fir-raħal, inħaraq murtal ta' erba' bombi magħmul minn Ċensu Galea (*id-Derek*).

Peress li f'dik is-sena, l-Istatwa Titulari ta' Santa Marija ma kien

# Replika tal-Bradella

## ta' l-Istatwa Titulari ta' Santa Marija

Huwa xieraq li hekk kif qegħdin niċċelebraw għeluq il-75 sena minn meta żżanżnet il-bradella ta' Santa Marija fl-Imqabba, nirrakkuntaw din l-istorja ħelwa dwar replika ta' l-istess bradella.

Għalkemm din il-bradella ma tinsabx ġewwa l-Imqabba, iżda f'Raħal Ġdid, bla dubju ta' xejn xorta waħda tinsab esebita b'għożża kbira. Din il-bradella hija proprjetà tas-Sur Ramon Attard.

Il-qisien tagħha li huma kollha *to scale*, huma ta' ħmistax-il pulzier u nofs kwadru u ħmistax-il pulzier għolja.

Il-materjal tagħha huwa kewba mastizz. Ix-xogħol kollu fuq din ir-replika sar mis-Sur Rennie Mizzi u tlestiet f'Novembru tas-sena l-oħra.

Kif diġà għedt, din il-bradella tinsab ġo dar privata f'Raħal Ġdid u preżentement fuqha tinsab statwa żgħira ta' Kristu Re.

Filwaqt li nawgura lis-Sur Ramon Attard, ta' din l-inizjattiva sabiħa, inħeġġu sabiex din il-bradella tkompli tiżżejjen bil-qabar u bl-Istatwa Titulari ta' Santa Marija ta' l-Imqabba. Prosit Ramon.





jonqosha xejn, il-festa ġiet iċċelebrata b'solennità u briju kbir. Il-Banda ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ ferhet it-toroq ta' l-Imqabba lejlet u nhar il-festa (it-Tlieta 14 ta' Awissu u l-Erbgħa 15 ta' Awissu rispettivament) b'marċi u programm fejn indaqqu kompożizzjonijiet minn Beethoven, Giordano, Mascagni, Jeml, Schubert, Puccini u Diacono.

In-nies li marru dak in-nhar setgħu jammiraw il-qabar tal-fidda u l-bradella artistika :-

*"The little village of Mkabba will be "en fete" this afternoon when the new silver pedestal for the Statue of the Assumption of the B.V. Mary - the patron Saint of the village - will be on view. It will be a fitting occasion for the public to admire a costly and artistic work which has turned out in every sense a perfect success. It is the work of a Milan firm to the designs of our countryman Mr. A. Gatt of Cospicua. The pedestal is mounted on a very fine base which has been designed also by Mro. Gatt, the work having been executed to perfection by Mr. Emanuele Buhagiar of C. Paula.*

*All lovers of art and well wishers should not miss this opportunity of paying a visit to Mkabba".*



**Programma**

della festa solenne della Assunzione che si celebrerà nella Chiesa Parr. della Micabiba il 15 Agosto c. m.

Ultimi giorni della Quindicina, 11. 12, 13 Agost.—Predica, Inno, Salve, Litanie, Antifona e Benedizione Sacramentale. Predicherà il ben noto oratore P. Evodio Bonnici, O.E.S.A.

Vigilia—14 Agosto

Traslazione solenne della Sacra Reliquia. Vespri, Compieta e Benedizione Sacramentale. Funzionerà il Parroco locale.

Giorno della Festa—15 Agosto

Ore 5.30 a.m.—Mattutino solenne.

Ore 9 a.m.—Canto di terza, Messa solenne. Dopo il Vangelo tesserà le lodi dell'Assunta il bravo predicatore P. Giorgio Spiteri O.P.

Ore 5 p.m.—Vespri, Compieta, Processione e Benedizione Sacramentale.

La musica come al solito, sì nel Triduo come nella Festa, sarà affidata al M.ro Carlo Diacono.

N.B.—Quest'anno, oltre l'artistico sepolcro — piedestallo d'argento — e la predella della statua, si ammira un bell' apparato nuovo.

Feste Esterne

Mercoledì, 14 Agosto

Ore 8.30 p.m — Illuminazione generale a luce elettrica. Le Filar, "L'Unione" di Casal Luca e "S. Filippo" di Casal Zebbug, dopo percorse le vie principali a suon di marcie, eseguiranno scelti programmi musicali vicino alla Chiesa.

Ore 10.30 p.m. — Un giuoco pirotecnico, mortali, ecc., lavorati dai dilettanti dello stesso Casale.

Giovedì, 15 Agosto

Prima della processione e durante la stessa le già menzionate filarmoniche rallegreranno il pubblico colle loro melodiose note.

*MALTA, Venerdì, 9 agosto 1929, p.2.*



***RIĊEVUTA** tal-ħlas ta' skrittura privata fejn l-iskultur Emanuel Buhagiar ta' Ħal Tarxien intrabat li jesegwixxi x-xogħol tal-bradella.*
***(Hajr: Caterina Zammit)***



***DOKUMENTI** li juru d-dati u l-ħlasijiet kollha tal-bradella; kif Mikiel Zammit u Giovanna née Inguanez akkwistaw xi flus ta' l-imgħax minn sorsi differenti għall-użu tal-bradella; ħlas ta' Rikors lill-Kurja u kapparra lill-Iskultur Emanuel Buhagiar.*
***(Hajr: Caterina Zammit)***

F'Mejju 1998 il-vara ttieħdet iż-Żejtun għand Tarcisio Cassar sabiex jitnaddfu l-qabar tal-fidda, is-sandli u l-istellarju tad-deheb. Wara dan ix-xogħol ta' tindif, il-qabar reġa' ħa d-dija tlellex li kellu oriġinarjament. Mhux ta' b'xejn li l-Imqabbin ħassewhom u għadhom iħossuhom ferm imkabbrin b'dawn iż-żewġ opri kbar. Xi Mqabbin anzjani bħal Giuseppe Spiteri jħossu li huma fost is-sbieħ li għandna f'Malta u jsejħulhom monument.

**Noti u referenzi**


LIA, Carmen (1960 - )
Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba
- Mqabba: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, 1997
xvi, 236p.: 29.2cm
ISBN 99909-68-30-6

**Għal kull tip ta' xogħol li jinkludi: tikħil ta' faċċati fuq il-fil, kisi bil-ġibs, gypsum boards, coving, liquid membrane, tikħil fuq l-antik u tibjid, etc. Irrikorru għand:**

**Josef Gauci u Vince Agius**

**Mobile:**
**9944 4496, 9986 1751, 9924 4807**




*Emanuel Cini*

**For all Machinery Maintenance, Electrical & Electronics Services**

Meteora Plot 28
Triq il-Konvoj ta' Santa Marija
Mqabba
Tel: 2168 5014
Fax: 2164 9161
Mob: 9942 6850

# Il-Bidu u t-Tixrid tal-Kult lejn il-Madonna tad-Dawl

kitba ta' Carmen Lia

*B. Ed. (Hons), B. A.*

Il-Madonna sa minn dejjem tingħata ġieħ mill-Insara taħt ħafna titoli sbieħ. Hekk imsejħa "Għajnuna ta' l-Insara", "il-Faraġ ta' l-Imnikktin" u ħafna oħrajn. Għandna wkoll dak ta' "Omm tad-Dawl". Kif ġie dan it-titolu?

L-oriġini ta' dan it-titolu jmur lura meta ċertu Patri missjunarju Ġiżwita, Giovanni Antonio Genovese, ried imur fl-artijiet tal-Missjoni u ħaseb biex jieħu miegħu xbieha fuq it-tila tal-Verġni Mbierka, iżda ma kienx jaf kif se titpitter. Għalhekk talab lil persuna li kienet devota tal-Madonna tad-Dawl u li kemm-il darba kienet rat f'viżjonijiet il-Madonna biex tagħtih deskrizzjoni. Skond hi, il-viżjoni kienet turi lill-Madonna bil-wieqfa żżomm lil binha Ġesu' f'idha x-xellugija u fuq l-istess naħa anġlu kbir iżomm kannestru mimli qlub umani li waħda waħda b'għajnejn u bl-atti tiegħu kien qiegħed isaħħanhom u jkebbishom bl-imħabba u jippreżentahom lill-Madonna. Minn idha l-leminija l-istess xbieha tal-Madonna kienet qed teħles ruħ midinba min-nar ta' l-infern u żżommha merfugħa 'l fuq. Diversi anġli jżommu kuruna f'għaxar stilel fin-naħa ta' fuq ir-ras tal-Madonna. Madwarha kollha dawl.

Fl-aħħar ta' dik id-dehra l-Madonna kienet qalet li xtaqet tkun impitta f'dik il-manjiera li dehret u li tkun imsejħa bl-isem ta' l-*Omm Santissma tad-Dawl*. Pittur irrealizza l-opra mixtieqa u hekk bdiet il-qima lejn il-Madonna tad-Dawl.

L-ewwel dehra tal-Madonna tad-Dawl kienet ġrat f'Palermo fis-sena 1722. Imbagħad, ix-xbieha xterdet madwar Sqallija u d-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dawl tant kibret li l-qima waslet sal-belt Messikana ta' Leon, fejn fis-sena 1872 kienet magħżula patruna.

Wara s-suċċessi fi Sqallija u bnadijiet oħra, il-Malti Markiż Antonio Pio Depiro sab oppressjoni serja mill-Isqof ta' Sirakuża meta pprova jwaqqaf altar għad unur tagħha f'Avola bil-ġurisdizzjoni ta' l-imsemmi Isqof. Huwa appella lis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti. Din il-Kongregazzjoni tat it-tweġiba formali fl-1742 fejn ordnat lill-Isqof biex ma jħallix it-tixrid ta' din il-qima sew fid-djoċesi tiegħu kif ukoll fi knejjes li ma kienux taħt il-ħakma tiegħu. Fuq kollox ktejjeb miktub minn awtur mhux magħruf li jġib l-isem *La Devozione Della Madre Santissma Del Lume* kellu jiġi miżmum miċ-ċirkulazzjoni tiegħu sakemm ikun eżaminat mis-Sagra Kongregazzjoni ta' l-Indiċi.





*Għal għexieren ta' snin Natala u Feliċ aħwa Sammut, kienu jixegħlu n-niċċa tal-madwar tad-Dawl fil-limiti ta' l-Imqabba u Ħal Luqa.*

F'Malta s-sitwazzjoni kienet xi ftit differenti. Ma jirriżultax illi d-digriet tal-Kongregazzjoni tar-Riti kellu riperkussjonijiet fid-djoċesi tagħna. L-ewwel turija ta' dan il-kult f'Malta hija marbuta ma' knisja rurali fil-limiti parrokkjali taż-Żejtun fin-naħiet magħrufin bħala Ta' Bidni. Din il-knisja, qabel magħluqa għall-kult pubbliku, nfetħet mill-ġdid fl-1733 u l-kult lejn il-Madonna tad-Dawl dritt ġibed qima popolari. Knisja ġdida f'unurha inbniet fuq l-istess post ta' qabel madwar is-sena 1754. Sa dan it-tant nies minn Malta kollha marru hemm biex iqimu l-Madonna. Jidher li ċertu spiżjar Ġużeppi Mallia kien il-promotur ta' din il-qima f'din il-knisja.

Is-snin ta' l-1730 jixhdu wkoll it-tixrid ta' din il-qima f'sitt parroċċi oħra fejn kopji tal-pittura tagħha tpoġġew għall-qima pubblika. Din il-qima sabet il-quċċata tagħha lejn it-tmiem ta' l-1740 sa l-1759. Sbatax-il parroċċa oħa aċċettaw din il-qima Marjana normalment mal-parroċċa. Din id-drawwa hawnhekk adottata mxew fuqha wara, f'forom ta' qima differenti, hekk li xi kopji tal-pittura li juru l-Madonna tad-Dawl tpoġġew sotto titular fuq l-altari jew f'altari tal-ġnub. Hemm ċirkustanzi fejn altari ġew iddedikati lilha f'dan iż-żmien. Dawn l-altari ġew imwaqqfa fil-Birgu fl-Oratorju ta' San Filippu Neri kif ukoll fil-knisja ta' San Ġakbu fiż-Żurrieq.

F'Ħaż-Żebbuġ insibu knisja fejn ta' kull sena tiġi organizzata festa solenni u devota lill-Madonna tad-Dawl. Din il-festa ssir fit-Tieni Ħadd ta' Novembru. Issir bi Tridu qabel, u l-Ħadd jum il-festa l-quddies jibda fis-6.00am. Fil-quddiesa tad-9.00am isir it-tberik tat-trabi u wara nofs in-nhar quddiesa kantata bil-paniġierku.

## Il-kult fl-Imqabba

Fil-periferija ta' l-Imqabba, f'salib it-toroq aħna u sejrin lejn l-Imqabba jew lejn iż-Żurrieq, fl-inħawi magħrufa tad-*Dawl*, insibu triq dejqa li sserrep qalb l-għelieqi u l-barrieri. Għal snin twal din it-triq serviet bħala dħul prinċipali għall-irħula ta' l-Imqabba u tal-Qrendi. Interessanti li fil-bidu ta' din it-triq llum magħrufa bħala l-Qadima kienet teżisti struttura tal-ġebel b'arkaturi tal-ġebel. Din l-istruttura kienet tinsab f'nofs it-triq biex min-naħa wieħed jgħaddi għall-Belt u min-naħa l-oħra għall-irħula ta' l-Imqabba, Qrendi, Żurrieq u oħrajn. L-istruttura kellha salib tal-ġebel fuqha. Ġewwa l-arkaturi kont issib niċċa b'inkwatru kbir tal-ġebel xi xbieha tal-Madonna tad-Dawl skolpita fl-istess ġebla. Din in-niċċa kienet tħares fid-direzzjoni ta' Ħal-Luqa u kellha quddiemha lampier dejjem jixgħel. Għal għexieren kbar ta' snin kienu jieħdu ħsieb in-niċċa l-Ħalluqin. Fosthom insibu lil Feliċ u Natala, aħwa Sammut li kienu jieħdu ħsieb jixegħlu ż-żejt quddiem dan l-inkwatru tal-ġebel. Jidher li dan l-inkwatru kien jiġbed devozzjoni kbira lejn il-Madonna tad-Dawl għaliex kienu jmorru ħafna nies jitolbu quddiem din ix-xbieħa kif ukoll jixegħlu ż-żejt. Fil-fatt kien sit popolari ferm għal din id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dawl. Fl-1930 fil-ġurnal *Leħen is-Sewwa*, insibu lil Mons. Gauci jikteb li f'Malta kienu jeżistu tliet bnadi prinċipali li kellhom il-qima tal-Madonna tad-Dawl, "wieħed aħna u sejrin l-Imqabba jew iż-Żurrieq, f'salib it-toroq 'l hinn minn Ħal-Luqa; Ħaż-Żebbuġ u l-Imdina ftit 'il hawn mill-Knisja tal-Karmnu". B'riferenza għall-Imqabba jgħid li kien hemm biss niċċa b'inkwatru tal-Madonna.

L-inkwatru tal-Madonna, però, huwa nkwatru prezzjuż ferm peress li x-xbiha tal-Madonna hija skolpita ġewwa l-ġebla stess u hija ġebla waħda. Fi żmien it-Tieni Gwerra l-aħwa Sammut kienu ħadu dan l-inkwatru fid-dar tagħhom peress li ħasbu li ser jintlaqat mill-bombi ta' l-għadu u peress ukoll li l-arkati tal-ġebel kienu tneħħew mill-Militar Ingliż. L-aħwa Sammut ħadu dan l-inkwatru kbir tal-ġebel fid-dar tagħhom f'Ħal Luqa u dam għal snin twal ġewwa darhom. Dan l-inkwatru baqa' devot man-nies għaliex għal snin twal kienu saħansitra jmorru n-nies fid-dar ta' l-aħwa Sammut jitolbu quddiem din ix-xbieħa u jixegħlu ż-żejt. Dan l-inkwatru baqa' miżmum b'għożża kbira minn din il-familja sa żmien riċenti meta l-Kappillan ta' Ħal-Luqa r-Reverendu Joseph Camilleri talab lura dan l-inkwatru tal-ġebel li kien fil-pussess ta' Mananni Camilleri minn Ħal Luqa. Jingħad li l-inkwatru llum jinsab fid-dar parrokkjali.




*Akwarell li saret fl-24 ta' Awissu mill-1934 Carmelo Montebello, Luqi, li pinġieha fl-għalqa ta' nannuh Karmnu Camilleri li kienet fl-inħawi tad-Dawl, Mqabba.*
*Ħajr: C. Montebello*

Dawn l-inħawi fl-Imqabba għadhom magħrufa bħala *tad-Dawl*. Il-barriera magħrufa *tad-Dawl* kienet fost l-ewlenin fl-Imqabba.

Fl-Imqabba din il-festa Marjana tal-Madonna tad-Dawl kienet iċċelebrata fil-Knisja Parrokkjali kull sena nhar il-festa tal-Patroċinju tal-Madonna li kien jaħbat fit-Tieni Ħadd ta' Novembu. Il-pittura li turi l-Madonna tad-Dawl tpoggiet fuq altar tal-ġenb. L-altar fejn hemm meqjuma din ix-xbieha kien l-altar tar-Rużarju fil-kappellun tar-Rużarju.

Nafu li fl-1745 il-pittura tagħha kienet tinsab fil-Knisja Parrokkjali. Dana nafuh mill-Vista Pastorali li l-Isqof ta' Malta Monsinjur Paolo Alpheran de Bussan għamel fl-Imqabba fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Pawl Zammit, liema Vista bdiet fl-Imqabba fis-26 ta' Settembru 1745. Dana nafuh mill-Viżti Pastorali ta' l-1744-1751 u dawk ta' l-1758-1760.

# Lil Santa Marija

Poeżija ta' Sunny Aquilina



O Marija Mtellgħa s-Sema
Kemm bir-Ruħ u kemm bil-Ġisem
Għax Int Omm ta' Ġesù Kristu
Li hu l-isem fuq kull isem!

Int tar-Rabta l-Ġdida l-Arka
Li lqajt fik lill-Kbir Feddej
Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla
L-Ħaruf safi, il-Mulej ...

Int li ħajtek kollha għextha
Ma' Ġesù sa l-aħħar ħin
Meta lilek tana b'Ommna,
Omm il-martri, l-qaddisin!

Għalhekk żommna dejjem miegħek
Nagħmlu dak li jgħidilna Hu;
Hekk tgħallimna Omm l-aktar safja
Ngħixu l-ħajja ma' Ġesù.

Fik it-tama, f'Ġesù Ibnek
Fikom żgur li l-qalb tithenna,
Iġbor lid-devoti tiegħek
Miegħek 'l Alla jgawdu l-Ġenna!

*6 ta' Lulju 2003*


**Mobiltech**

**Prop. John W. Cutajar**

***Auto Electric Service***

**Valletta Road, Żurrieq ZRQ 06**
**Tel: (+356) 2164 0466 – Fax: (+356) 2164 7052 – Mob: 9949 8465**
**E-mail: mobiltech@global.net.mt**

# MANUEL BEZZINA CO LTD

**IMPORT – EXPORT**

MALTESE FALCON

**ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITA**




AKTAR TAGHRIF **MANUEL BEZZINA CO LTD**

"Springfield" Excelsior Street, Gharghur • Tel: 21 410204, 9949 7346 • Fax: 21 412587

# Kwadri ta' Santa Marija fil-Knejjes Maltin



kitba ta' Mario Fenech

Hafna drabi meta wiehed jitkellem dwar il-Festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, is-suġġett ikun marbut ma' dawk il-Knejjes li fihom din il-Festa għadha tiġi ċċelebrata, u ftit li xejn naqraw dwar Kwadri u Statwi ta' Santa Marija li huma meqjuma fi Knejjes oħrajn fejn it-Titular mhix Santa Marija. Dan il-fatt jista' jnaqqas xi ftit mill-importanza ta' dawn l-opri li nsibu fi Knejjes oħrajn, u għalhekk illum għażilt li nikteb dan l-artiklu dwar Kwadru li llum tilef xi ftit mill-importanza tiegħu għaliex sfortunatament jinsab fis-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali l-Qadima ta' San Ġiljan, magħrufa bħala l-Knisja ta' Lapsi.

Din il-lokalità ġiet imsemmija għal San Ġiljan għaliex matul il-ħakma tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta, kienet tintuża ta' spiss mill-Kavallieri għall-kaċċa. Tant hu hekk li l-ewwel żewġ Knejjes li ġew mibnija f'San Ġiljan, dik tal-Immakulata u din ta' Lapsi, kienu ġew mibnija mill-Kavallieri stess. Ma kinetx xi ħaġa stramba għalhekk li waħda minn dawn il-Knejjes tkun iddedikata lil San Ġiljan Qaddis Protettur tal-Kaċċaturi.

Meta beda jgħaddi ż-żmien kien hemm movimenti minn xi wħud li kienu jabitaw fl-inħawi biex il-Knisja ta' Lapsi tiġi ddedikata lil Santa Marija. Dan jista' jkun ġej mill-fatt li f'San Ġiljan dak iż-żmien kienu jmorru jabitaw matul ix-xhur tas-sajf bosta nies minn lokalitajiet oħrajn. Dawn xtaqu li jiċċelebraw il-festa tagħhom fis-sajf peress li din ta' San Ġiljan kienet għadha ssir fix-xitwa. U allura x'festa hemm fis-sajf aħjar minn dik ta' Santa Marija?



*Kwadru ta' Santa Marija.*

Jidher li dan il-ħsieb kien ser isir realtà għaliex fis-sena 1855 certu Michael Parnis kien ħallas biex sar Kwadru Titulari għall-Knisja ta' Lapsi. Il-Kwadru huwa xogħol tal-Artist Antonio Falzon li għex bejn l-1805 u 1865. Fih naraw xena li mhux soltu naraw fil-Kwadri tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna. Il-figura tal-Madonna hija ppreżentata b'mod sabiħ u kkulurit, bil-ħarsa fuq wiċċha tixhed is-serenità u l-ferħ, filwaqt li grupp ta' Anġli qegħdin jerfgħu is-sħab li fuqu qiegħda l-figura tal-Madonna. Grupp ieħor ta' Anġli qiegħed fil-parti ta' fuq tal-Kwadru biex juri t-triq lejn is-sema. Fil-parti ta' isfel tat-tila, l-artist ma ppreżentax lill-Appostli jew il-Qabar vojt, iżda lill-Qaddisin San Pawl u San Ġiljan. Lil San Pawl, l-artist inkludieh għaliex naturalment dan kien li ġab il-Fidi Nisranija f'Malta. Iżda jista' jkun ukoll għall-fatt li jew il-Benefattur tal-Kwadru kien mill-Belt, jew jista' jkun li fil-moviment ta' dawk li xtaqu li jiġi mibdul it-Titular kien hemm xi grupp ta' villeġġjanti mill-Belt Valletta.

Il-figura ta' San Ġiljan f'dan il-kwadru hija inevitabbli. Dan għaliex meta sar il-kwadru dan kien ser jieħu post il-kwadru ta' dan il-qaddis. Kien għalhekk li fl-isfond tal-kwadru tidher ix-xmara u l-muntanji, għaliex dan kien l-ambjent li miegħu kien jiġi marbut dan il-Qaddis Protettur tal-Kaċċaturi. Ma tonqosx ukoll fil-kwadru ċ-ċerva sinonima ma' San Ġiljan.

Jidher iżda li din il-bidla ma tantx kienet niżlet sewwa ma' dawk li kellhom għal qalbhom lil San Ġiljan, għaliex darba fost l-oħrajn fuq l-altar Maġġur tal-Knisja tfaċċa l-kwadru Titulari li hemm illum, jiġifieri dak ta' San Ġiljan.

Il-Kwadru ta' Santa Marija tpoġġa fis-Sagristija, fejn għadu sal-lum miżmum fi stat tajjeb. Kien ġie meħud l-Imdina fl-1949 għall-wirja li kienet saret dwar Kwadri ddedikati lill-Madonna u fil-1989 ġie rrestawrat minn Manuel Zammit.

Il-Knisja l-Qadima ta' San Ġiljan tgawdi minn diversi opri sbieħ li saru matul is-snin. Ta' min jgħid li għalkemm ġiet mibnija Knisja Parrokkjali ġdida, din il-Knisja xorta waħda għadha tintuża u qiegħed isir xogħol ta' restawr fiha. Għalhekk inħeġġeġ lil dawk li jħobbu l-arti biex iżuru din il-Knisja, jidħlu fis-Sagristija u jaraw dan il-Kwadru sabiħ tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

Sliema 18 ta' Ġunju 2003

# Mallia Petrol Station

*Pjazza San Nikola, Siġġiewi Tel: 2146 7764*

Għal kull bżonn fil-karrozza tiegħek, asal wasla s'għand **Mallia Petrol Station** fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.

*Kif ukoll:*
Silencers għall-karrozzi kollha
Crash Helmets kbar u żgħar
Kull kwalità ta' żjut
Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
Għodod
Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
Aċċessorji u 'spare parts' ta' kull kwalità
Għandek issib ukoll muturi u karrozzi għall-bejgħ

**Self Service**
Mit-Tnejn sal-Ħadd il-lejl kollu

# Valentina Hair Care
# Unisex Salon

Mqabba - Tel: 2164 0215

by joanne

A young qualified professional hairdresser offering all you need in




Opening Hours
Monday Closed
Tuesday to Saturday: 9.00am to 5.00pm
For an appointment phone: 2164 0215

- Child cut
- Men cut
- Men wash/cut/rinse
- Women cut
- Women sh. wash/cut/blow/dry
- Women short blow dry
- Women long blow dry
- Colour roots
- Colour whole head
- Straightening short
- Straightening long
- Hair treatment
- Cap lights
- Foil lights short
- Foil lights long
- Up styles
- Perms

# In-niċċa ta' Santa Marija
# li kien hemm fil-pjazza tal-Knisja

kitba ta' Giovanni Farrugia

Kemm kienet sabiħa dik in-niċċa bl-istatwa ta' Santa Marija li kien hemm il-pjazza tal-Knsija u li issa ġiet imneħħija! Kienet iżżejjen lill-pjazza principali tar-raħal tagħna, u issa ma nafx fejn setgħet spiċċat. Hija tassew ħasra li kapolavur dik il-kwalità u patrimonju ta' l-Imqabba u tal-pajjiż kollu, kellu jsib it-tmiem tiegħu. Aħna li niftaħru li nikkoltivaw dak kollu li ħallewlna missierijietna, inħossuna fid-dmir li dan il-patrimonju nibqgħu nżommuh fl-aqwa kundizzjoni ħalli ngħadduh lil ta' warajna eżatt kif tawhulna missirijietna u għall-ebda raġun ma għandna nwarrbu xi wieħed minn dawn it-teżori.



*In-niċċa li tneħħiet biex saret Triq Karmenu Ciantar*

L-interess tiegħi f'din in-niċċa kien ilu żmien twil li nibet fija. Fost il-ħbieb li kelli, kien hemm certu Baskal Xuereb, li fejn tidħol is-sengħa kelli jdejh taz-zokkor. Niftakar li darba, jiena u hu konna qegħdin ngħaqqdu vjolin li jiena kont xtrajt mingħand ħabib tiegħi, certu De Giovanni mill-Isla. Waqt li konna għaddejjin f'dan ix-xogħol u kien kważi rnexxielna nlestuh minn kollox, daħal fuqna ħabib ieħor tagħna certu Lippu Galea, li dan kellu devozzjoni kbira lejn Kristu Re u qal lil Baskal li xtaq jagħmel niċċa lil Kristu Re. Baskal, ta' mgħallem li kien, qallu biex jagħtih xi ftit taż-żmien u jiddisinjalu waħda. Lippu telaq 'il barra kuntent kemm jista' jkun, għax Baskal kien se jaqtagħlu xewqtu, u d-diskussjoni tagħna waqgħet fuq in-niċeċ, għax minbarra l-valur sagru tagħhom, għandhom bosts stejjer u leġġendi warajhom. Ta' tnejn min-nies li nħobbu l-imqabba, naturalment bdejna d-diskussjoni tagħna dwar in-niċeċ ta' l-Imqabba. Dan is-suġġett kien wisq għal qalbi għax fil-fatt jiena kont diġà bdejt nagħmel xi tiftix fuqhom sa mill-1949 u kelli materjal mhux ħażin. Aħna għalhekk bdejna niddiskutu l-ewwel dwar in-niċċa ta' Santa Marija tal-Pjazza, li f'dak iż-żmien kienet f'idejn Grezz Zammit. Niftakar qisu l-bieraħ li kienu l-4.00 p.m. ta' nhar is-Sibt, u mort niġbed ritratt ta' din in-niċċa hekk grandjuża, għax hekk konna miftehmin jiena u Baskal. Fil-fehma tiegħi, din in-niċċa kella ġmiel li jsaħħrek. Ma kienetx xi waħda minn dawk li fiha l-arti kienet nieqsa, għax l-id li ħadmitha, minbarra s-sengħa u l-professjoni kellha wkoll id-devozzjoni, għax ma jistax ikun li l-imgħallem jirnexxilu joħroġ dak il-ġmiel, jekk f'qalbu ma ħassx din l-imħabba speċjali lejn il-Madonna. Din in-niċċa kienet tistrieħ fuq mensola. Il-fontispizju tagħha kien jistrieħ fuq żewġ kolonni. il-bażi tagħha kien xogħol ta' lavur fil-ġebla Maltija ta' l-ogħla kwalità. L-istatwa kienet ta' ġmiel partikulari u kellha wkoll l-irħama li turi l-indulġenzi mogħtija mill-Isqof lil dawk id-devoti li jirreċtaw talba lill-Madonna. Waħda mir-raġunijiet li din il-Madonna fin-niċċa kellha devozzjoni speċjali kienet, li l-Isqof ta' dak iż-żmien kien ta l-indulġenzi lil dawk li jirreċtaw it-talba lill-Madonna.

Niftakar ukoll li dak in-nhar li ħadt ir-ritratt ta' din in-niċċa, kelli miegħi lill-ħabib kbir tiegħi bl-isem ta' Mike għax dakinhar ma rnexxilix niltaqa' mal-ħabib kbir l-ieħor Daniel, għax dawn iż-żewġ ħbieb tiegħi kienu jgħinuni ferm fix-



For a professional job in

**Aluminium & Metal works**

contact

***Mizzi Joseph***

*give us a call for a free estimate on:*

***Tel: 2164 2955 Mob: 9944 5686, 9982 3971***

Manufacturers of
all types of Aluminium & Iron Works
in different colours

including:

- Showroom Facades
- Partitioning
- Soffit Ceilings
- Balconies
- Handrails
- Insect Screens
- Adjustable Louvers
- and more…

*With Competitive Prices*

*Latest Aluminium Profiles Available On Market*





# Omajco Cleaners Ltd.

13, Triq Rokku Buhagiar, Qrendi ZRQ 07 • Tel: 2164 2343 • Fax: 2164 1168
E-mail: sales@omajco.com • Web: www.omajco.com

*Fil-ħanut issibu għażla kbira ta' Prodotti tal-Ħasil u Tindif Ġenerali, Fwejjaħ u Rigali.*

**Prezzijiet Imraħħsa.**
**Ma' kull lira li tonfoq, tgawdi minn skema ta' aktar roħs.**
**Free Delivery ma' kull xirja ta' Lm10.**

**Għall-konvenjenza tiegħek, hemm ħwienet oħra f'dawn il-lokalitajiet.**

| | | |
|---|---|---|
| **QRENDI:** | 13, Rokku Buhagiar Street | Tel: 2164 2343 |
| **LUQA:** | New Street (Faċċata tal-Petrol Station ta' Balal) | Tel: 2180 2273 |
| **PAOLA:** | 70, Sammat Street (K/M Piccinino) | Tel: 2166 1168 |
| **SAN ĠWANN:** | Naxxar Road (ħdejn The Champ Pastizzeria) | Tel: 2137 3973 |
| **MOSTA:** | Triq il-Ħarifa, Kantuniera ma' Triq Ponsomby | |

xogħol ta' riċerka. F'dak il-ħin ġie fuqi Anglu Borg li kien jaf li jiena ninteressa ruħi ferm finniċeċ, u qalli biex l-għada mmur id-dar tiegħu ħalli jirrakkuntali l-istorja dwar id-devozzjoni li kellhom missierijietna lejn il-kbira Santa Marija, ir-Reġina tas-sema u l-art u l-patruna tagħna l-Imqabbin.

Stedina bħal dik mingħand ħabib dik il-kwalità u fuq suġġett li kien ferm għal qalbi, ma kienx ta' min iwarabha filġenb u l-għada l-Ħadd iltqajna għandu kif konna miftehmin. Nin-naħa tiegħi, jiena ħadt ukoll lapes u karta, ħalli nniżżel id-dettalji kollha, li dan Anġlu għaraf jirrakkonta bl-akbar ħeġġa. Dak kollu li ktibt minbarra li baqa' mniżżel fuq il-karta, baqa' wkoll stampat f'moħħi, għax storja din il-kwalità fuq il-Patruna tagħna tas-sema, ma tista' bl-ebda mod tinsiha. Ir-rakkont ta' Anġlu, li naħseb kien ilu ġej min-numru kbir ta' ġenerazzjonijiet kien wieħed li jżommok fuq ix-xwiek għax minbarra l-istorja ta' biki u ferħ fl-istess ħin, kien juri d-devozzjoni qawwija li kellhom missirijietna lejn il-Verġni Marija. U Anġlu beda jgħid.......

F'dak il-post kienet tgħix ċerta Marija mlaqqma "ta' Qonnot". Marija kellha dan il-laqam għax kienet iddoqq il-qoton. Dak iż-żmien l-Imqabba kienet imsemmija għall-produzzjoni tal-qoton. Din l-industrija kienet waħda prinċipali għall-gżejjer Maltin. Il-qoton imkabbar fl-oqsma "ta' Ħabel ix-Xiħ" kien ukoll wieħed ta' kwalità superjuri. F'dawk l-inħawi, b'mod partikulari n-naħa tar-razzett ta' Mikiel Mifsud, ta' Ganenu, kien hemm oqsma kbar b'dan il-prodott li kien jipprovdi l-għajxien lil bosta ħaddiema, anke lil dawk fid-djar.

Waqt li n-nisa tad-dar kienu jaħdmu fil-qoton, uliedhom kienu jsibu l-isbaħ ħin biex joqogħdu jilagħbu. Hekk kien jagħmel binha, li f'ġurnata minnhom, waqt li ommu



*Niċċa ta' Santa Marija*

kienet meħdija fix-xogħol tal-qoton, hu kien qiegħed jilgħab ma' żewġ ħbiebu oħra wara l-bieb tad-dar t'ommu. Kien il-ħin ta' madwar is-siegħa ta' wara nofsinhar u tista' tgħid li kulħadd kien fuq ix-xogħol tiegħu, min fir-raba, min fil-barriera, min fuq xogħol ieħor tad-dar, insomma f'dak il-ħin kont tista' toqtol u tidfen. Hekk kif dawn it-tlitt itfal kienu mitlufin fil-logħob tagħhom jitfaċċaw żewġ għefiered Torok min-naħa tal-Qrendi, il-lum Santa Katarina u li dak iż-żmien kienet kollha għelieqi, ħatfu lit-tifel ta' Marija, tefgħuh fil-benniena ta' taħt il-karettun u ħarbu bih b'kemm kien jiflaħ ilebbet iż-żiemel lejn id-direzzjoni ta' Ħal Luqa. Dan il-ħtif tan-nies kien ħaġa komuni fi żmien il-kursari Torok u l-akbar ħatfa tan-nies kienu għamluha ġewwa Għawdex meta kienu battlu kważi l-pajjiż kollu mill-popolazzjoni. Iż-żewġt itfal l-oħra, malli raw dan, twerwru u bdew jgħajtu b'kemm kellhom saħħa u jitolbu l-għajjut u n-nies hekk kif semgħu dan l-għajjat, bdiet tinġabar bi ħġarha. Wieħed minn dawn it-tfal mar jgħid b'kollox lil Marija, omm it-tifel maħtuf u din min-naħa tagħha bdiet titlob ukoll l-għajnuna. Dak iż-żmien ġewwa l-Imqabba mhux żgur kien hemm 460 familja b'kollox u d-djar kienu ftit f'kull triq.

Marija, imbikkma flimkien ma' xi ġirien u nies twajba oħra bdew jitlobu bil-ħerqa lil Santa Marija għar-ritorn qawwi u sħiħ tat-tifel maħtuf, u ftehmu li jekk isibu lit-tifel jgħamlu niċċa lil Santa Marija. Ġann Mari, ir-raġel ta' Marija, kellu ħuh jismu Karmnu li kien jaħdem fuq ix-xwieni fil-Kalkara u kien jieqaf mix-xogħol daqqa għall-ħabta ta' l-4.00 p.m. u oħra siegħa wara. Dan Karmnu meta kien jispiċċa mix-xogħol kien jiġbed lejn l-Imqabba min-naħa ta' Ħal Għaxaq. Issa ġara li dawk l-għefiered ta' Torok tilfu t-triq u bi żball waslu Ħal Għaxaq. Wieħed minn dawn l-għefiered għalhekk mar jistaqsi lil wieħed jismu Ġużeppi, li kien fil-bieb ta' ħanut jixrob xi ħaġa, fejn kienet it-triq li tagħti għal San Ġorġ ta' Birżebbuġa, għax ix-xini tagħhom kien sorġut Birżebbuġa. Dan Ġużeppi inzerta li kien ħabib kbir kemm ta' Ġann Mari kif ukoll ta' ħuh Karmnu. B'xorti tajba wkoll, dak il-ħin stess ħareġ kelb kbir li kien ta' sid il-ħanut, li mar ixammem ħdejn il-benniena tal-karettun u beda jingħi kemm jiflaħ, tant li ż-żiemel li kien jiġbed il-karettun beda jisfera. f'dak il-paniku li qam, it-tifel beda jitħabat kemm jiflaħ u b'xorti tajba għalih inħallitlu dik il-biċċa drapp li biha kienu għammdulu ħalqu, u dlonk beda jgħajjat kemm jiflaħ. F'tebqa ta' għajn qamet ġlieda kbira ma' dawk iż-żewġ għefiered, għax komplew ukoll joħorġu n-nies li kienu fil-ħanut. Waħda mara bdiet tgħajjat li fil-benniena kellhom lil dak it-tifel li kienu ħatfu, it-tifel ta' Marija ta' Qonnot. Waqt dik it-taqtiegħa wieħed mit-Torok irnexxielu jaħrab, iżda t-tieni wieħed kellu jpatti b'ġildu għax l-Għaxqin qabżu fuqhom bħall-iljuni. Hekk kif kien għaddej dan kollu, xi Għaxqin oħra qabdu liż-żiemel u rabtuh mar-


FGP The Garage Door People
We supply ALL types of doors in
PVC coated and galvanised steel
and AUTOMATE them with
REMOTE CONTROL, MAGNETIC
KEY and CARD ACCESS systems
FGP LIMITED - GARAGE DOORS & ROLLER SHUTTERS
49, VALLETTA ROAD, LUQA LQA 05 TEL: 2166 7107-8, 2167 3627 FAX: 2167 5384


Nicole's Salon
Unisex Hairdresser
83, Valletta Road,
Mqabba
Open Days:
Tuesday - Saturday 9.00am - 5.00pm
Tel: 2164 7247 Mob: 9949 1329

rabbat tal-ħajt u sakemm għamlu dan, dik il-mara li bdiet tgħajjat flimkien ma' Ġużeppi tal-ħanut ħarġu lil dan it-tifel imwerwer mill-benniena, u kif Ġużeppi ra lit-tifel, għax dik il-mara neħħietlu l-irbit kollu li kellu ma' rasu u ħalqu, gharfuh mill-ewwel għax wiċċu kien familjari miegħu, għajjat għajta kbira u qal li dak kien iben Marija ta' Qonnot mill-Imqabba, għax dan Ġużeppi kien Imqabbi wkoll miżżewweġ Ħal Għaxaq u kien jafhom sewwa lill-Imqabbin. Dik il-mara daħlet lil dan it-tifel fil-ħanut, sqietu xi ħaġa u daret bih sakemm stejqer sewwa għax kellu qatgħa kbira ferm fuqu. Sadattant wasal iz-ziju ta' dan it-tifel ma' sħabu mill-Kalkara fi triqtu lejn l-Imqabba u kif bdew jirrakkuntawlu l-istorja ta' dawk l-għefiered li ħatfu lit-tifel ta' ħuh, dan instamat, ħataf lit-tifel, beda jifraħ bih u mlieħ bil-bews, issa li kien twieled mill-ġdid. Hekk kif it-tifel għaddietlu dik id-deħxa beda jitkellem magħhom u jitlobhom jeħduh id-dar t'ommu. Fl-istess waqt iż-żiemel kien qed jisfera, iżda malli neħħew lit-tifel mill-benniena dan iż-żiemel immansa għal kollox u ikkwieta.

Hekk kif għadda dan kollu u bdew jirranġaw biex jieħdu lit-tifel lura lejn l-Imqabba, dan it-tifel deher iċċassat iħares 'il fuq..... Qisu kien qiegħed jara xi ħaġa straordinarja..... Iżda f'daqqa waħda mhux dan it-tifel biss ġralu hekk, iżda dawk kollha li kienu miġbura dehru mistagħġbin u msaħħrin, għaliex bla ma jafu kif, dehret fosthom mara sabiħa li b'leħen tas-sema qaltilhom biex jieħdu lil dak it-tifel għand ommu għax kienet inkwetata ħafna minħabba fih.



*Niċċa ta' Santa Marija*

Hekk kif qalet dan il-kliem, din il-mara ta' ġmiel li ma jitfissirx, ma dehritx aktar. Għal din id-dehra mhux tas-soltu, kulħadd baqa' mibluh u kollha kemm huma kienu tal-fehma li dik kienet is-Sinjura tas-sema, Marija Assunta u Reġina tas-Sema u l-Art, li tidħol għal kulħadd kull meta nitolbuha l-għajnuna tagħha.

Karmnu, iz-ziju tat-tifel maħtuf u Ġużeppi tal-ħanut temgħu liż-żiemel xi ftit silla u rħewlha lejn l-Imqabba flimkien mat-tifel biex jagħtuh lura lil ommu. Wara traġedja bħal dik, li spiċċat b'wiċċ il-ġid, il-ferħ kien jidher fuq wiċċ kulħadd, għax anke ż-żiemel deher li kien sejjer ferħan lejn l-Imqabba. Hekk kif waslu l-Imqabba, l-aħbar li t-tifel instab u kien qawwi u sħiħ ġriet bħal leħħa ta' berqa u wara l-bieb ta' Marija nġabru bosta nies jgħajjtu u jifirħu. U kulħadd kien ta' l-istess fehma li kienet il-Madonna li ħelset lil dan it-tifel mill-jasar tat-Torok, u b'leħen wieħed bdew jgħajjtu "**Viva Marija Assunta, Patruna ta' l-Imqabbin li tidħol għalina fil-bżonnijiet kollha tagħna u teħlisna minn kull għawġ.**"

Minn dak il-ħin stess, Marija u l-ġirien tagħha bdew jiġbru u jfaddlu l-flus, biex bħala tifkira tal-ħelsin tat-tifel, issir niċċa lil Santa Marija ġewwa l-pjazza.


*Everything you need for your home under one roof*

**SUPER S IRONMONGERY**

Dun Matteolo Saliba Street,
Żurrieq. Tel: 2168 9256

**Opening Hours: Monday to Friday 6.30a.m. - 7.00p.m.**
**Saturday 6.30a.m. - 2.00p.m.**


Jerry's Silencer Repairs
CO2 Welding
Jerry's Garage
Siggiewi Road, Mqabba
Tel: 21640750 Fax: 21642535 Mob: 9944 9237


DR
Di Rocco Ltd.
for
Disposable Articles
'Galletta Garages', Nº 32, Valletta Rd., Mqabba ZRQ 08 • Mob: 9943 1051 / 9947 8222 • Tel: 2168 3222 • Fax: 2164 0494 e-mail: dirocco@digigate.net

# Minn Fomm id-Delegat tal-Planċier

**is-Sur Benjamin Camilleri**

*Delegat / Membru tal-Kummissjoni Planċier*

Il-festa f'ġieħ il-Patruna tar-raħal, Santa Marija, reġgħet magħna hekk kif għaddiet sena oħra. Hawnhekk nixtieq ngħaddi minnufih biex ngħid kelmtejn propju dwar dak il-qasam li jien ilni involut direttament fih għal dawn l-aħħar snin. Suġġett li wieħed jista' jgħid li qiegħed fuq fomm kulħadd, sew Imqabbin u sew barranin, soċi u m'humiex. Il-proġett tal-planċier.

Hekk kif il-pjanta tal-planċier ġiet ippreżentata mid-disinjatur, is-Sur Carmelo Caruana, xi nies kienu offrew volontiera għalkemm ix-xogħol baqa' ma tħarrikx. Kien madwar sena wara, meta l-Kummissjoni Planċier fdat fija fiduċja sħiħa sabiex mid-disinn ngħaddu għall-kostruzzjoni. Kif wieħed jista jifhem, biex dan il-proġett jingħata bidu, kien jeħtieġ lok adattat fejn isir ix-xogħol. Dan wassal biex is-Soċjetà tinvesti flus u enerġija fil-bini ta' maħżen ġdid biswit dak eżistenti, kif ukoll sala fuq iż-żewġt imħażen.

Ta' min ifakkar li jiena kont ukoll responsabbli għall-ġbir ta' fondi permezz ta' skemi adattati għall-but ta' l-individwu. F'dan ir-rigward, nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li s-Soċjetà dejjem kellha bilanċ fil-fond tal-planċier u li l-proġett qatt ma kien ta' piż finanzjaru għall-każin, filwaqt li x-xogħol dejjem mexa skond il-flus. Kull min ġenwinament ried joffri d-donazzjoni tiegħu kien kapaċi javviċina lili jew lill-persuni inkarigati.

Fattur importanti li jilgħab sehem deċisiv fir-realizzazzjoni ta' proġett b'dawn id-dimensjonijiet huwa l-volontarjat, u li ma kienx għal dawk il-persuni li offrew u taw il-ħidma, il-ħin u d-dedikazzjoni, ix-xogħol qatt ma ħa l-forma maestuża li jgawdi l-planċier tagħna. Għaldaqstant, il-Kummisjoni qatt ma rrifjutat għajnuna sinċiera, u minn hawn nagħmel appell lil dawk li verament għandhom għal qalbhom is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V sabiex jingħaqdu ma' dawk li jħaddnu l-ideal tas-Soċjetà fil-ħidma kontinwa li taqdi d-dmir tagħha f'dak li huwa kulturali, artistiku u soċjali, fir-raħal, fil-pajjiż u saħansitra barra minn xtutna. Huwa b'hekk biss li lkoll inkunu kapaċi niffinalizzaw dan il-proġett li bla dubju ta' xejn ikun l-għira ta' kulħadd.

Personalment nista' ngħid, bla mistħija ta'xejn, li fil-limitazzjonijiet u bi sforzi personali, jiena dejjem bqajt għaddej fil-ħidma tiegħi kien x'kien it-temp.

Permezz tar-ritratt li jidher ma' dan l-artiklu wieħed jista' jieħu idea propju tal-qafas tal-ħadid ta' l-istess planċier. Għalkemm il-qafas huwa kollu lest, ir-ritratt juri parti żgħira biss minn quddiem kif ukoll l-intavlar tal-wiċċ. Fil-preżent hemm lest ukoll xogħol ta' penewijiet ta' l-injam li ser ikun qed ilibbes lil din l-opra artistika u unika. Kif wieħed jista' jara, ix-xogħol huwa kollu maħdum b'reqqa u preċiżjoni kif titlob is-sengħa.

Hekk kif wasalt biex nikkonkludi, ma nistax nonqos li nirringrazzja lill-Kumitati li servew f'dawn l-aħħar snin, id-disinjatur u direttur is-Sur Carmelo Caruana u lil dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom, kemm finanzjarjament kif ukoll f'xi forma oħra ta' ħidma.

Għaldaqstant nerġa' nħeġġeġ lil dawk li kapaċi jagħtu għajnuna fattwali sabiex jagħmlu dan b'aktar ħeġġa u kuraġġ, filwaqt li napplikaw enerġija pożittiva u kollettiva f'dak li għandu x'jaqsam mal-proġett ta' planċier uniku. Nagħlaq dan li messaġġ tiegħi billi kif xieraq nawgura s-saħħa u l-festa t-tajba lil kulħadd.



*Dehra ġenerali tal-qafas tal-ħadid tal-planċier*

# *Lorraine's*

Beauty Clinic

*Lorraine Muscat I.T.E.C.*

*Beauty Therapist, Electrologist*



- Facials
- Specialised Facial Treatments
- Pedicures
- Manicures
- Hand & Foot Treatments with Paraffin Wax
- Eyebrow & Eye Lash Tinting
- Eyelash Perming
- Waxing
- Electrolysis
- Slimming Treatments
- Make-up for all occasions
- Make-up lessons (1-1 1/2 hours)
- Aroma Therapy Massage
- Paraffin Wax Treatment
- Nail Acrylics
- Nail Art

**Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba**

**Tel: 2168 9785 / 2164 1263. Mobile: 9945 0647**



# F1 Autotest Limited

MECHANICAL REPAIRS

SEJBA ROAD, MQABBA TEL: 2164 0684

**WE SERVICE:**

- Wheel Alignment
- Hydraulic Suspension
- Fit Car Stereos
- Pre-Test for VRT

***When you have your car serviced at F1 Autotest Ltd. you can be sure that it is being taken care of.***

# Plančier Artistiku...

mill-Kummissjoni Plančier

Wara diversi laqgħat informali li saru bejn is-Soċjetà u d-disinjatur, finalment saret l-ewwel laqgħa formali bejn id-disinjatur, is-Sur Carmelo Caruana, u l-membri/partitarji kollha interessati li jgħinu fix-xogħol tal-proġett ferm ambizzjuż tal-bini tal-Plančier Artistiku.

B'dan il-proġett nistgħu ngħidu li l-Banda Re Ġorġ V fi ħdan is-Soċjetà tagħna tkun finalment kompluta kif fil-fatt għandu jkun u jixraq lil Banda ta' livell hekk għoli. Dan jixhdu b'mod partikulari l-avveniment storiku li propju din is-sena qegħdin niċċelebraw il-ħames anniversarju tiegħu. Qiegħed nirreferi sewwasew għall-Unur ferm prestiġġjuż mogħti mill-Unjoni Ewropea - 'Les Étoiles d'Or du Jumelage' - 'Stilla tad-Deheb għall-Ġemellaġġi'. Unur uniku li għamel gieħ mhux biss lil Banda Re Ġorġ V u lis-Soċjetà tagħna imma wkoll lil raħalna u fuq kollox lil Malta.

B'referenza lura għall-Plančier Artistiku, wieħed forsi jistaqsi fejn wasal ix-xogħol ta' dan il-proġett ambizzjuż. Smajna ħafna kummenti. Intqal ukoll ħafna diskors żejjed minn nies li aktar ħsiebhom biex jaqtgħu xi ftit mill-kurżità li għandhom milli biex jgħinu.

F'dan il-ktejjeb qegħdin nippubblikaw ritratt li jixhed l-istadju ta' dan il-proġett. Xogħol magħmul u maħdum kollu kemm hu minn soċi tas-Soċjetà tagħna fuq bażi volontarja u b'sagrifiċċji kbar. Hawn ma nistax ma nsemmix lis-Sur Benjamin Camilleri li ntefa' kif jgħid il-Malti b'ruħu u b'ġismu fuq ix-xogħol tal-Plančier. Xogħol kbir li jirrikjedi sengħa u dedikazzjoni kbira.

Biss wieħed jistaqsi x'inhuma r-raġunijiet għalfejn għadda tant żmien mill-bidu ta' dan il-proġett. L-ewwel punt importanti għas-Soċjetà tagħna minn dejjem kien li ma nitgħabbewx b'piżijiet żejda li forsi jista' jkollhom il-konsegwenzi negattivi tagħhom. Hawnhekk mill-ewwel il-ħsieb imur fuq il-finanzi. Ma rridx infisser li flus għall-Plančier ma nġabrux għaliex il-kontribuzzjonijiet żgur li qatt ma naqsu.

## L-Ewwel Pass

L-ewwel pass tas-Soċjetà kien sabiex tinvesti fil-bini ta' maħżen ġdid biswit dak eżistenti kif ukoll bini ta' sala kbira fuq iż-żewġ imħażen. Dan għal fatt li sa dak iż-żmien, is-Soċjetà ma kellhiex post addattat biżżejjed fejn setgħet taħdem dan il-proġett artistiku. Kien wara li tlesta dan ix-xogħol li finalment stajna ngħidu li l-proġett tal-plančier beda. Hawn wieħed jistaqsi għalfejn ix-xogħol ma baqax għaddej bir-ritmu tiegħu. Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V kellha okkażjoni li żgur ma setgħetx tirrifjuta.

Qegħdin nirreferu għax-xiri tal-propjetà l-ġdida maġenb il-Każin tagħna. Investiment utli ħafna li kellu jieħu prijorità fuq il-proġett tal-Plančier. Żgur li kulħadd jifhem din is-sitwazzjoni. Il-Kumitat ħass li ma kellux jagħmel ġbir doppju fuq is-soċi u partitarji tiegħu għal żewġ proġetti fl-istess ħin. Għalhekk l-attenzjoni ntefgħet kollha fuq il-propjetà l-ġdida u nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li f'sena waħda ġbarna l-ammonti finanzjarji neċessarji kollha għal dan l-investiment.

Illum ix-xogħol fuq il-Plančier Artistiku reġa' qabad ir-ritmu u x-xogħol jinsab ferm akar avvanzat minn kif fil-fatt qed jidher fir-ritratt ippubblikat. Minn hawnhekk nixtiequ nistiednu lil dawk is-soċi u partitarji li forsi għadhom ma rawx b'għajnejhom dan il-proġett. Min huwa interessat li jagħmel dan jista' javviċina xi membru mill-Kummissjoni Plančier Artistiku.

Nassigurawkom li dan il-proġett dalwaqt ikun lest u jkun jista' jilqa' fuqu l-Banda Re Ġorġ V, filwaqt li jkompli jsebbaħ il-pjazza ta' quddiem il-Każin tas-Soċjetà matul il-Festa ad unur il-Patruna ta' l-Imqabbin.

## Ringrazzjament

Fl-aħħarnett nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu u għadhom jgħinu fil-ħidma ta' dan il-proġett. Ma jistax jonqos li nirringrazzja lil dawk kollha li taw id-donazzjoni tagħhom. Nappella lil kulħadd sabiex fejn wieħed jista', jgħin f'dan il-proġett, kemm mil-lat ta' għajnuna finanzjarja kif ukoll għajnuna materjali. Sabiex il-ħolma li ilna naħdmu għaliha ssir realtà fl-iqsar żmien possibbli, jiġifieri li l-Banda Re Ġorġ V ddoqq fuq il-Plančier Artistiku tagħha.

Dan waħdu għandu jkun ta' inċentiv għalina lkoll sabiex il-bandisti tal-post nagħtuhom l-importanza li jisthoqqilhom fi ħdan Soċjetà Mużikali. B'hekk jibqa' dan l-interess mużikali mis-soċi li jissarraf f'numru dejjem jikber ta' dawn l-istess bandisti.

# Magic Kiosk



## Magic at it's Best

Put some magic into soft seaside evenings.
Magic Kiosk invites you to enjoy the best of cafe' society every evening after 7.00pm, it's delightful range of suppers, snacks and beverages. Simply come, then sit back and savour the service, sights and sounds of another of Sliema 's best loved institutions.

**Magic Kiosk , The Ferries, Sliema.**

*This advert entitles you to 10% discount on each meal served after 5.00pm*

# Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

Bħal kull sena permezz ta' din il-paġna ddedikata lill-Banda tagħna, ser nagħtu rendikont dwar ħidmet il-Banda Re Ġorġ V fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija. Però qabel xejn tajjeb li wieħed ifakkar dak li l-Banda għamlet matul il-festa tas-sena l-oħra. Għal darb'oħra, minbarra s-servizzi li l-Banda kellha barra r-raħal tagħna fosthom wieħed ġewwa l-gżira t'Għawdex, il-Banda Re Ġorġ V tat is-sehem qawwi tagħha fil-festa Titulari ta' l-Imqabba. Fil-jum iddedikat lill-Banda, jiġifieri nhar l-10 t'Awissu, ittella' programm vokali u strumentali li bla dubju niżel tajjeb mal-mistednin li mlew il-pjazza akustika tagħna. Kienet serata mżewqa kemm b'nar sinkronizzat mal-mużika kif ukoll b'tenuri li dewqulna l-melodija naplitana. Naturalment ix-xogħol tal-Kummissjoni Banda ma waqafx hemm. Fil-fatt appena għaddiet il-festa, is-Surmast flimkien ma' l-Assistent tiegħu u l-Kummissjoni Banda fasslu l-impenji tagħhom għal matul din is-sena.



*Is-Sur Adrian Zahra, Bandist tas-Sena 2002 jirċievi l-unur mis-Sur Rocco Camilleri (lemin) f'isem il-kumpanija Di Rocco Ltd.*

Ċertament li din is-sena hija sena partikulari għall-Banda fejn qegħdin infakkru l-ħames anniversarju mill-Għoti tal-Unur *Les Étoiles d'Or du Jumelage*. Il-Banda Re Ġorġ V kienet strumentali għall-kisba ta' dan l-unur u kif inhu xieraq ser niċċelebrawh fil-festa ta' din is-sena. Il-ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet saru f'April permezz ta' *home concert* li issa daħal sew fil-kalendarju mużikali tas-Soċjetà tagħna. Naturalment wara kull attività jkun hemm tista' tgħid xhur ta' preparazzjonijiet u kunċerti, però dejjem sibna l-appoġġ qabel xejn tal-Kumitat u tal-bandisti tal-post. Minbarra x-xogħol trid ukoll il-mużika li saret uġigħ ta' ras kbira għalina l-Kummissjoni sabiex naqilgħu mal-ħmistax-il silta kull sena. Hawnhekk nixtiequ nieħdu l-okkażjoni sabiex nirringrazzjaw lil kull min irregala xi mużika lis-Soċjetà tagħna. Ma nistgħux ma nsemmux u



*Il-"Gran Final" waqt Programm Vokali u Strumentali – 10/08/2002*



*Mro. Michael Pulis jidderieġi l-banda waqt programm sinfoniku f'April.*

# Zneiber

**Confectionery & Pastizzerija**

*Orders accepted for*
*Weddings and All Occasion Parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 2180 3999
Mobile: 9949 3692

St. George's Street, Luqa
Tel: 2167 7230

# TOPS 'N' TAILS

YOU DESERVE THE ELEGANCE OF A NEW RANGE
OF CLOTHES ON YOUR SPECIAL OCCASIONS.



*To look smart and elegantly dressed,*
*why not visit us for wide selections of*
*Tails, Dinner Jackets, Spencer*
*and Morning Suits*

*Even Coloured Suits*
*available at:*

***51, MARINA STREET,***
***PIETÀ***
***TEL: 2123 5666***

*Prop. Mr M. Cassar*

*No connection with any other shop*

nirringrazzjaw lil Mro. Michael Bugelli, Mro. Charles Cachia u Mro. Luciano Apap, li dejjem offrew l-għajnuna tagħhom fejn tidħol il-Banda.

Fuq inizjattiva tal-ħabrieki s-Sur Joseph Farrugia, ex-bandist u ex-president tas-Soċjetà tagħna, għamilna librett b'sett ta' innijiet lil Marija Mtellgħa s-Sema, sabiex kif inhu xieraq, waqt il-purċissjoni, l-Istatwa Titulari tkun akkumpanjata b'innijiet Marjani ta' l-okkażjoni. Sabiex inkomplu ngħollu l-livell tal-Banda tagħna, din is-sena l-maġġor parti tas-servizzi ser ikunu programmi strumentali. Fil-fatt għal din is-sena ġejna mistiedna sabiex intellgħu programm strumentali ieħor ġewwa Ħaż-Żabbar, u dan minbarra s-servizzi tagħna ġewwa r-Rabat u Ħaż-Żebbuġ.



*Il-President tas-Soċjetà tagħna u l-Banda San Girgor ta' Kerċem fi skambju ta' rigali.*

Bħalma ħafna minnkom diġà jafu, fuq nota xi ftit ta' diżappunt, din is-sena tħassret żjara ta' banda oħra barranija. Il-banda taż-Żgħażagħ Lob minn ġewwa Iżrael, kellha tħassar din iż-żjara minħabba l-mewġa ta' terroriżmu li ħakmet lill-pajjiż tagħhom. Nieħdu din l-opportunità sabiex qabel xejn nittamaw li titkattar il-paċi f'dawn il-pajjiżi ħbieb tagħna u nħarsu 'l quddiem li niltaqgħu magħhom.

Nagħlqu dan il-messaġġ billi nistiednu lil kulħadd sabiex matul il-ġranet tal-festa nakkumpanjaw lil baned, kemm tagħna kif ukoll dawk mistiedna. Nistednukom b'mod speċjali sabiex tattendu għall-programm mużikali u vokali nhar l-10 t'Awissu u tapprezzaw aktar ħidmet il-Banda Re Ġorġ V, li fuq kollox kienet strumentali fir-rebħ tal-Unur mill-Unjoni Ewropea, *Les Étoiles d'Or du Jumelage*.


# SCICLUNA FLORIST GARDEN CENTRE

**"Cor Jesus" Triq il-Bronja**
**Żurrieq**
**Tel: 2164 9621, 2167 6252**

**Specialists in arrangements of fresh and artificial flowers for Weddings, Engagement Parties and Funerals**

**Accepts orders for printing of invitations.**

**Souvenirs, Tulle and Accessories for all occasions at moderate prices.**

# La Gatta

**Women & Men's Wear**
**Teenage Look**

## EXPLOSIVE LINGERIE

**for Male & Female**

*Mqabba Road, Żurrieq (near Day Care Centre)*

*'Blue Grotto Avenue, Żurrieq ZRQ 11*
*Tel: 2164 1417*

*Żaren Dalli Stret, B'Buġa*
*Tel: 2165 7639*

# BELLIZZI

## TRAVEL AND INSURANCE

"El Paradiso", Matteolo Saliba Street, Żurrieq. ŻRQ 02. Malta

**Tel. No. (+356) 2164 2519**

**Fax: (+356) 2168 9791**

**Għal kull tip ta' insurance: Karozza, Dar, Ħanut, Safar, Kaċċa, Personal Accident, eċċ...**

**Għal kull ħaġa li għandha x'taqsam mas-safar: Tours, Biljetti ta' l-Ajru, Katamaran, Lukandi, Coach Tours minn Londra, eċċ...**



# Prosit lil tan-Nar

**Poeżija ta' Patrick Ghigo**

Tradizzjoni li għadha ħajja
ġewwa l-gżejjer Maltin
hi dik tan-nar matul il-festi
wisq għal qalb tant Imqabbin.

Nibdew bil-kwindiċina
ta' Lulju t-tletin
bis-salut u murtaletti
u anke b'xi tnejn ħoxnin.

U kollox isir bil-galbu
u anke bil-limitazzjoni
Għax dan ix-xogħol jirrikjedi
l-akbar attenzjoni.

Hekk kif id-data t'Awissu jasal
kif hija t-tradizzjoni
mal-ħruq ta' kaxxa nfernali
noħorġu l-Assunzjoni.

U fl-aħħar waslet dil-ġimgħa
li tant mistennija
Id-dilettanti kelma waħda;
'Għall-Imqabba f'Santa Marija'.

Nibdew bil-bomba u murtaletti
fit-tmienja u f'nofs in-nhar
Bil-beraq u l-kulur
kif il-ħin ikun sar.

Kif it-tokki tal-barka jdoqqu
u tinstema' l-musketterija
Tinħaraq kaxxa u xi murtali
fil-ħarqa ta' fil-għaxija.

U kif jidlam u jsir il-ħin
fil-tlitt ijiem tat-tridijiet
Naħarqu l-pront u tal-kulur
taċ-ċrieki u ċ-ċentrijiet.

U xi ngħidu għat-Transulazzjoni
kulħadd jinġabar u għal post jissielet
Għax f'Malta kollha, tmur fejn tmur
ma tarax bħal dawn l-imsielet.
Issa l-lejl mistenni wasal
lejlet il-Festa tal-Patruna
Tan-Nar vera ħaqqhom **PROSIT**
għax kull sena pjaċir ituna.

Ħruq ta' lampjuni, blalen u sfejjer
kollox huwa organizzat
Bdejna nassistu għall-ispettaklu
mal-mużika sinkronizzat.

Is-sema tinxtegħel b'kuluri mill-isbaħ
bil-beraq pront u bil-kulur
B'tan-Nar għandna biex niftaħru
għamlulna ġieħ u unur.

Kif is-sirena tibda tidwi
ġismi xewk xewk, jaqbadni l-bard
Wara dan l-ispettaklu
ikollna ħarqa prima, nar ta' l-art.

U sebaħ il-jum ta' l-Assunta
għalina jum vera speċjali
Għalhekk naħarqu murtali kbar
kaxxi u baraxxi oriġinali

Taħt għajnejk żomm o Madonna
waqt xogħolhom fid-dwejriet
Lil dawn ħutna dejjem biegħedhom
mill-periklu u mill-inkwiet.

Inħobb insellem lil ta' qabilna
meta noqgħod nirrifletti
B'ħidmiethom kabbarna festa
għallmuna s-sengħa u r-riċetti.

Il-festa tagħlaq b'ringrazzjament fil-knisja
b'ħarsitna lejk ħelwa Marija
Bl-għajnuna tiegħek nerġgħu ntennu;
'Reġa' kellna **FESTA KBIRA**!'

**Mqabba - B'Kara**
*06-06-2003*

**ALBERT ABELA**

Arcadia,
Gilbiena Street,
Zabbar.
Tel/Fax: 2167 7970

*We Specialize in:*

1. Frame Moulding in different shapes and sizes, Parquet Flooring and Wooden Skirting
2. Furniture Mouldings
3. Kitchen & Interior doors in standard measures or in desirable size
4. Panelling in solid Pine





All Selections can be made from a wide selection of wood
(Pine - Oak - Mahogany - Samba)

**PURCHASE DIRECTLY FROM MANUFACTURER AND SAVE MONEY**

**FREE DELIVERY**

St Peter's Ironmongery
sP
*Prop. Joseph Farrugia*

Triq it-Troll, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21680143, 79499721 Fax: 21685249



**Fejn issibu:**

Drain Pipes u Fittings (Plastic u Asbestos)
Fittings tad-dawl u ta' l-ilma, Cement, Kolla tal-Madum u Grouting, Hand tools, Power tools u aċċessorji oħra Cristalite Kitchen Sinks u Geysers, Ilbies Protettiv u Safety Shoes, Tankijiet ta' l-ilma tal-Fibre, Materjal ta' Kisi u fuq il-Fil.

Issibu wkoll 'il fuq minn 5000 Kulur ta' Żebgħa ta' kull tip kemm għal barra u anke għal ġewwa. Inħalltuha dak il-ħin. Qtugħ ta' kull kwalità ta' ċwievet kif ukoll security keys.

- **10% Discount** on Paints, Power Tools, Electric & Water Fittings
- Nispeċjalizzaw f'***self adhesive signs*** bħal No Parking, No Smoking, etc...
- Importaturi ta' għodda tad-ditta professjonali **CENTURION** bi prezzijiet kompetittivi

**FREE DELIVERY**

*Opening Hours:* Monday to Friday: 7.00 a.m. - 7.00 p.m.
Saturday: 7.00 a.m. - 3.00 p.m.

# Il-Għid ta' l-Assunta



## *Nimmeditaw b'mod speċjali l-Kobor tal-Madonna*

kitba ta' Joe Chetcuti

L-aqwa kobor ta' Marija huwa li Hija kienet magħżula minn Alla biex tkun l-Omm ta' l-Iben waħdieni tiegħu li, fil-milja taż-żmien kellu jsir Bniedem. L-ebda bniedem maħluq, għaref kemm hu għaref, ma jista' jasal biex jifhem xi tfisser id-dinjità ta' Omm Alla. Lanqas li kieku jingħaqdu flimkien l-imħuħ ta' l-għorrief kollha tad-dinja ma jaslu biex jifhmu dan il-kobor tal-Verġni Marija fir-rigward li Hi ġiet magħżula biex tkun Omm Alla. Naħseb jien, li l-Papa Piju IX qal sentenza li turi, b'xi mod - turi u mhux tispjega - il-kobor tad-dinjità tal-Maternità Divina. Piju IX qal hekk:

> 'Id-dinjità ta' Omm Alla hija dinjità hekk kbira, illi, 'l isfel minn Alla, ma hemmx ogħla minnha.''

Minħabba din id-dinjità hekk kbira, Alla għoġbu jżejjinha bi grazzji speċjali jew privileġġi, li jixirqu lill-istess kobor tagħha.

**L-ewwel grazzja speċjali** ta' Marija hija dik li Alla żejjen lil Marija bil-grazzja santifikanti sa mill-ewwel mument tan-nisel tagħha, u hekk ġiet eżentata mid-dnub tan-nisel. Dan hu dak li jissejjaħ il-'Konċepiment Immakulat' ta' Marija. Però meta nitkellmu dwar l-Immakulata Kunċizzjoni, irridu nifhmu li Marija kellha bżonn tal-fidwa minn Ġesù li kellu jitnissel fiha u jitwieled minnha xi ħmistax jew sittax-il sena wara li twieldet Hi. Għalhekk l-insara kattoliċi kollha kuljum ifaħħru lill-Madonna u jgħidulha "Imbierka inti fost in-nisa". Ngħidulha hekk, għaliex filwaqt li l-bnedmin kollha ġew merfugħa mid-dnub **wara** li kienu mwaqqgħin fih, lil Marija Huwa ried li dritt mat-tnissil tagħha Hi tkun meħlusa minn kull tebgħa tad-dnub. Għalhekk aħna nistqarru li Marija kellha dan il-privileġġ singulari "għall-merti ta' Ġesù Feddej".

**Aktar grazzji speċjali** li Alla xerred fuq Marija huma kollha dovuti għal din l-ewwel grazzja li semmejna fuq:-

(i) Flimkien mad-dinjità ta' Omm Alla, Hija kellha wkoll minn Alla l-unur tal-verġinità dejjiema - qabel it-twelid, fit-twelid u wara t-twelid ta' Ġesù.

(ii) Il-bnedmin kollha tad-dinja, matul iż-żminijiet kollha, irċevew, qed jirċievu, u għad jirċievu grazzji kbar. Dawn, kollha flimkien ma jisbqux il-grazzji kbar li Alla sawwab fuq Marija, anzi, biex ngħidu sewwa dawn il-grazzji kollha lanqas biss jibdew meta mqabblin mal-milja tal-grazzja li kellha l-Madonna.

(iii) Fl-aħħarnett, insemmu l-privileġġ speċjalissmu li l-Verġni Marija ġiet Imtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem. Tabilħaqq, Hija mietet bħal ma miet l-Iben tagħha Ġesù, imma bħalu rxuxtat fit-tielet jum wara mewtha. Marija kellha rabta kbira ma' Binha Ġesù fil-fidwa tagħna u fir-rebħa tiegħu. Fil-fatt il-Madonna tissejjaħ ukoll "Korredentriċi". Anzi, eluf kbar ta' kattoliċi qed jappellaw lill-Papa biex dan it-titlu ta' "Korredentiċi" jiġi ddikjarat bħala Domma tal-fidi. S'issa d-Dommi Marjani m'humiex aktar minn erbgħa:

(i) il-Madonna hija Omm Alla
(ii) il-Madonna hija Verġni
(iii) il-Madonna tnisslet mingħajr tebgħa tad-dnub
(iv) il-Madonna ġiet Imtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem.

Jekk dak li qed jitolbu bosta kattoliċi ta' żmienna jirnexxi, jidhlu tliet dommi oħra Marjani li aktarx ikunu miġbura f'domma waħda. L-istqarrija ta' din id-domma (jekk isseħħ) tkun tkopri :-

(i) il-Madonna hi Korredentriċi
(ii) il-Madonna hi Medjatriċi tal-Grazzji kollha
(iii) il-Madonna hi Avukata quddiem Alla għalina l-bnedmin.

Marija, minħabba s-sehem li kellha fl-inkarnazzjoni tal-Verb Divin u f'dak li Hu għamel biex jifdina, saret Omm tagħna fl-ordni soprannaturali (Lum. Gent. N61); hija Eva ġdida, hija l-Omm tal-Knisja, kif iddikjaraha l-Papa Ġwanni Pawlu IV.

STAR GATE
computer systems

Computer Systems
Upgrades & Repairs
Network Installations
Peripherals
Consumables
Internet Service
Scanning Facilities

Ctronics

Mqabba Road, Żurrieq

Quality Branded Products

for additional information contact us on
Tel: 2164 2744 Fax: 2168 3662
Mob: 7947 8259 / 9947 8259

info@ctronics.comt.mt
support@ctronics.com.mt
of visit our homepage: http://www.ctronics.com.mt



# ZIFFA TRANSPORT

*24 HOURS SERVICE*

Noel: Mob. 9945 2990 Sammy: Mob. 9943 2990

# 10 ta' Novembru 2002

# Żjara ġewwa l-Imqabba mill-Kor Iżraelit ALEI GEFEN

Wara ż-żjarat ġewwa l-Imqabba tal-Baned minn Iżrael Kyriat (Festa 2000) u Kfar Saba (Festa 2001), f'Novembru li għadda kien imiss din id-darba Kor minn Iżrael li jagħmel żjara ġewwa raħalna bħala mistieden tas-Soċjetà. Fil-fatt nhar il-Ħadd 10 ta' Novembru 2002, il-Kor Alei Gefen, li ġej mill-periferija ta' Tel-Aviv, Iżrael, għadda l-ewwel lejla taż-żjara tiegħu ġewwa Malta, magħna ġewwa l-Imqabba fejn ukoll għoġbu jagħti Kunċert memorabbli ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin tas-Soċjetà.

## Min hu l-Kor Alei Gefen?

Dan il-Kor, li twaqqaf fl-1990, ġej mill-muniċipalità ta' Jafo li jinsab fil-periferija ta' Tel-Aviv, Iżrael. Il-Fundatur tal-Kor huwa Eli Gefen, ta' nisel Lhudi miċ-Ċekoslovakkja, li għex u kellu x-xorti jiskappa mill-Holocaust tat-Tieni Gwerra Dinjija. Eli Gefen, flimkien ma' martu Sylvia, mara ta' nisel Lhudi minn Londra, għadu sal-lum il-ġurnata jieħu ħsieb u jidderieġi dan il-Kor. Wieħed mill-għanijiet għaliex twaqqaf dan il-Kor huwa sabiex ikun ta' mezz biex immigranti Lhud, partikularment dawk provenjenti mir-Russja, isibuha aktar faċli jintegraw irwieħom ġewwa Iżrael. Illum il-ġurnata, dan il-Kor, kompost minn madwar 35 membru, wasal għal għan prinċipali li jikkommetti ruħu sabiex iwassal l-ideal ta' Paċi u Għaqda bejn il-Ġnus. Dan billi jattira membri fi ħdanu li jkunu ġejjin mill-Kulturi kollha tal-Lvant Nofsani, u wkoll billi jgħaqqad flimkien fir-repertorju tiegħu mużika Lhudija, Għarbija u Kristjana.

Matul il-ftit aktar minn għaxar snin li ilu jeżisti, dan il-Kor irnexxielu jistabbilixxi ruħu sew fost l-aħjar li wieħed isib ġewwa Iżrael. Kiseb ukoll għadd ta' suċċessi fl-isfera internazzjonali. Fost il-postijiet fejn il-Kor Alei Gefen ta wirjiet b'suċċess insibu: Covent Garden u Royal Albert Hall, Londra; Il-Katidral ta' Notre Dame Pariġi; Israel Philarmonic Orchestra Guest House; Il-Knisja tan-Natività, Betlehem; u Jerusalem's Tower of David. Ipparteċipa wkoll f'għadd ta' Festivals Internazzjonali fosthom: Irlanda (Sligo International Choir Festival, 1998); Wales (Eisteddfod International, 2000); Awstrija (Graz & Vienna Choir Festivals, 2001); Repubblika Ċeka (Prague Festival, 2001); u Malta (14th International Choir Festival, 2002).

## Iż-Żjara tal-Kor Alei Gefen ġewwa l-Imqabba

Il-Kor Alei Gefen żar l-Imqabba nhar il-Ħadd 10 ta' Novembru 2002 fil-għaxija, ftit sigħat biss wara li wasal Malta minn Tel-Aviv, via Ruma. Il-Kor ġie hawn Malta sabiex jipparteċipa fl-14-il Festival Internazzjonali tal-Korijiet li sar ġewwa Dar il-Mediterran f' Novembru li għadda. L-ewwel impenn ġewwa l-Imqabba kienet laqgħa ta' korteżija għand il-Kunsill Lokali. Wara kelmtejn ta' merħba mis-Sindku s-Sur E. Buttigieg, sar bdil ta' rigali f'isem iż-żewġ naħat u wara l-Kor kien mistieden għal bibita fil-bini tal-Kunsill.



*Is-Sur Antoine Sciberras viċi president jidher jippreżenta rigal lis-Sinjura Gefen.*

Wara din il-laqgħa qasira il-Kor mexa tul Triq il-Parroċċa sal-Każin fejn wara ftit minuti ta' *warm up*, beda l-Kunċert Korali tiegħu li nżamm ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin, sewwasew fl-isfond tal-pittura tal-Konvoj. Il-programm kien jinkludi taħlita ta' mużika korali li varjat minn dik reliġjuża għal dik tradizzjonali Iżraeljana. Il-Kunċert beda b'żewġ għajtiet għall-paċi. It-Tradizzjonali Shalom Aleichem ('Il-Paċi Magħkom') u Pavillion for Peace, kompożizzjoni ta' David Grosz li ta' min jgħid jiġi missier Eli Gefen u li kien kiteb din is-silta ftit qabel miet ġewwa l-Kamp ta' Konċentrament f'Auschwitz. Imbagħad il-Kor kanta Missa Brevis ('Little Mass') ta' Zednek Lukas, li ġiet segwita minn Halleluljah ta' Levandovsky.

# Aida Hall

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq

For Receptions, Parties and all occasions

**Tel: 2168 3112 - 2164 0083**



Planning a party?

# PISCOPO'S CASH & CARRY

## can provide you with all your needs

Small pizza, sausage rolls, ice cream, stuffed olives, beers and minerals, juices, Panini, Gateaux, napkins, balloons, disposable plates and much much more!

## All items at a discounted price!!

**Triq Erba' Mwieżeb**
**St. Paul's Bay SPB 06**
**Tel: 2157 0265, 2157 0375**

Ma setax jonqos li l-Kor imbagħad ikanta Ave Maria ta' Rachmaninoff. Wara, il-Kor Alei Gefen kanta erba' siltiet tradizzjonali Lhud, Jerusalem of Gold, Serenity, Eli Eli u Horah (Danza folkloristika minn Iżrael).

Wara saru kelmtejn ta' l-okkażjoni mill-Viċi President tas-Soċjetà s-Sur Antoine Sciberras, fl-assenza tal-President is-Sur Carmel Zahra li ma setax jattendi minħabba mpenji ta' xogħol. Sar bdil ta' rigali bejn il-Kor u s-Soċjetà u mbagħad kulħadd kien mistieden għal riċeviment li matulu l-membri tal-Kor ħadu l-opportunità jagħmlu ħbieb magħna u japprezzaw il-ġmiel artistiku tas-sala fejn kienu għadhom kif kantaw. Bħala apprezzament imbagħad membri tal-Kor ħadu inizjattivi personali u qagħdu jkantaw xi mużika popolari. Hawnhekk stajna napprezzaw aktar il-ħila ta' dawn il-kantanti, li għalkemm m'humiex professjonali, urewna kemm huma kapaċi jieħdu l-arti mużikali bis-serjetà u x'livell individwali kapaċi jilħqu.



*Il-Kor Alei Gefen waqt il-kunċert vokali tiegħu fis-sala tal-każin. 10 ta' Novembru 2002.*

Ta' min jgħid ukoll li għal din is-serata kellna attendenza numeruża bejn numru tajjeb ta' partitarji u għadd ta' nies mill-Komunità Lhudija Maltija li għoġobom jattendu. Fost il-mistednin distinti ta' min wieħed isemmi lill-Eċċ. Tiegħu Dr Abraham Borg, Ambaxxatur Malti għal Iżrael u s-Sinjura tiegħu, flimkien mas-Sindku ta' l-Imqabba, is-Sinjura tiegħu u rappreżentanza mill-Kunsill ta' raħalna.

Nieħdu l-opportunità sabiex nirringrazzjaw lis-Sinjuri Alfred Galea u Lawrence Attard Bezzina, li għamluha possibbli sabiex dan il-Kor seta' jagħmel din iż-żjara ġewwa l-Każin tas-Soċjetà. Nagħlqu billi nippubblikaw messaġġ għall-okkazjoni tal-festa li l-Kor Alei Gefen għoġbu jibgħatilna.

# Messaġġ mill-Kor Alei Gefen, Jafo-Tel Aviv, Iżrael

Għeżież ħbieb minn Malta,

Il-Kor tagħna ser jibqa' jiftakar, u ċertament mhux ser jinsa, il-kelmtejn ta' merħba li għamlilna l-Wisq rispettabbli Sindku Emanuel Buttigieg u r-rigali imprezzabbli mnaqqxin bl-isem tal-Kor tagħna, li intom għoġobkom tirregalawlna mal-wasla tagħna ġewwa l-Imqabba sabiex inkantaw għad-dilettanti tal-mużika Mqabbin nhar l-10 ta' Novembru 2002. Din kienet l-ewwel laqgħa tagħna man-nies ta' Malta. Nistgħu ngħidu li kważi ġejna direttament mill-ajruport lejn il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

Il-pajjiż (Malta) u r-raħal tagħkom sinċerament għandhom dik ix-xi ħaġa li tiġbdek minn ħafna aspetti. Jista' jingħad ukoll illi fid-dinja mħawda tal-lum, ftit ħafna huma l-postijiet fejn wieħed iħossu tassew fil-paċi u ferħan, hekk kif ħassejna ruħna aħna meta ġejna nkantaw fis-sala ewlenija tal-Każin tagħkom. L-atmosfera ġewwa dan il-post hija waħda mill-isbaħ li stajna niġu offruti biex inkantaw fiha. Mhux biss minħabba l-pitturi impressjonanti li wieħed isib fis-sala, iżda aktar u aktar minħabba l-merħba sabiħa li aħna rċevejna mingħandkom, u l-ħbiberija miftuħa u l-entużjażmu ta' l-udjenza li ġiet tismagħna ġewwa l-Imqabba. Għalina dawn il-kwalitajiet umani kienu ta' importanza kbira. Tant hu hekk illi rritornajna lura d-dar kburin li ġejna milqugħin tant tajjeb, u ma' l-ewwel okkażjoni tkellimna u rrakkontajna l-esperjenza tagħna fl-Imqabba mas-Sindku u l-Kunsill Muniċipali ta' Tel-Aviv. Nitolbukom ukoll tippermettulna nikkummentaw rigward ir-relazzjonijiet speċjali tagħna mal-Pulizija ta' Malta li ħadu ħsiebna b'kura u attenzjoni kbira mill-mument li wasalna Malta, sa meta tlaqna lura. Il-Pulizija kienu anke magħna waqt li kantajna ġewwa l-Imqabba.

Għalhekk, Sur Galea, nitolbuk taċċetta r-ringrazzjamenti tagħna għall-privileġġ li offrejtulna u għall-ħidma kbira tiegħek u tal-kollegi tiegħek sabiex torganizzawlna l-Kunċert ġewwa l-Każin tagħkom. Aħna lkoll nisperaw u nixtiequ li dan kollu jerġa jiġri fil-futur !

Nibagħtu l-isbaħ xewqat ta' saħħa u prosperità lis-Sindku u Kunsill ta' l-Imqabba, kif ukoll lill-Kumitat u membri tas-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V.

**Sylvia u Eli Gefen,**
**u l-Kor Alei Gefen, Tel-Aviv**


A complete range of Services executed with years of experience in Travel
AIR & SEA TICKETS
HOTEL ACCOMMODATION
GROUP TOURS
COACH HOLIDAYS
INSURANCE
and all your travel requirements.
BSL
BRITANNIA TOURS
173, Melita Street, Valletta.
Tel. 238039, 245418
IATA
Lic. E/5


TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry
As FARSONS AGENTS and Wholesalers, we stock a large selection of Wines, Spirits and Alcholic Beverages together with a variety of Snacks, Confectionery, Tobacco Products, Soft Drinks, Mineral Water, Juices and Mixers.
Ice Cubes & Flakes
FREE DELIVERIES
OPENING HOURS:
Mon - Fri: 8.00 am - 7.00 pm
Sat: 8.00 am - 1.00 pm
TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry
Vincenzo Ciappara Street, Rabat. Tel: 21 454876, 21 459925 • Fax: 21 451079

# Patri Karm Zammit O.P.

## ...50 sena fis-Saċerdozju

Patri Karm Zammit O.P. iben il-mejtin Innoċenzu u Karmela xebba Barbara; imwieled l-Imqabba nhar it-12 t'Awissu 1927 u mgħammed l-għada, 13 t'Awissu minn Dun Paċifiku Mifsud, fejn tawh l-isem ta' Ġużeppi, Angelo u Antonio. Beda t-tagħlim tiegħu fl-iskola primarja tal-Imqabba u dawk sekondarji fis-Seminarju tal-Arċisqof fil-Furjana.

Imħajjar mill-kappillan ta' dak iż-żmien, il-Wisq Reverendu Dun Lawrenz Spiteri biex jidħol abbati, aċċetta din it-talba u ta' età żgħira beda jagħti dan is-servizz fil-knisja parrokkjali tar-Rabat, li ta' kuljum kien jgħin l-ewwel quddiesa li kienet tkun fil-5.00am kif ukoll jieħu sehem fis-servizzi kollha li kien ikun hemm fil-parroċċa.

Bħala żagħżugħ ta' 14-il sena, kien jgħin ħafna meta l-knisja parrokkjali ġiet imġarrfa fid-9 t'April 1942 bil-bombi tal-gwerra. Fost l-għajnuniet li ta, ta' min isemmi li kien strumentali biex seta' jiġi salvat is-Sagrament. Dan għaliex kien hu personalment li talab lill-kappillan biex ineħħi s-Sagrament mill-artal maġġur u jqiegħdu f'post aktar kenni u fi żgur. Dan sar għal ħabta tat-8.00am u fl-istess jum, fis-1.00pm, bomba ġarrfet il-knisja.

Fl-14 ta' Lulju 1942, spiċċa l-eżamijiet ta' l-ewwel sena fis-Seminarju. Fil-15 ta' Lulju 1942 ħadu lil għażiża ommu fl-isptar tal-maternità (dak iż-żmien kien fejn illum insibu l-Istitut ta' Ċini f'Santa Venera). L-għada, nhar is-16 ta' Lulju 1942, wara nofsinhar, għal ħabta ta' l-4.00pm, pulizija mar jagħtihom l-aħbar li ommhom tinsab ħażin ħafna. Mingħajr ebda telf ta' żmien, Patri Karm u missieru telqu jiġru lejn l-isptar, u meta waslu mill-ewwel għarrfuhom li l-mara kienet mietet. F'xena ta' qsim il-qalb, kemm Patri



*Patri Karm meta qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu. 04/10/53.*

Karm kif ukoll missieru ntilfu f'ħass ħażin u sabu ruħhom imdawrin minn ħafna infermiera. Kienu żminijiet koroh ħafna tal-gwerra, u Patri Karm, il-kbir fost ħutu, kellu jibda jieħu ħsieb il-familja għaliex missieru kien joħroġ kmieni għax-xogħol u jidħol tard fil-għaxija peress li dan kien jaħdem fix-xelters.

Fit-3 t'Ottubru 1947 ħalla raħal twelidu biex ingħaqad mal-Komunità Dumnikana fil-kunvent tal-Madonna tal-Għar fir-Rabat fejn wara għaxart ijiem ta' rtir, fit-12 t'Ottubru ħa l-libsa bajda u sewda ta' San Duminku minn idejn il-Wisq Reverendu Patri Ġużepp Marija Xuereb O.P. Vigarju Provinċjali. F'din l-istess ċerimonja tawh l-isem ta' Fra Karm u b'hekk beda s-sena tal-prova fin-novizzjat.

Wara s-sena tan-novizzjat, il-Ħadd 31 t'Ottubru 1948, għamel il-Professjoni Sempliċi fejn wiegħed li jgħix il-voti tal-Ubbidjenza, Kastità u Faqar għal tliet snin, quddiem il-preżenza tal-Wisq Reverendu Provinċjal Ġużepp Gauci O.P.. Beda l-istudji tiegħu fil-filosofija u t-teoloġija fil-Kulleġġ ta' San Tumas D'Akwinu fir-Rabat. Fl-1 ta' Novembru tas-sena 1951, fil-preżenza tal-Wisq Reverendu Patri Ġużepp Marija Xuereb O.P. li kien il-Vigarju Provinċjal, għamel il-Professjoni Solenni fejn reġa' wiegħed lil Alla l-istess tliet voti għal ħajtu kollha.

Fl-20 ta' Diċembru 1952, ġie ordnat Djaknu mill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissma Monsinjur Mikiel Gonzi fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann ġewwa l-Belt Valletta.

Fid-19 ta' Settembru 1953, ġie ordnat Saċerdot mill-Eċċellenza Reveredissma Monsinjur Emmanuel Galea fil-Katidral ta' l-Imdina.

Patri Karm qaddes l-ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Knisja tal-Madonna tal-Għar fir-Rabat, nhar il-Ħadd 4 t'Ottubru 1953, megħjun minn ħutu l-Patrijiet Dumnikani, familjari, qrabatu u ħbieb. Wara li ġie ordnat Saċerdot, kompla l-istudji teoloġiċi tiegħu u fl-istess żmien ġie maħtur assistent sagristan maġġur biex jgħin lil Patri Ambroġ Darmanin li kien qed jirsisti ħafna biex jerġa' jagħti spinta u jqajjem id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Għar. Fit-3 t'Ottubru 1955, Patri Karm ġie assenjat mill-Provinċjal W.R. Fr. E. Klimeck O.P. biex iħalli l-Kunvent tal-Madonna tal-Għar, fir-Rabat u jmur fil-Kunvent ta' Portu Salvu, il-Belt Valletta, u nominat bħala Viċi-Kappillan fil-Parroċċa ta' l-istess Portu Salvu li dak iż-żmien kienet ħafna akbar milli hi llum. Hu dejjem qeda dan id-dmir mill-aħjar. Kien ukoll nominat assistent prokuratur tal-Kunvent.

Fil-25 t'Awissu 1960, permezz ta' assenjazzjoni mogħtija mill-W.R. Prof. Serafin Zarb O.P. reġa' ntbagħat lura mill-Kunvent ta' Portu Salvu għall-Kunvent tal-Madonna tal-Għar, fir-Rabat, sabiex jaqdi d-dmir ta'

# ELECTROCARE

25, Valletta Road, Kirkop.
Tel: 21640654, Mobile: 9947 7755



**Retailer of:**

## T.V.s, Video Recorders, Satellites, Hi-Fi equipment, Car Stereos, Speakers, Mobile Phones, and Air Conditioners.



***We do also REPAIRS,***
***specialising in Videos, T.V.s, Hi-Fi and Faxes***

## STARTING POINT

*DOMESTIC & ELECTRIC APPLIANCES*

St. Thomas Street, Luqa Tel/Fax: 21803017 Mob: 9947 6704
E-mail:startingpoint@vol.net.mt



Sagristan Maġġur, fejn ħadem ħafna u rsista biex ikompli x-xogħol fil-knisja u jkompli jxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Għar. Fil-10 ta' Mejju 1962, il-W.R. Provinċjal Patri Serafin Zarb O.P. assenjah għal ftit taż-żmien fil-Kunvent tal-Madonna ta' Fatima fi Gwardamangia biex ikun aktar viċin tal-Kulleġġ ta' San Albert billi kien inħatar għalliem.

Fil-31 ta' Mejju 1963, għal darb'oħra, l-istess Provinċjal il-W.R. Patri Serafin Zarb O.P., assenjah fil-Kunvent ta' Ġesù Nazzarenu ġewwa Tas-Sliema, biex ikompli d-dmir tiegħu ta' għalliem u fl-istess ħin jieħu ħsieb li jibda x-xogħol tas-Sala De Porres. Wara ftit taż-żmien, dan ix-xogħol beda u b'hekk is-sala ta' De Porres reġgħet fetħet mill-ġdid. Dam fil-Kunvent ta' Ġesù Nazzarenu sad-29 t'April 1979, meta minħabba ċertu raġunijiet u diffikultajiet personali kellu jħalli l-ħajja kon-ventwali u jmur jgħix għal ftit żmien ma' oħtu Ġorġa fil-Parroċċa ta' San Bastjan f'Ħal Qormi.

Wara ftit, Patri Karm iddeċieda li jerġa' jmur joqgħod fir-raħal twelidu ta' l-Imqabba, fejn ġie mitlub mill-W.R. Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Emmanuel Vella, sabiex jgħinu fix-xogħol pastorali ġewwa l-Parroċċa minħabba li kien hawn nuqqas ta' saċerdoti. Beda dan ix-xogħol pastorali fil-21 ta' Settembru.


*Patri Karm (it-tielet mix-xellug) meta ġie ordnat saċerdot. 19/09/53.*

Patri Karm, lura f'pajjiżu, ġie milqugħ tajjeb ferm u b'imħabba kbira. Kienu ħafna li apprezzaw il-ħidma pastorali u ġenerużа tiegħu. Patri Karm dejjem fittex li jaqdi sa fejn jista' lil kulħadd, b'mod speċjali lill-morda, li ta' kull ġimgħa jmur iżurhom u jqarbinhom. Għamel żmien jaqdi l-parruċċani mill-uffiċċju parrokkjali meta l-kappillan kien ikun barra mill-Parroċċa. Dan ix-xogħol għadu jagħmlu sal-ġurnata tal-lum.

Fl-aħħarnett, f'isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u f'isem l-Imqabbin kollha, nixtieq nawgura l-festi t-tajba f'għeluq il-ħamsin sena bħala Saċerdot li ser jiġu ċċelebrati f'Settembru li ġej. Jalla l-Mulej Ġesù u l-Madonna jkomplu jħarsu lil dan il-qaddej t'Alla fil-ħidma pastorali tiegħu fostna l-Imqabbin.

**Ad multos annos.**




# Nimrod Coaches

Joe Saliba *(Żużu tal-Private)*

għall-kiri ta' Coaches

*Ċemplu*
*Home/Fax: 2164 0098*
*Garage: 2168 9693*
*Mobile: 9947 6886*

# I.S. WROUGHT IRON WORKS

**For All Types of wrought iron works:**



- Balconies
- Staircases
- Gates
- Iron Furniture
- Pregnant Windows
- Farmhouses etc...



*Sejba Road, Mqabba (Behind Old Runway)*
*Tel: 21 640 779 Mob: 9945 0836*

# Veteran tal-Konvoj ta' Santa Marija

kitba ta' Gardner Bell

Is-sena l-oħra rajna f'pajjiżna l-kommemorazzjoni tas-sittin anniversarju tal-wasla tal-konvoj epiku magħruf bħala ta' Santa Marija, u għall-Ingliżi bħala *Convoy WS5.21.S - Operation Pedestall.* Dan l-avveniment qanqal fija emozzjonijiet personali, għaliex xtaqt ħafna li nirrappreżenta lil missieri li serva fuq bastiment tal-iskorta f'dan il-konvoj, u li sfortunatament miet ftit tas-snin qabel. Ma kienx possibbli li nirrappreżentah uffiċjalment, iżda d-diżappunt ittaffa xi ftit billi ltqajt ma' veteran li kien serva fuq l-istess bastiment miegħu.

Kulħadd jassoċja l-konvoj mal-vapur erojku *Ohio*, u bla dubju dak kollu li rnexxielu jwettaq kemm l-*Ohio* kif ukoll l-ekwipaġġ tiegħu huwa immortali. Iżda kien hemm bastimenti oħra fil-konvoj ukoll, li kollha għaddew minn jiem ta' nfern sabiex il-fdalijiet tal-konvoj setgħu jaslu f'Malta. Wieħed minn dawn il-bastimenti kien id-Destroyer tat-tip *Hunt* (Kaċċa), *HMS Wilton*, u fost l-ekwipaġġ tiegħu kien hemm missieri (Thomas Bell) u Jim Bates, il-veteran li ltqajt miegħu s-sena l-oħra. Missieri kien ta' spiss jirrakkuntali ġrajjiet taż-żmien il-gwerra, speċjalment dawk li kellhom x'jaqsmu mal-operazzjonijiet fejn kien involut il-Wilton. Ħafna minn dawn l-istejjer ġew ikkollaborati minn Jim Bates meta tkellimt miegħu.

Wara li ħadu sehem f'diversi konvojs lejn ir-Russja, u preċiżament wara l-konvoj traġiku magħruf bħala *PQ17* fl-ibħra kesħin tal-Atlantiku tan-Nord, il-Wilton ġie ordnat sabiex isalpa lejn Ġibiltà ħalli jifforma parti mill-iskorta ta' konvoj li d-destinazzjoni tiegħu kienet għadha mhix magħrufa. Meta eventwalment l-ekwipaġġ sema' li l-konvoj kien destinat lejn Malta kien hemm atmosfera ferriħija, għaliex wara l-kesħa tal-Atlantiku u tar-Russja, dan il-konvoj kien qiegħed jitqies bħala *cruise* fil-Mediterran! Msieken, kemm kienu marru żmerċ! L-Ingliżi kienu determinati li dan il-konvoj jasal sa Malta, iżda daqstant ieħor kienu determinati l-Ġermaniżi u t-Taljani li jeqirduh.

Fl-ewwel ġurnata wara li l-konvoj telaq minn Ġibiltà, l-ewwel vittma kien l-*Aircraft Carrier HMS Eagle* li għereq f'inqas minn sitt minuti wara li ntlaqat minn erba' *torpedoes* sparati minn sottomarin Ġermaniż, il-*U73*. Jim Bates qalli li dak il-ħin il-baħrin kienu qegħdin jilagħqu x-xemx fuq il-gverta tal-*Eagle*. Il-*Wilton* kien fuq in-naħa ta' ġewwa tiegħu u meta l-*Eagle* beda jinqaleb setgħu jaraw il-baħrin u l-ajruplani jiżżerżqu għal ġol-baħar. Ma setgħux jieqfu biex isalvaw il-baħrin minħabba li ġew ordnati sabiex jibqgħu sejrin u jħallu x-xogħol ta' salvataġġ għal ħaddieħor. *Destroyers* oħra b'ħeffa kbira bdew għaddejjin żigużajk jippruvaw jimmarkaw is-sottomarini fuq l-*Asdic*, apparat apposta għal dak ix-xogħol. Niftakar li missieri kien qalli li mietu mhux ftit minn dawk li kienu fil-baħar minħabba l-effetti tad-*depth charges* sparati lejn dawn is-sottomarini, u splodew taħt l-ilma.


*Jim Bates quddiem il-pittura tal-Konvoj, is-sena l-oħra.*

L-*Eagle* kienet l-ewwel vittma u ftit wara bdew imutu vapuri oħra, kemm merkantili kif ukoll tal-iskorta. Il-Wilton għadda mill-infern personali tiegħu meta f'azzjoni waħda ġie attakkat ħdax-il darba minn *dive-bombers* iżda b'xorti tajba ma sofriex danni kbar. L-attakki kienu jkunu kontinwi u kien hemm ftit li xejn ċans ta' mistrieħ. Jim Bates jirrakkonta meta fl-eqqel ta' battalja tant kienu sparaw li l-munizzjon kien spiċċa u biex ma jkunx hemm waqfien fl-isparar u sabiex ifixklu u jaħsdu l-għadu, ġew ordnati li jiġu sparati *star shells*!

Oriġinarjament il-*Wilton* kien jifforma parti minn *Force Z*, li kienet il-qawwa ewlenija tal-konvoj u li kienet tinkludi l-*Battleships* u l-*Aircraft Carriers*. Kien ippjanat li din il-Forza kellha ddur lura meta tasal f'post magħruf bħala *Skerki Bank* qabel ma tidħol fil-fliegu bejn Sqallija u t-Tuneżija, xi 250 mil 'il bogħod minn Malta. Però qabel ma seħħet din il-manuvra, il-*Wilton* ħa post id-*Destroyer Bramham* li kien baqa' lura mal-vapur merkantili *Deucalion*, li kien milqut u li aktar tard kelli jiġi mgħarraq. B'hekk issa l-Wilton ifforma parti mill-Force X li kienet il-*close escort*, jiġifieri li jeskorta l-

# PET CARE

*Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba, sustanzi eċċ.*
*Għall-pets mediċini għall-annimali kollha.*
*Ġwies u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,*
*ħniex ta' Limperjal ta' barra u reels,*
*qasab, snanar u swivels u*
*kaxxa tal-plastic tas-sajd, eċċ.*
*Lanza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful, eċċ.*

**Qrendi Road, Żurrieq Tel: 2164 9727**

# A. Ferriggi

## Hand Tools Supplier

*Available from all leading ironmongeries*

'Fiorella', 65, Triq Ġużè Abela, Żejtun.
Tel: 2167 3719 Mobile: 9947 5154

# FRIDA TRANSPORT SERVICE

Valletta Office:
64-Liesse Hill
Tel:/Fax: 21230448
99497332 / 99495671 / 99490332



*"HMS Wilton" (L128) – Destroyer tat-tip Hunt.*



*Jim Bates f'Gibilta, 1942.*

konvoj sa Malta u mhux li jdur lura mal-bastimenti l-kbar.

Bi sfortuna kbira firxa ta' *torpedoes* sparati minn sottomarin wieħed, l-*Axum* (Taljan), laqtet tliet vapuri - żewġ *Cruisers* (Nigeria u Cairo) u t-*tanker Ohio*. Qabel ma għereq il-*Cairo*, il-*Wilton* salva mijiet mill-ekwipaġġ tiegħu u ġie ordnat biex imur lura bihom lejn Ġibiltà. Missieri qalli li l-kaptan tal-*Cairo* ried jinżel mal-bastiment u kellhom imorru erba' baħrin għalih. Meta staqsejt lil Jim Bates fuq dan, ikkonferma u qalli li bdew jgħajtulu minn fuq il-*Wilton*, *"Come on! Come on!"*. Peress li l-*Wilton* kien pjuttost bastiment żgħir ma kienx hemm spazju biżżejjed għal dawk kollha abbord, iżda l-ekwipaġġ tal-*Wilton*, bi ħniena kbira u b'turija ta' fraternità lejn ħuthom il-baħrin iltiema tal-*Cairo*, ċedewlhom il-braned tagħhom u fittxew postijiet oħra. Fil-fatt, waqt ir-rijunjoni tas-sena l-oħra, meta l-veterani kienu qegħdin jiffirmaw il-kotba, uħud minn dawk li kienu fuq il-*Cairo* ffirmaw lil Jim Bates b'dan il-kliem: "Grazzi, Wilton". Fl-istess ħin il-*Wilton* kellu jiskorta n-Nigeria wkoll lejn Ġibiltà għaliex il-ħsara li ġarrab dan il-bastiment kienet konsiderevoli. Dak il-ħin l-*Ohio* kien qiegħed jaqbad u missieri qalli li kien infern tan-nar - ħuġġieġa waħda kbira; setgħu jħossu s-sħana tiegħu, speċjalment meta daru dawra miegħu u xtaqulhom *"Good Luck"* hekk kif ġew ordnati lejn Ġibiltà. Malli waslu hemmhekk, il-*Wilton* intlaqat minn *Aircraft Carrier* hekk kif kien ser jitrakka mal-moll!

Jim Bates ġie diversi drabi Malta iżda qatt ma mar l-Imqabba. Is-sena l-oħra ġibtu jara l-pittura maestuża tal-Konvoj ta' Santa Marija li hemm fis-sala prinċipali tal-Palazz Santa Marija. U spjegajtlu wkoll ir-rabta speċjali li għandu dan ir-raħal mal-Konvoj ta' Santa Marija, speċjalemnt il-mod uniku kif jiġi mfakkar dan l-avveniment fi żmien il-Festa. Ħajjartu jiġi għall-Festa ta' din is-sena u l-Kumitat tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ġentilment stiednu biex jattendi għall-Programm tal-Festa bħala mistieden distint. Hu aċċetta u jinsab ħerqan ħafna biex jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet, u żgur li din ser tkun il-qofol tal-ġita tiegħu. Mingħajr dubju Jim ser jieħu memorji sbieħ u nostalġiċi lura miegħu.

Biex nagħlaq, nixtieq nipproduċi traduzzjoni ta' ittra li kiteb Jim Bates riċentement:

## Rikonoxximent lejn il-poplu Malti

Kont ferm kburi u onorat li f'Settembru li għadda attendejt bħala veteran fis-sittin anniversarju tal-Konvoj ta' Santa Marija. Waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet aħna l-veterani, kollha kemm aħna ġejna trattati bħal li kieku konna rejiet. Qatt ma ninsieha, speċjalment ir-*re-enactment* tat-*tanker Ohio* dieħel fil-Port il-Kbir. Naħseb li fostna ma kienx hemm għajn waħda xotta, inkluż tiegħi.

Minn mindu spiċċat il-gwerra ġejt Malta diversi drabi u dejjem sibt il-poplu Malti dħuli u ġeneruż. Insemmi eżempju ċkejken. Darba minnhom waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kont fix-xatt tas-Sliema nara li s-suġġett ewlieni kien is-sittin anniversarju tal-Konvoj iżda kien bil-Malti. Staqsejt jekk stajtx nakkwista gazzetta bl-Ingliż u sid il-ħanut semgħatni. Għalkemm kellha ħafna x'tagħmel, bagħtet lil-lavranta tixtrili gazzetta u lanqas biss riditni nħallasha. Kull darba li kont immur għandha kienet iġġibli gazzetta fuq il-mejda. Dan huwa tipiku ta' kif sibt lill-poplu Malti.

Intom ukoll poplu qalbieni u kuraġġuż ħafna sabiex għaddejtu iżjed minn sentejn ta' bumbardamenti kontinwi. Intom batejtu ferm aktar milli batejna aħna. Kull ma għamilna aħna kien il-biċċa tagħna li ngħinu.

Nixtieq nirringrazzja lil Gardner Bell li kien strumentali sabiex stajt inkun hawn magħkom fil-Festa tagħkom. Missier Gardner kien fuq l-istess vapur miegħi waqt il-Konvoj ta' Santa Marija iżda sfortunatament ħalliena xi żmien ilu. Il-ħabib tiegħi Gardner għen ukoll sabiex it-tieni ġimgħa ta' wara ċ-ċelebrazzjonijiet tas-sena l-oħra kienet waħda memorabbli għalija.

**GRAZZI U ALLA JBERIKKOM.**

**Jim Bates (*Ex-Royal Navy*)**




THE PEUGEOT 206

# IRRESISTIBLE



206

PEUGEOT. ENGINEERED TO BE ENJOYED.

PEUGEOT

**Michael Attard Ltd.** - National Road, Blata l-Bajda - T: 2123 8854
Psaila Street, Sta Venera - T: 2144 9312
E: sales@michaelattard.com

Gozo Sub-agent: Attard Auto Dealer, Mgarr Rd, Ghajnsielem - T: 2155 9453

# Attivitajiet Soċjali u Kulturali
# *Mill-Kumitat Ċentrali*

## Trofew Chev. George Martin - Attivist tas-sena 2002



*Is-Sur Frans Sciberras (xellug) jidher jirċievi mingħand is-Sur Normann Martin l-unur "L-Attivist tas-Sena".*

Għal darb'oħra fuq inizjattiva tal-familja Martin, ġie onorat l-attivist tas-sena. Fil-fatt din kienet it-tielet sena konsekuttiva li ġie ppremjat dan l-unur. Is-sena 2002 messet lis-Sur Francis Sciberras.

Frans, kif insibuh aħna, tista' tgħid li huwa involut f'kull qasam tas-Soċjetà tagħna. Attiv mal-Banda Re Ġorġ V, fejn f'kull servizz u okkażjoni jieħu ħsieb l-istandard tal-Banda. Frans huwa wkoll attiv fl-armar tal-festa, b'mod speċjali fil-manutenzjoni tiegħu kif ukoll issibu jagħti daqqa t'id fl-armar tan-nar ta' l-art. Attiv ukoll fit-tiżjin tal-knisja parrokkjali. Frans għandu jkun ta' eżempju għal ħafna minna, fejn juri interess f'dak kollu li jkun qiegħed isir matul is-sena kollha. Nistgħu nqisuh bħala forċina għalina l-Kumitat u bla dubju jimmeritah dan l-unur. J'Alla fil-futur is-Sur Francis Sciberras jibqa' jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu bħalma ilu jagħmel tul dawn l-aħħar snin. Prosit mill-ġdid.

## L-aqwa talenti Maltin fl-Imqabba

Ta' kull sena, għal dawn l-aħħar għaxar snin, ġew mistiedna ġewwa l-lokal tagħna l-aqwa kantanti u dawk involuti fl-ispettaklu. Il-popolarità ta' dawn l-attivitajiet sajfin żdiedet mas-snin u llum saru attivitajiet regolari fil-kalendarju kulturali tas-Soċjetà tagħna. Ma' artisti stabbiliti, nistiednu wkoll artisti li jkunu fil-bidu tal-karriera tagħhom. Din is-sena wkoll ġew mistiedna għadd ġmielu ta' artisti sabiex joffru spettaklu fil-pjazza tagħna, bħalma huma Lynn Chircop, Fabrizio Faniello, Julie u Ludvig, u Bronk Productions fost l-oħrajn.

Dawn l-attivitajiet jittellgħu b'impenn mhux żgħir, meta wieħed jikkunsidra li waqt li nkunu għaddejjin bl-armar tal-festa naħsbu wkoll sabiex nikkordinaw dawn is-serati. Biss, ir-rispons tagħkom fl-attendenza jimliena bil-kuraġġ sabiex inkomplu norganizzaw attivitajiet ta' din ix-xorta.





*Il-kantata popolari Ira Losco waqt attività li saret fil-pjazza 30/07/2002.*

# Carabott Jewellers

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days

# The Village Shop

Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba

**Fejn tista' ssib oġġetti li jiswew Lm1 biss**
**u aktar affarijiet bi prezzijiet irħas**

Ftuħ: Tnejn - Ġimgħa • 9.00am - 12.00pm – 4.30pm - 7.00pm
Is-Sibt • 9.00am - 12.30pm

**Mobile: 7999 9912**

# Sleek Shine Salon

by Charmaine

Triq 9 ta' April 1942, Mqabba

**Open hours**
Tuesday - Friday
from 09.15 - 14.15, 15.00 - 19.00
Saturday
from 09.00 - 18.00

Products: Tigi products

**Mobile no: 9922 5142**

# Joseph Ellul B.E.M.

## *1898 - 1961*

kitba ta' Joseph Farrugia

Fil-lista ta' l-ismijiet ta' dawk li ġew onorati bil-*British Empire Medal* fl-ewwel tas-sena 1944, insibu dak tas-Sur Joseph Ellul.

Malta daħlet fl-għawġ tat-Tieni Gwerra Dinjija sa minn kmieni fil-għodu ta' l-għada li l-Italja ssieħbet mal-Ġermanja kontra l-alleati. It-toqol tal-gwerra kien qed jinħass mhux biss mis-suldati u l-piloti li ddefendew il-gżira iżda mill-poplu kollu li sofra moralment mill-beżgħat ta' telf tal-ħajja, tifrik ta' djar u t-telf tal-ġid, sew tiegħu kif ukoll ta' wliedu, u fiżikament mill-ġuħ minħabba n-nuqqas ta' provvisti. Il-ħaddiema ċivili tas-Servizzi taw sehemhom bil-kbir fit-Tieni Gwerra, hekk li wħud minnhom iddistingwew irwieħhom għall-kontribut siewi li taw. Fosthom insibu lill-kompartijott tagħna Joseph Ellul.



*Joseph Ellul BEM*
*Hajr: John Ellul*

Joseph Ellul twieled l-Imqabba nhar it-28 ta' Frar 1898, iben Ġovanni u Marija nee' Psaila mwielda l-Qrendi. Bħaż-żewġ ħutu subien, Indri u Rajmond, Joseph ingħata l-edukazzjoni mogħtija liċ-ċittadini f'dawk iż-żminijiet, u fl-1913 kien impjegat bħala *apprentice mechanical fitter* mar-responsabbiltà tat-tħaddim u t-tmexxija tal-*Power Station* ta' Kalafrana, li wara kollox kien il-mira ta' l-għadu sa mill-ewwel jum tal-Gwerra.



*Il-Medalja BEM faċċata u wara*

Naturalment matul il-Gwerra, il-provvista kontinwa tal-kurrrent elettriku kienet essenzjali ħafna. Is-Sur Ellul fehem din l-importanza u ta sehem kbir, anke b'sagrifiċċju personali, meta għaraf iżomm il-*generating station* taħdem skond il-ħtiġijiet tal-bażi f'Kalafrana.

Fuq rakkomandazzjoni ta' *Air Vice Marshal* Sir Keith R. Park, b'għarfien għall-kontribut indispensabbli mogħti b'dedikazzjoni u lealtà matul it-Tieni Gwerra Dinjija, r-Re Ġorġ VI għoġbu jonora lil Joseph Ellul bil-*British Empire Medal*.

Fl-1959 kelli x-xorti nagħmillu żjara fil-*Power Station* ta' Kalafrana u stajt nifhem kemm kien kuntent u kburi li rnexxielu jżomm l-istazzjon fejn qatta' ħidmet għomru b'mod impekkabbli.

Joseph Ellul kien maħbub u rispettat ħafna sew minn sħabu l-ħaddiema kif ukoll mill-uffiċjali ta' l-istazzjon. Meta rtira mix-xogħol kien ippreżentat b'arloġġ bħala tifkira tax-xogħol siewi mwettaq minnu. Il-kitba fuq l-arloġġ taqra hekk:

*"To J. Ellul B.E.M. on retiring after 46 years service at the Air Station Kalafrana 1913 - 1959."*

**Hajr:** Is-Sur John Ellul AIA., CPA.
Is-Sur Anthony Mangion Lic. D., M.A. (Shef.)



Long, Loyal Service Rewarded

Mr. J. Ellul, B.E.M., recently retired after 46 years service at Kalafrana, first with the R.A.F. and since 1946 with the Royal Navy. He is now unfortunately in hospital where he is seen receiving a present in recognition of his long and loyal service from Commander R.E. Roe on behalf of Captain J. A. Severs, O.B.E., R.N. and the personnel of H.M.S. Falcon.

FROM OTTO TO PAUL

ATHENS, Dec. 30.

The crown, sword and sceptre of Otto, first King of Greece after its liberation from Ottoman sovereignty, were presented to King Paul of Greece today by Prince

*Silta minn gazzetta*



Air Headquarters,
MALTA.

Reference:-
AHQM/3288/6/P1.

4th January, 1943.

Dear Mr Ellul,

Heartiest congratulations on your award of the British Empire Medal.

I am gratified that His Majesty, The King, has graciously recognised the efforts of our civilian ground staff during the intensive fighting over Malta, in which you played a most worthy part.

The Air Council has asked me to convey its congratulations also.

Yours sincerely
K. R. Park

Air Vice Marshal,
Air Officer Commanding,
Royal Air Force, MALTA.

Mr. Joseph Ellul,
(Fitter),
c/o Officer Commanding,
137 M.U. R.A.F. Kalafrana.

# MANGION BROS.

## *(ID-DIELJA)*

ŻURRIEQ TELEPHONE: 2164 9590





**Manufacturers of fine quality bricks and interlocking paving system to a variety of designs and colours. this is operated by a computerised controlled plant capable of producing 8000 hollow concrete bricks a day.**

**Suppliers of concrete mix, capable of producing 80 cu. metres per hour.**

**Suppliers of steel rods and straps. The company undertakes all construction, civil engineering and excavation works.**



# Ġita mimlija mistrieħ u divertiment

kitba ta' Dr. Charles Sciberras



*Ritratt tal-grupp viċin il-"Lago di Resia" – L-Italja.*

Il-ġita annwali ta' wara l-Festa tal-Patruna Tagħna Santa Marija issa daħlet sew fil-kalendarju ta' attivitajiet kulturali organizzati mis-Soċjetà Santa Marija. Għas-sena 2002, l-għadajjar, xmajjar, widien u muntanji ta' Tirol ipprovdewlna l-post għal ftit ġranet ta' mistrieħ.

Bħas-snin ta' qabel, inqdejna bl-esperjenza u s-servizzi li joffrunla l-*Brittania Tours*. Il-gwida kien is-sur Gaetano Calleja li b'ħila liema bħalha u b'żelu kbir ħariġna sodisfatti mill-bidu sal-aħħar. Ħallejna xtutna nhar il-Ġimgħa, 23 t'Awissu fl-2.15pm bit-titjira KM 490G. Madwar sagħtejn wara konna fl-ajruport ta' Zurich fejn iltqajna ma' Gaetano. Sa mill-bidu nett kien hemm arja ta' armonija sħiħa u koperazzjoni mill-akbar sabiex dlonk qbadna t-triq bil-*coach*, misjuqa mis-sewwieq simpatiku u istruwit Patrick, lejn il-villaġġ turistiku ta' Pfunds ġo l-Awstrija - vjaġġ li ħadilna kważi erba' sigħat sħaħ. Gaetano, sa mill-ewwel battuti tal-ġita beda juri xi jsarraf għax matul it-triq kien il-ħin kollu jħabbel moħħu biex jispjegalna u jdaħħalna fl-isfond ta' dak kollu li konna għaddejjin minnu.

Is-sistemazzjoni fil-Hotel Tyol kienet waħda trankwilla u mingħajr intoppi. Din il-lukanda, li tinsab fil-qalba tar-raħal Pfunds, kienet attraenti ħafna u attrezzata b'ħafna faċilitajiet fosthom *indoor swimming pool*. Pfunds huwa raħal żgħir turistiku u pittoresk qalb l-għoljiet u l-muntanji ta' Tirol. Il-ħsejjes ta' l-ilma tax-xmara Inn u l-arja friska u safja ta' dan ir-reġjun mill-ewwel neħħew it-telqa sajfija li aħna mdorrijin biha.

Is-Sibt filgħodu, f'temp mill-isbaħ, bdejna b'eskursjoni impenjattiva ħafna li ħaditna fit-tliet pajjiżi ġirien, jiġifieri l-Awstrija, l-Isvizzera u l-Italja. Ir-raħal attraenti ta' Ardenz - post protett mill-Unesco - ta bidu għal dan il-vjaġġ. It-toroq dojoq u mserrpin kif ukoll id-djar antiki bil-bibien baxxi u mżejnin bi fjuri u murali kienu ta' attrazzjoni speċjali. Ta' ġmiel mill-akbar kien il-wied ta' Engadine bl-isfond tal-muntanji u *glaciers* Alpini. Il-preżenza tal-ħafna *gliders* u ajruplani privati u lussużi malajr fakkruna li konna biswit l-ajruport ta' St. Moritz, l-ogħla wieħed fl-Ewropa, madwar 1,500 metru 'l fuq mill-baħar. Ovvjament St. Moritz urietna ftit xi tfisser ħajja lussuża għax l-aktar li kienu jispikkaw kienu l-karozzi sportivi u lussużi, kif ukoll il-ħwienet ta' klassi mimlijin ħwejjeġ bi prezzijiet fenomenali. Passiġġata madwar Lake St. Moritz taħt il-ħarsa sewdenija tal-muntanja Bernina ġabitilna ftit serħan. Ta' min wieħed jgħid li din l-għadira tintuża għat-tlielaq taż-żwiemel meta l-ilma jiffriża fix-xitwa. Biex morna lejn l-Italja użajna l-*Often Pass* u matul din it-triq stajna nammiraw is-sbuħija naturali u bla mittiefsa tal-Park Nazzjonali Svizzeru. Wara waqfa qasira fuq il-quċċata tal-muntanja, bdejna n-niżla għal ġol-wied li wassalna fil-villaġġ żgħir ta' Munstair. Il-preżenza tas-slaleb u statwi reliġjużi kienet tirrifletti sewwa s-sentimenti reliġjużi ta' dawn l-inħawi. Stajna nitpaxxew bis-sbuħija tad-djar antiki, bil-faċċati tagħhom impittra b'affreski, ħafna minnhom b'tema reliġjuża. Wara ftit mumenti ta' ġabra fil-kappella antika ddedikata lil Santa Marija f'dan il-villaġġ komplejna t-triq li wasslitna ġo l-

# MOVIE LAND

## Hi-Fi & Video Centre

**70, Żurrieq Road, Safi**

**Tel: 2164 2460, 7986 1743, 9940 4781**

E-mail: *movie_land@hotmail.com*



- Servizz ta' kiri ta' films fuq VIDEO u DVD
- Bejgħ ta' Hi-Fi, TVs, satelliti, mobiles u aċċessorji
- Sistemi SURROUND DOLBY DIGITAL u DTS
- Prodotti u servizzi oħra bħal tiswijiet u żviluppar ta' ritratti
- ***Servizz ta' DVD recording:*** *żomm il-memorji tiegħek għal dejjem – aqleb il-home videos tiegħek fuq* ***DVD!!!***

Issa wkoll:



**Philips DVDR890**

DVD Player/Recorder li tuża l-aqwa teknoloġija moderata tad-ditta Philips!!

BOSE HUMAX marantz AGFA

**COME & VISIT US – YOUR ENTERTAINMENT IS OUR CONCERN!!!**

# Every moment in life is about trusting...

# ...Especially people

Peace of mind comes naturally when you know that the people you rely on have the **experience**, the **expertise** and the **commitment** to truly keep your interests at heart.

GASANMAMO INSURANCE LIMITED

| | | |
|---|---|---|
| **HEAD OFFICE:** | **Msida Road, Gzira** | **Tel: 21 345 123** |
| **BRANCHES** | | |
| **Valletta:** | **173, Old Bakery Street.** | **Tel: 21 232 666** |
| **Mellieha:** | **23, G. Borg Olivier Street.** | **Tel: 21 523 672** |
| **Paola:** | **124, Antoine de Paule Square.** | **Tel: 21 662 815** |
| **B'Kara:** | **233, Brared Street.** | **Tel: 21 496 235** |
| **Qormi:** | **160, Pinto Street.** | **Tel: 21 487 118** |
| **Sliema:** | **Il-Piazzetta, Tower Road.** | **Tel: 21 342 211** |
| Mqabba: | 34, St. Catherine Street. | Tel: 21 823 392 |

email: insurance@gasanmamo.com

**www.gasanmamo.com**






GasanMamo Insurance LIMITED

**WE DO HELP**

GasanMamo Insurance Limited is authorised to carry on business of insurance regulated by the MFSA.

Italja propju fil-belt ta' Glorenza fuq ix-xmara Adige. Is-swar antiki kif ukoll il-bejgħ ta' l-ikel tradizzjonali kienu ta' interess speċjali. Lura lejn l-Awstrija, però din id-darba mir-*Reschen Pass* u għal darb'oħra x-xenarju sabiħ li rajna ma tantx jintesa malajr. Għalkemm l-għejja kienet tinħass fuq kulħadd, il-ġurnata ma spiċċatx hawnhekk. F'dik il-lejla kien organizzat ġo Pfunds kunċert ta' daqq u żfin folkloristiku stil Bavariż. Fejn jidħol id-divertiment ma tantx ser issib nies li joqogħdu lura u għalhekk l-attendenza tagħna kienet numeruża. Ix-xarba tal-birra u ż-żfin neħħew kull sinjal ta' għejja u ferrħu lil kull min attenda.

Bdejna l-ġurnata tal-Ħadd b'quddiesa fil-knisja parrokkjali ta' Pfunds li hi ddedikata lil San Pietru u San Pawl. Kienet esperjenza sabiħa ħafna. Matul il-mixja madwar ir-raħal ta' Pfunds stajna nammiraw l-arkitettura tal-bini, speċjalment il-galleriji ta' l-injam skolpit u l-effetti maħluqa bl-ilwien naturali tal-fjuri li kienu qiegħdin iżejnu lill-istess bini. Ix-xmara Inn u l-muntanji ġganteski mlibbsin bis-siġar taċ-ċipress ipprovdew l-isfond għat-trankwillità li teżisti f'dan il-villaġġ turistiku. Mixja matul it-trejqa'*Via Claudia* - l-istess triq li mxew fuqha r-Rumani madwar elfejn sena ilu - wasslitna sal-quċċata ta' waħda minn dawn l-għoljiet. Minn hemmhekk stajna naraw dehra panoramika li kienet issaħħrek bis-sbuħija naturali: Pfunds u l-inħawi ta' madwaru. Wara nofs in-nhar kien imiss li nżuru t-tlett irħula ta' Ladis, Fiss u Serfaus li huma aktar magħrufa bħala *ski resorts*. Ladis kompla jimmeraviljana bil-ġmiel li n-natura għoġobha żżejnu bih. Ir-*Reblaus Restaurant* offrielna ikla bnina bl-isfond tal-għadira Landerer u l-kastell Laudegg. F'Serfaus, permezz tal-*cable car*, tlajna fuq il-muntanji biex wara mixja matul il-mogħdijiet wasalna fuq il-quċċata tal-muntanja Lazid, 2,350 metru 'l fuq. Il-ħsejjes kontinwi tal-qniepen marbutin madwar l-għenuq tal-baqar dlonk fakkruna li f'dak l-għoli, wara kollox, ma konniex waħidna. Filgħaxija attendejna għall-kunċert mużikali mtella' mill-*Brass Band* Musikkapelle Pfunds. Stajna nammiraw il-ħila mużikali ta' dawn il-mużiċisti dilettanti.



***Ir-raħal pittoresk fejn konna alloġġjati – Pfuns – Awstrija.***

It-Tnejn kienet ġurnata oħra ta' impenn peress li kien imiss li nżuru Kaunertal, reġjun ta' muntanji *glaciers* Alpini. Ir-raħal ta' Prutz bdielna t-triq li ħaditna ġol-wied Kauner, wieħed mill-isbaħ widien naturali tat-Tirol. Mit-triq imserrpa stajna naraw il-kastell Bernegg li kien jintuża għall-kaċċa mill-Imperatur Massimiljanu. It-triq *Panorama* li twasslek sal-*glaciers* infetħet fl-1980 u hija twila madwar 27 kilometru. Matul din it-triq għaddejna minn biswit l-akbar ġibjun ta' l-Awstrija t'Isfel, il-ġibjun Gepatsch, li hu twil sitt kilometri u jesa' madwar 138 miljun metri kubi ilma. Dan jissuplixxi l-enerġija elettrika lir-reġjun. Il-mod kif inbniet id-diga hija xi ħaġa tal-iskantament u għal ħafna dan il-post offra x-xenarju għar-ritratti kommemorattivi. Permezz tal-*coach* bqajna telgħin matul it-triq sakemm wasalna sal-parkeġġ ħdejn *Gletscher Restaurant* daqs 2,750 metru għoli. Hawnhekk, għalkemm kienet arja xi ftit friska stajna ngawdu l-*glaciers* Alpini. Is-siġġu *lift* kien ta' sfida għal ħafna, kbar u żgħar, u permezz tiegħu tlajna aktar 'il fuq sal-quċċata ta' Kaunertal - 3,000 metru. Id-dehra panoramika ta' taħtna, imżejna bil-lewn ħadrani tal-widien u foresti, kienet ta' kuntrast qawwi mal-bjuda tal-muntanji li konna mdawrin bihom. Mixja oħra matul il-mogħdijiet wasslitna sa Dreilanderblick minn fejn wieħed seta' jara t-tliet pajjiżi, l-Awstrija, l-Isvizzera u l-Italja. Dawn ix-xeni ta' sbuħija u meravilja naturali żgur li ser jibqgħu impressjonanti fil-memorji tagħna għal bosta snin. Mill-arja friska tal-muntanji nżilna fil-belt ta' Landeck fejn barra li kellna ftit mumenti ta' mistrieħ, sibna wkoll l-opportunità għas-soltu xiri ta' ħwejjeġ u affarijiet oħra utli. Wieħed jiskanta kif wara eskursjoni impenjattiva bħal din, kien għad fadlilna l-enerġija u s-saħħa li filgħaxija, fuq inizjattiva oħra ta' Gaetano, immorru nilagħbu l-*bowling*! Il-briju kien kbir u ovvjament ix-xorb tal-birra ma naqasx.

Mawra sal-Ġermanja kienet flokha wkoll. Għaddejna mill-inħawi tal-wied Otzi, il-post famuż fejn fl-1991 nstab il-ġisem immumifikat ta' bniedem li kien jgħix madwar 5,000 sena ilu, biex wasalna f'Mosern, ir-raħal fejn kien waqaf ukoll il-pittur ċelebri tar-Rinaxximent Albercht Durer hu u sejjer lejn Venezja. Ġnien sabiħ jospita l-Friedenglocke li l-qanpiena tiegħu - il-Qanpiena tal-Paċi - tindaqq kuljum f'nofs in-nhar biex tfakkar lil kulħadd fil-patt ta' paċi li jeżisti bejn l-istati li jiffurmaw ir-reġjun tat-Tirol. Waqfa oħra f'Seefeld ipprovdiet lil xi wħud rikba

# GOLD LADY JEWELLERY

## GOLDSMITH & SILVERSMITH



MANUFACTURER & REPAIRS

Shop: 08.30 - 12.00 16.00 - 19.00 p.m.

**Sir Paul Boffa Avenue,**
**Zejtun.**

**Tel: 673928**

fuq il-karozzn għal dawra madwar il-villaġġ u l-boskijiet tal-inħawi. It-triq wasslitna ġol-Ġermanja fil-belt ta' Garmisch-Partenkirchen fir-reġjun tal-Baviera. Il-murali u disinji oħra mpittra fuq il-faċċati tad-djar, kif ukoll il-lukandi u ħwienet lussużi kienu ta' interess speċjali f'din il-belt sabiħa. It-*Trastevere Restaurant* ipprovdielna ikla bnina li kompliet timliena bl-enerġija għall-kumplament tal-ġurnata. Xi ftit tad-diżappunt kien il-fatt li f'daqqa waħda bdiet nieżla xita qawwija li għalkemm ma damitx, kienet biżżejjed biex inħassru l-*boat trip* fejn il-muntanji Zugspitze. Għal dan id-diżappunt, Gaetano pattiħielna bis-sħiħ għax wara l-ikla ta' filgħaxija, ħadna naraw'*Tyrolean Night*. F'din is-serata hekk sabiħa stajna napprezzaw iż-żfin u kant tradizzjonali Tiroljani. Żgur li nibqgħu niftakru lil dak ir-raġel qsajjar, li għalkemm avanzat fl-età, seraq qlub kulħadd u paxxiena u daħħakna bil-mutetti u bużullotti li beda jagħmel. Il-parteċipazzjoni tagħna ma naqsitx. Insomma kienet lejla pjaċevoli ħafna u memorabbli.



*Garmish-Partenkirchen il-Ġermanja. Użanza f'dan ir-reġġun "affreski" (pittura) mal-faċċati tad-djar u bini ieħor.*

L-Erbgħa kienet il-ġurnata li għal darb'oħra ħaditna lejn l-Italja. Din id-darba fir-reġjun tad-Dolomiti. Is-sbuħija naturali tax-xenarju kienet tispikka. L-ewwel waqfa kienet ħdejn *Lago di Resia* biex ħadna ritratt kommemorattiv tal-grupp kollu bl-isfond tiegħu jkun il-kampnar nofsu mgħarraq li hemm f'din l-għadira artifiċjali, li hi l-bidu tax-xmara Adige fil-wied Venosta. Oriġinarjament kien hemm żewġ għadajjar naturali żgħar - dik ta' Resia u l-oħra ta' Curon. Iżda fl-1949 ittieħdet deċiżjoni mill-Gvern Taljan biex jgħollu l-livell tal-ilma ħalli ssir għadira waħda kbira u din tkun tista' tforni enerġija idro-elettrika lir-reġjun. B'hekk dawn iż-żewġ villaġġi kellhom jiġu ssagrifikati u jintradmu taħt l-ilma, fost ir-reżistenza qawwija tar-residenti tal-lokal. Inqerdu madwar 160 dar u daqs elf ruħ sfaw imkeċċija. Il-kampnar li nbena fl-1357, minkejja t-tiġrif tal-knisja, baqa' wieqaf u issa qiegħed jisponta nofs l-għoli tiegħu 'l fuq mill-ilma. Dehra sabiħa ħafna u ta' attrazzjoni turistika. Matul it-triq, l-inħawi tad-Dolomiti kienu qegħdin joffrulna spettaklu naturali mill-isbaħ, bil-widien mimlija bi kwantità ta' siġar tat-tuffieħ u dwieli. Wara li għaddejna minn biswit il-Monasteru tal-Benedittini, propju minn fejn oriġinat ix-xarba tal-benedittin, u wara waqfa qasira fil-kappella ddedikata lill-Madonna ta' Lourdes għal ftit minuti ta' skiet u ġabra, wasalna fil-belt sabiħa ta' Merano. Il-bieb medjevali Bolzano jagħtik l-aċċess għal Piazza del Duomo fejn jinsab il-Katidral iddedikat lil San Nikola, il-Qaddis Patrun ta' Merano. Il-kampnar hu għoli 83 metu - l-aktar wieħed għoli fir-reġjun - u hu mżejjen b'affreski. Waħda mit-toroq l-aktar antiki u magħrufa tal-belt il-qadima hi Via dei Portici bl-arkati baxxi li jeħduk għal ġol-ħwienet kummerċjali, ristoranti u kafetteriji. Il-Castello Principesco, flimkien mal-Museo Civico, permezz tal-għamara u ħwejjeġ oħra antiki, offrewlna ħarsa lura lejn il-passaġġ tal-istorja ta' Merano. Il-famuża Piazza del Grano laqqatna mal-bejjiegħa tal-frott frisk speċjalment tal-għeneb. Passiġġata matul iż-żewġ *promenades* - Xitwa u Sajf - kienet opportunità biex inserrħu ftit il-menti tagħna, kif ukoll biex nammiraw il-ġmiel tal-monument iddedikat lill-Imperatriċi Elizabetta ta' l-Awstrija, magħrufa



*Xena tar-raħal turistiku ta' San Moritz – Svizzera.*

bħala Sissi. Lura lejn Pfunds u filgħaxija kienet waħda oħra ta' divertiment: ċaqlieq tal-ġogi u xorb tal-birra friska. Dan għaliex flimkien mal-*management* tal-lukanda organizzajna disco.

Il-Ħamis filgħodu bdiet traxxax xi ftit tax-xita, iżda l-ewwel żjara tagħna kienet fil-fabbrika famuża tal-Kristall Swaroski. Is-sengħa ta' kif jinqata' l-kristall u l-effetti li bdew jinħolqu bil-bċejjeċ tal-kristall kienu xi ħaġa tal-iskantament. Għal ħafna kienet ukoll okkażjoni ta' xiri ta' *souvenirs* u ġojjellerija. B'xorti tajba t-temp malajr qagħad għax wara kien imiss żjara fil-Belt Olimpika ta' Innsbruck, il-Kapitali tat-Tirol. L-ewwel waqfa tagħna kienet fil-Bażilika Wilten, iddedikata lill-Madonna tal-Erba' Kolonni. Il-kobor u l-ġmiel tal-pitturi fis-saqaf impittrin minn Matthaus Giunther kienu xi ħaġa tal-għaġeb. Faċċata tal-Bażilka stajna naraw l-Olympic Ski Jump u wara ftit ħin dħalna fil-qalba tal-belt. L-Arkata Trijonfali, mibnija mill-Imperatriċi Marie Theresa bħala tifkira taż-żwieġ ta' binha Leopoldo ma' Maria Ludovica ta' Spanja fl-1765, idderiġietna lejn Triq Marie Therese li hija ċ-ċentru kummerċjali ta' Innsbruck. Il-bini Gotiku-Barokk ta' Helblenghaus u l-binja residenzjali tar-rejiet Tiroljani komplew ipaxxul lil għajnejna. F'din il-binja wieħed ma setax ma jammirax is-Saqaf Imdieheb magħmul minn 2,738 maduma tar-ram u mibni mill-Imperatur Massimiljanu I fl-1494, fl okkażjoni taż-żwieġ tiegħu ma' Maria Bianca Sforza ta' Milan. It-toroq dojoq tal-parti medjevali ta' din il-belt ħaduna lejn il-palazz imperjali u l-Katidal ta' San Ġakbu, fejn stajna ngawdu l-affreski ad unur dan il-Qaddis kif ukoll opri oħrajn ta' arti. Ikla tajba ġo Innsbruck kompliet iżżid l-ammirazzjoni tagħna lejn din il-belt.


*Dehra spettakolari tal-Belt ta' Innsbruck ġewwa l-Awstrija.*

Kull mibdi mitmum u l-aħħar ġurnata waslet ukoll. Il-Ġimgħa filgħodu kellu jkun wieħed ta' mistrieħ biex wara nofs in-nhar naqbdu t-triq lura lejn Malta. Iżda tant saħħarna dan ir-reġjun, li lkoll qbilna li nżidu eskursjoni oħra. Gaetano, flimkien ma' Patrick, f'ħakka t'għajn organizzaw dawra oħra li fl-aħħar wasslitna fl-ajruport ta' Zurich. Qbadna t-triq lejn St. Anton, wieħed mill-aktar *ski resorts* frekwentati min-nies sinjuri u għaddejna biswit St. Christopher li huwa kamp ta' taħriġ tat-tim Awstrijak tas-*ski*. Permezz tal-*Alberg Pass* wasalna ħdejn Lake Costance, bil-Ġermanja fuq in-naħa l-oħra ta' din l-għadira immensa. Dawra madwar il-belt ta' Breganz u ilka bnina fl-istess belt għalqu s-siparju għal din il-ġita. Issa l-għejja bdiet tinħass u f'temp mill-isbaħ u b'xemx shuna wasalna fl-ajruport ta' Zurich. L-aħħar battuti tas-soltu u fil-5.40pm ta' nhar il-Ġimgħa, 30 t'Awissu, it-titjira KM 491G telqet minn Zurich biex ġabitna lura lejn Malta qawwijin u sħaħ, dejjem bil-għajnuna t'Alla u t'Ommu Marija.

Bħas-snin l-imgħoddija, din il-ġita kienet waħda pjaċevoli u impenjattivi. Il-livell għoli ta' organizzazzjoni mis-Soċjetà Santa Marija, li issa mdorrijin bih, kien jinħass mill-bidu sal-aħħar. L-armonija ta' bejnietna kif ukoll il-heġġa li wera t-*tour leader* Gaetano kienu determinanti biex din il-ġita mxiet, kif ngħidu aħna, fuq ir-rubini. Dawn l-ingredjenti kollha pprovdewlna ġimgħa ta' mistrieħ u divertiment mill-aqwa. Għal din is-sena hemm ġita oħra ippjanata - din id-darba l-mawra tagħna ser tkun fil-Ġermanja, Svizzera u Franza. Narawkom.

# Jirrapporta d-Direttur tal-Każin

Is-Sur Anthony Ellul

## Mill-Kliem għall-Fatti

Għal darb'oħra permezz ta' din il-paġna ser nirrapporta fil-qosor ix-xogħolijiet li saru fi ħdan is-Soċjetà tagħna matul dawn l-aħħar tnax-il xahar. Però qabel xejn nixtieq insellem lill-membri kollha, b'mod speċjali lil dawk li ngħaqdu magħna għall-ewwel darba. Flimkien magħhom lil dawk il-koppji u familji li ġew joqogħdu fil-lokal tagħna matul din l-aħħar sena. Fl-istess ħin nistedinkom sabiex iżżuru s-sede tagħna, speċjalment matul il-ġranet tal-festa u tapprezzaw aktar il-ġid li qiegħed isir minn sena għall-oħra.



*Impressjoni artistika tal-faċċata proposta tal-każin. Xogħol tas-Sur Omar Caruana fuq disinn tas-Sur Vince Centorino.*

Bla dubju, il-prijorità assoluta għal din is-sena kienet id-disinn tal-propjetà l-ġdida tal-każin, però l-Kumitat xorta waħda ħa ħsieb sabiex jirranġa jew iżid xi affarijiet li minn żmien għal żmien jinqalgħu. Eżempju ta' dan huwa l-installar ta' żewġ *air condition units* ġewwa s-sala tal-banda. Kienet ilha tinħass il-ħtieġa (b'mod speċjali fil-ġranet sħan tas-Sajf) li jitwaħħlu dawn il-*units*.

Fil-fatt wara li din il-mozzjoni ġiet approvata f'seduta ġenerali, dawn ġew installati u minn dan is-sajf sirt tieħu pjaċir titla' għall-kunċert tal-banda. Kienet inizjattiva li nltaqgħet tajjeb ferm mill-bandisti.

Wara li fis-snin li għaddew sar restawr fuq il-faċċata, is-Sur Andrew Zammit ħa ħsieb sabiex jirranġa l-granit li jifforma z-zokklu man-naħa t'isfel tal-każin. Minbarra dan, sar ukoll irħam li jikkomplimenta mal-ġebla Maltija fuq is-sottobank tal-kolonni bħala protezzjoni għall-ġebla.

Bħalma diġà għedt fl-introduzzjoni, din is-sena ffukajna l-aktar fuq il-pjanti u d-disinni tal-każin (propjetà l-ġdida). Kellna diversi diskussjonijiet kemm fil-Kumitat, kemm mas-Sur Vince Centorino li ħa ħsieb id-disinn tal-faċċata, kif ukoll mal-perit tal-każin, Dr Edwin Mintoff. Kien kmieni din is-sena li d-disinni kollha jiġu approvati waqt laqgħa ġenerali. Però qabel il-laqgħa ġenerali, il-Kumitat iddeċieda li jesebixxi d-disinni kollha sabiex wieħed ikun jista' jara kull dettal bil-kumdità kollha. Din l-esebizzjoni ttellgħet mis-Sur Omar Caruana li ħa ħsieb it-tpinġija tad-disinni kollha. Ftit xhur ilu applikajna mal-awtoritajiet konċernati u nittamaw li fix-xhur li ġejjin ikollna l-permessi kollha meħtieġa sabiex meta jkun il-waqt jinbeda x-xogħol.

Qabel ma nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi, nixtieq nappella sabiex nibżgħu għall-propjetà tagħna, l-aktar fil-jiem tal-festa. Fl-istess ħin inħeġġeġ lil dawk kollha li matul is-sena jkollhom xi ftit ħin liberu, sabiex jagħtu daqqa t'id fejn ikun hemm il-bżonn.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha, flimkien magħna lil dawk l-ibliet u rħula li bħalna qegħdin jiċċelebraw il-festa tal-Patruna tal-gżejjer Maltin, Santa Marija.


*Is-Sur Anthony Ellul (lemin) waqt il-kunċert strumentali annwali fil-festa.*


ST. MARY FIREWORKS MQABBA
PRESENTS
THE FAMOUS PYROMUSICAL SHOW
14TH AUGUST @ 21:45
UNIQUE DAY FIREWORKS SHOW
ON THE 15th AUGUST @ 19:00
ALL THIS @ MQABBA BY-PASS

# Mill-Kamra tan-Nar

Joseph Camilleri, Licensee

Għall-grazzja ta' l-għażiża Ommna Marija, Patruna ta' l-Imqabba, meta qiegħed nikteb dan l-artiklu jkun kważi baqa' biss anqas minn xahrejn sabiex niċċelebraw bil-kbir festa oħra ġewwa l-Imqabba.

Nibda dan il-messaġġ tiegħi fuq nota ta' niket meta kmieni din is-sena ħalliena s-Sur Innocent Camilleri, magħruf aktar bħala Ċensu ta' Kalċ, li bla dubju kien wieħed mill-pijunieri tan-nar u bis-saħħa tiegħu u ta' nies iddedikati bħalu lħaqna l-livell li ngawdu llum. Ċensu baqa' kważi sakemm ħalliena jgħaddi l-pariri u l-esperjenzi siewja tiegħu. Għalhekk kien ukoll xieraq li propju fil-funeral tiegħu il-kamra tan-nar taħaq salut bħala l-aħħar tislima. Mill-ġdid nagħtu l-kondoljanzi lill-familjari tiegħu li għadhom jagħtu l-konrtibut kbir tagħhom għall-festa.

Però l-ħajja trid tkompli u ż-żmien ma jistenna lil ħadd. Inħoss li jkun xieraq ukoll li f'dan il-messaġġ tiegħi nsemmi kollega li ilu



jagħti s-sehem tiegħu sa minn żmien Ċensu Camilleri u għadu attiv sal-ġunata tal-lum. Qiegħed nirreferi għas-Sur Innocent Galea, magħruf magħna bħala 'is-Solot'. Għalkemm Ċensu joqgħod iż-Żurrieq, baqa' wieħed mill-ewlenin fi ħdan l-Għaqda tagħna u ilu jagħti s-servizz tiegħu għal aktar minn 47 sena. Il-karattru ta' Ċensu huwa uniku, dak ta' wieħed ċajtier. Biċ-ċajt tiegħu kulħadd jieħu pjaċir għax mingħajr ma joffendi lil ħadd, iżomm lil kulħadd kuntent. Ix-xogħol tiegħu mhux daqshekk faċli. Ċensu ilu jagħmel il-miċċa kollha li tintuża fil-festa waqt li jieħu ħsieb ukoll il-kaxxi tal-kulur. Ikun minn ta' l-ewwel fejn tidħol xi manutenzjoni fil-post tan-nar u qatt ma qata' qalbu minn xejn, anzi jagħmel kuraġġ lil sħabu fil-mumenti ta' diffikultà. Ta' dan kollu, Ċens, jien u sħabi ngħidulek grazzi ħafna u jalla Santa Marija li hija wisq għażiża għalik tagħtik is-saħħa u tkompli bil-ħidma utli tiegħek fi ħdan l-Għaqda tagħna.

Bħas-soltu ngħaddi biex nirringazzja lil sħabi u lill-familjari tagħna tal-paċenzja li jieħdu bina, u għas-sagrifiċċji li flimkien nagħmlu biex bħal dejjem ikollna l-aqwa festa fl-Imqabba.

Ix-xogħol tagħna jibda mill-għada tal-festa fejn niġbru l-kanni u nnaddfu r-raba'. Din is-sena, qabel ma bdejna x-xogħol tagħna, saret xi manutenzjoni fil-bini tal-post tan-nar. Nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil kull min kien involut fil-materjal u fix-xogħol ta'



*Innocent Camilleri*



*Is-Sur Innocent Galea waqt il-ħidma tiegħu.*

CERAMICAS
PEÑARROYA

Fill your home with light and colour. **The Penarroya Collection,** always classical but with today's colours and latest trends.



GALEA CERAMICS Co. Ltd.

St. Thomas Str. Luqa LQA 05 Tel: 21 808490.
Stores - Handaq Road, Handaq Tel: 21 494777 Fax: 21 494888
Opening Hours: Mon - Fri 4.30pm - 7.00pm & Saturdays 9.30am - 12.00am

Bonnici Brothers Limited
**General Excavation & Road Works Contractors**
Sardine Street, Burmarrad SPB 08
Tel: 21573267, 21573109 Fax: 21576511
E-Mail: info@bbg.com.mt

ŻRAR
LIMITED

Zrar Limited
**Suppliers of Aggregate, Concrete and Hot Asphalt**
Ta' Zuta Quarry, L/o Siggiewi
Tel: 21459780, 21454297 Fax: 21451572

dan il-proġett. Bħas-snin preċedenti, din is-sena l-Għaqda tan-Nar ħejjiet programm ieħor li żgur ser ipaxxi lil ħafna eluf ta' Maltin u barranin li jżuruna fil-jiem tal-festa. Programm ta' spettaklu ta' nar ta' l-ajru u nar ta' l-art li daħal fil-kalendarju tad-dilettanti tan-nar. Nibdew kmieni fis-6.30pm permezz ta' sett ta' murtaletti bil-logħob (tas-sitta) li takkumpanja t-Transulazzjoni. Bla dubju jispikka x-*show* ta' lejlet il-festa li jibda fil-9.45pm. Spettaklu li jibda bid-daqq tas-sirena u nar sinkronizzat mal-mużika. Dawn jinkludu sfejjer, baraxxi, blalen, disinni tan-nar li sirna magħrufin għalihom, bombi tal-lampjun, murtali tal-beraq pront u tal-kulur. Wara dan l-ispettaklu ta' nar ta' l-ajru jkollna spettaklu ieħor kbir ta' nar ta' l-art. Din is-sena wkoll ser ikollna kaxxa infernali tal-ħruġ li ser ikun fiha ħafna logħob u baraxxi. Wara jkollna murtali kbar bil-logħob, sfejjer, blalen, beraq pront u kulur. Nagħlqu l-festa b'kaxxa nfernali tal-kulur.

Sabiex jittella' dan l-ispettaklu kollu jeħtiegu flejjes kbar u għalhekk nappella sabiex bħal dejjem tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom fil-jiem tal-festa. B'din l-għajnuna tagħmlulna kuraġġ kbir u nharsu 'l quddiem lejn aktar spettakli bħal dawn. Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi permezz ta' ringrazzjament lil dawk kollha li joffru l-għajnuna tagħhom fil-jiem tal-festa. Ma nistax ma nirringrazzjax mill-qalb lil kbira Ommna Marija Santissma Patruna ta' l-Imqabbin, li dejjem iżżomm idejha fuqna u tbiegħdna minn kull tiġrib, lilna li naħdmu n-nar u lill-familji tagħna kollha.

Madonna, Grazzi għax kull meta ġie xi ħadd jitlob l-għajnuna tiegħek ħadd ma kien hemm li inti ma smajtux.

## Ringrazzjament:

- Lill-Kumitat Eżekuttiv tal-koperazzjoni kbira,
- Lill-benefatturi kollha,
- Lis-sidien tar-raba' li jħalluna nidħlu fi ħwejjiġhom,
- Lill-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ,
- Lill-Pulizija,
- Lill-kleru,
- Lil dawk kollha li jgħinuna fl-arbular tal-festa,
- U b'mod speċjali u minn qalbi lil sħabi kollha li bħala familja waħda ġewwa l-post tan-nar ħejjejna dan ix-xogħol kollu.
- Grazzi lill-partitarji kollha u nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd.




**For the Best Southern Fried Chicken in Malta**
**available from**
**B'Kara M'Scala B'Buġa Ħamrun**

# S & L IMP/EXP Ltd.

"Wilġa Store", Wilġa Street, Luqa, LQA 02 Malta
Tel: 2189 7912 Fax: 2169 0685



Timber & Plywood Importers
D.I.Y.: Electrical & Plumbing
Building Materials
Tools









UNISEX

# Mary Anne's Hair Designs



Specialising in Cuts, Blowdries, Colours, Highlights, Straightenings and Upstyles.

For Appointments Call On:
**Tel: 2168 3389 / 7902 1076**

"Gawhra, Valletta Road, Mqabba



# Programm tan-Nar

**L-Erbgħa, 30 ta' Lulju**
**Bidu tal-Kwindiċina**

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, tiġi sparata kaxxa infernali u murtaletti.
**9.30pm** Ħruq tal-beraq pront u murtali tal-kulur.

**Is-Sibt, 9 ta' Awissu**
**Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-zuntier**

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-ħruġ ta' l-Istatwa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

**It-Tnejn, 11 ta' Awissu**
**L-ewwel jum tat-Tridu**

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-barka jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

**It-Tlieta, 12 ta' Awissu**
**It-Tieni jum tat-Tridu**

Kollox bħall-jum ta' qabel.

**L-Erbgħa, 13 ta' Awissu**
**It-Tielet jum tat-Tridu**

Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħamis, 14 ta' Awissu**
**Lejliet il-Festa**

**9.30am** Mad-daqq tat-Te Deum, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Toħroġ it-Tranżulazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-nar ta' l-ajru li jinkludi salut, bombi tal-lampjun, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari sinkronizzat mal-mużika. Settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur.
**11.30pm** Wirja ta' logħob tan-nar ta' l-art mekkanizzat.

**Il-Ġimgħa, 15 ta' Awissu**
**L-Għid ta' l-Assunta**

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjata mid-daqq tas-sirena, segwita minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa meraviljuża u artistika ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, jiġi sparat salut. Hekk kif l-istatwa devota tal-Padruna tar-Raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Marija, tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li ser tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.
**9.30pm** Hekk kif jiġi esegwit l-Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur ma' tmiem il-purċissjoni. Wara, fil-Knisja tingħata l-barka flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lill-Madonna.

**Il-Ġimgħa, 22 ta' Awissu**
**L-Ottava tal-Festa**

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tinħaraq musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.

**Nota mill-Bord Editorjali**

Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċi u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar, kif ukoll lil kull min għen sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt hidmiethom fil-kmamar tan-nar kif ukoll waqt il-ħruq.

# Alessio's Old Cottage

Triq il-Parroċċa, Mqabba
Tel: 2168 3292

*Ħinijiet tal-Ftuħ:*

Mit-Tnejn sas-Sibt: 6.30am - 12.00pm; 5.00pm - 8.00pm
Ħdud u Festi: 6.30am - 12.00pm

*Issibu dak kollu li teħtieġu:*

**Kartolini, affarijiet ta' l-iskola, rigali, żraben u ħwejjeġ għal kull età, kif ukoll videos, CDs, cassettes, films, affarijiet ta' Hi-Fi u ġugarelli.**

***Għal tiġijiet, engagements, parties, eċċ., qegħdin nipprovdu servizz ta' disco:***

**STARLIGHT DISCO**

# VIPER Garage

**SPRAY PAINTING**

**PANEL BEATING**

**6, SEJBA ROAD, MQABBA**
**TEL: 2168 9765 MOB: 99420835**
**PROP.: IVAN BALZAN**

No.1 fax price and quality

# HORACE ENTERPRISES LTD

Trophies & Sports Goods Importer & Wholesaler

**Horace Micallef**
**Director**

*Office: Vjal it-Torri, Gudja ZTN 11*
*Stores: Triq Ray Caruana, Gudja*

**Tel: (356) 2169 6302 Fax: (356) 2169 3397**

# Murtali u Qniepen fil-Gwerra

## F'għeluq is-60 sena ta' l-ewwel festa mill-1940

kitba ta' Joseph Farrugia

Ftit qabel is-7.00 fl-għodwa tal-11 ta' Ġunju 1940 ġew sparati tliet murtali minn fuq l-għassa tal-puluzija tar-raħal. Kien is-sinjal ta' l-ewwel attakk mill-ajru fil-gwerra. Min bħali għelbitu l-kurżità, u kontra l-ordni, ħareġ barra jara l-attakk fuq Ħal Far u l-inħawi, sabu lil *Special Constable* Ġużeppi Farrugia - missier il-maħbub Leonard - u l-ispettur tal-korp tar-raħal is-Sur Ġorġ Mangion M.A., jordnaw lil kulħadd jieħu kenn fid-dar. Fl-istess jum beda jgħodd *curfew* mit-8.30 ta' fil-għaxija.

Fi żmien il-gwerra ta' l-Abbisinja (1936) fis-Sejba twaqqfet batterija ta' żewġ kanuni għal kontra l-ajruplani u *searchlight* ġewwa Ta' Kandja. Ma damux wisq. Wara d-dikjarazzjoni tal-gwera f'Settembru 1939 bdiet tinħass sew il-preparazzjoni għad-difiża ta' Malta. F'Ottubru beda jinbena l-ajruport ta' Ħal Luqa. F'Mejju 1940 nagħlqu l-iskejjel tal-Gvern u l-eżamijiet ġew sospiżi. Fl-aħħar tax-xahar ġejna avżati li b'sinjal ta' *air raid*, il-pulizija tar-raħal taħraq tliet murtali u tindaqq qanpiena tal-knisja meta jkun *air clear*. Mad-dħul tas-sirena din is-sistema twaqqfet. Matul il-1942 is-sitwazzjoni f'Malta ħżienet sew u tant bdiet tinħass skarsezza li lejn Diċembru bdejna nużaw il-patalotti biex niffrankaw il-pitrolju. F'Jannar 1942 ġejna infurmati li f'każ ta' invażjoni jindaqqu l-qniepen tal-knejjes.

Bir-rebħa ta' l-alleati fl-Afrika ta' Fuq fl-1943, l-attività bl-ajru kontra Malta naqset hekk li f'Mejju ngħata l-permess għad-daqq tal-qniepen għall-ħin tat-talb skond il-konswetudni Maltija fit-8.00am, f'nofs inhar u fl-għabex. Bil-programm konsistenti fl-invażjoni ta' Sqallija f'Lulju tal-1943, l-*air raids* naqsu drastikament tant li fid-9 t'Awissu tneħħiet ir-restrizzjoni fuq id-daqq tal-qniepen u l-purċissjonijiet, għad li l-*curfew* baqa' effettiv.

Għall-festa ta' Santa Marija ngħataw permessi anticipati għall-festi esterni. Issa tneħħa l-*blast wall* ta' quddiem in-niċċa u l-istatwa ġiet esposta fil-knisja. Nhar il-festa, il-qniepen indaqqu għas-servizzi kollha. Fil-għaxija żewġ baned għamlu marci mar-raħal u bdew programm fil-misraħ. Wara l-għasar, il-qanpiena l-kbira bdiet mota tal-purcissjoni. Bl-Imqabbin miġbura fil-misraħ, f'atmosfera ta' ferħ, feġġet il-Madonna fil-bieb tal-Knisja. Ħin bla waqt, ħoss qawwi ta' murtal xejn mistenni ħasad lil kulħadd. B'tislima mill-qalb, akkumpanjata bid-daqq tal-qniepen u l-kant ta' l-Ave Maris Stella, kienu mumenti ta' riflessjoni u ringrazzjamenti lil Ommna Marija tat-tama u l-komfort li kienet għalina fl-aħħar snin.



*L-Imqabba, 1981.* *(Ritratt: Charlie Camilleri)*

**Referenzi:**


Programm sħiħ - Ara "Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V fl-istorja ta' l-Imqabba" paġna 143 - Carmen Lia, 1997.





# TA' BALAL

## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 2180 9351**



# Dolceria Primavera

***CATERERS FOR ALL OCCASIONS***

***SCHOOL STREET, TARXIEN TEL: 2182 6226, 2167 7098***
***FAX: 2167 6891***



# *Pet Guard*

Kull ma għandek bżonn għar-raba' u l-ġnien tiegħek, nitrat eċċ.
Ġwies u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd



Triq ġdida fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba. Tel: 2164 7149

# Il-Mużika ta' l-antifona maestuża 'Hodie Maria' tas-Surmast Vincenzo Bugeja tagħlaq 150 sena

kitba ta' Jonathan Farrugia
*B.A. (Hons.)*

Żgur illi meta l-vara tant maħbuba ta' l-Assunta tidħol mill-ġdid fil-knisja parrokkjali tar-raħal tagħna wara l-purċissjoni nhar il-15 ta' Awissu ta' kull sena, fost iċ-ċapċip tad-devoti Mqabbin, ma jistax jonqos illi kull min ikun fil-knisja jitpaxxa bil-mużika li tkun qed tindaqq dak il-ħin. U bix-xieraq! F'dak il-mument sabiħ inkunu qed nisimgħu waħda mill-isbaħ antifoni li kiteb Vincenzo Bugeja - wieħed mill-ġganti Maltin tal-mużika sagra li tindaqq fil-festi ta' pajjiżna.

## Vincenzo Bugeja: ħjiel bijografiku

Vincenzo twieled nhar id-29 ta' Ottubru 1805 fil-parroċċa Dumnikana tal-Madonna ta' Portu Salvu fil-Belt Valletta, fejn tgħammed l-għada. Ommu kienet Antonia Pulis filwaqt li missieru kien is-surmast famuż Pietro-Paolo Bugeja, li ħa ħsieb li jrawwem f'ibnu l-imħabba lejn l-arti mużikali minn mindu dan kien għadu żgħir.



*Vincenzo Bugeja*

Ftit li xejn hu magħruf dwar ħajtu sakemm miet missieru f'Ġunju ta' l-1828. Pietro-Paolo kien il-*maestro di cappella* tal-Katidral, għalhekk meta dan miet, il-Kapitlu ħatar lil ibnu Vincenzo biek jeħodlu postu. Għalkemm ma nstab ebda dokument li juri l-ħatra tiegħu, dan hu magħruf minħabba li fil-minuti tal-Kapitlu nhar is-7 ta' Awissu 1828 Vincenzo talab li jitħallas tax-xogħol li kien għamel sa dakinhar.

Inqas minn sena wara, fi Frar 1829 mar Napli fejn kompla jistudja l-mużika fil-Conservatorio San Pietro a Majella. Jistudjaw miegħu kien hemm il-mużiċisti Taljani Mercadante u Vincenzo Bellini, li wara xi snin kellhom jiksbu fama internazzjonali għall-kompożizzjonijiet tagħhom. L-għalliema tiegħu kienu Giovanni Furno, Francesco Ruggi, Pietro Raimondi u Niccolo' Antonio Zingarelli. Waqt li kien hemm, Vittorio Emanuele II, ir-re ta' l-Italja talab lil Zingarelli biex jagħżel tnejn mill-aqwa studenti li kellu biex jikkomponu l-mużika għal melodramma teatrali. Zingarelli għażel lil Bugeja u lil Bellini - din hija xhieda ċara tal-kapaċità mużikali li kellu Bugeja. L-opra li kkompona fl-1831 bħala konsegwenza ta' din l-għażla, kien jisimha *Lodoviska* li l-partitura oriġinali tagħha għadha tinsab fl-arkivju mużikali tal-Patrijiet Dumnikani. Bugeja dam Napli madwar sentejn u nofs, meta wara mar għadda xahar Messina u mbagħad reġa' ġie Malta.

Lura fil-gżira, Bugeja ħa f'idejh it-tmexxija tal-mużika tal-festi ta' diversi knejjes li kien imexxi missieru qabel ma miet. Fost dawn insibu l-parroċċi ta' Portu Salvu tal-Belt, tal-Kunċizzjoni ta' Bormla u ta' Stella Maris ta' Tas-Sliema. Mexxa għal sena wkoll il-mużika tal-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl fil-Belt Valletta, fl-1839, sena qabel ma t-tmexxija għaddiet darba għal dejjem f'idejn il-familja Nani.

Imma l-aktar parroċċa li Bugeja jibqa' marbut magħha hija dik tal-Furjana, li għaliha kiteb żewġ antifoni ddedikati lil san Publiju, li t-tnejn jisimhom *O Melite digna prolis* ('O iben denju ta' Malta'). Dawn għadhom jindaqqu sal-lum u huma l-uniċi biċċtejn tal-mużika tal-familja Bugeja li jinsabu fl-arkivju ta' parroċċa u mhux għand id-dumnikani. Waħda mir-raġunijiet għalfejn isem Buġeja baqa' marbut ma' din il-parroċċa hija għax l-ewwel antifona ta' San Publiju li kiteb iżżanżnet meta l-Furjana saret parroċċa fl-1844.

Nhar id-19 ta' Lulju 1842 Vincenzo żżewweġ lil Antonia Naudi fil-Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt. Kellhom ħames ulied: żewġ subien u tlett ibniet. It-tifel il-

# John's Butcher

Misrah il-Fidwa,
Mqabba - Malta
Tel: 2168 0942

| | |
|---|---|
| Tue: | 7.15 - 11.45 |
| Wed: | 9.30 - 11.45<br>16.00 - 18.45 |
| Thurs: | 6.30 - 11.45 |
| Fri: | 6.30 - 11.45<br>16.00 - 18.45 |
| Sat: | 6.30 - 11.45 |

# GĦAR LAPSI VIEW

*Bar, Restaurant & Pizzeria*

(ta' Rita)
Now Under New Management
Tel: 2164 0608 - 2168 0800
Open Daily from 9.00 onwards

# TROCADERO
Pastizzeria & Confectionery

Tel: 2164 7233

**Triq San Bażilju, Mqabba**
*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna wkoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**

kbir miet ta' sitt snin; l-ieħor, Rikard, kellu jkompli fuq il-passi ta' missieru.

Kompla jikteb il-mużika, l-aktar mużika sagra, għalkemm l-għedewwa tiegħu (b'mod speċjali dawk li kienu ammiraturi ta' Paolo Nani) qalu li l-kapaċitajiet formidabbli tiegħu fil-kompożizzjoni tal-mużika profana ma kienux jestendu għall-kompożizzjoni tal-mużika sagra. Bugeja, madankollu, ma tax widen għall-kliem vojt tagħhom u kompla jikteb il-mużika li ħafna minnha għadha tindaqq fil-knejjes tagħna sal-lum.

Vincenzo miet meta kellu biss erbgħa u ħamsin sena, nhar l-20 ta' Ottubru 1860, fir-residenza tiegħu fil-Belt. Indifen fil-Katidral ta' l-Imdina, maġenb il-fdalijiet ta' missieru. Jidher illi mewtu ġiet ħesrem għax baqa' '*maestro di cappella* tal-Katidral u attiv fit-tmexxija tal-*Cappella Bugeja* sa l-aħħar. Kif kien xieraq, fil-funeral indaqqet kompożizzjoni mill-aqwa tiegħu: id-*Dies irae*.

Bugeja jibqa' mfakkar għaliex fi żmien meta Malta rat il-bidu ta' tradizzjoni mużikali għanja ta' żewġ familji (Bugeja u Nani), hu kien l-aqwa wieħed li "rnexxielu jfisser is-sentimenti reliġjużi, fid-dawl tad-direttivi tal-Knisja dwar il-mużika, mingħajr ma jneżżagħhom minn dawk ix-xejriet mistennija mill-poplu".

Il-qofol tas-suċċessi enormi li kellu Bugeja aktarx jinsab fil-fatt li kien kapaċi jagħti l-impressjoni ta' mużika sagra li għalkemm pjaċevoli ħafna qatt ma pprofanat il-knejjes li ndaqqet fihom. Hu dejjem mexa mad-direttivi tal-Knisja u rnexxielu joħloq mużika li tagħti pjaċir bla ma titlef ix-xeħta reliġjuża. Nicola Zammit, f'kitba tiegħu dwar il-bijografiji ta' diversi Maltin li għamlu isem fir-rivista L'*Arte* kiteb hekk dwaru: "*Senza le promesse e i clamori dei progettisti, egli scrisse musica per teatro e musica per chiesa, ove lasciava sentire la distanza che corre tra l'entusiasmo del mondo e la pace del tempio, il brillante spettacolo della carne e il maestoso e sublime splendor del cielo*".



*Iċ-ċelebrazzjoni fil-knisja wara d-dħul ta' l-Istatwa Titulari.*

Ħamsin sena wara mewtu, l-Istoriku Vincenzo Caruana-Gatto fil-ktieb tiegħu dwar l-istorja artistika ta' Malta jagħżel tliet xogħolijiet ta' Bugeja li jisbqu fis-sbuħija lix-xogħolijiet l-oħra kollha: dawn kienu s-salm *Laudate pueri Dominum*, l-antifona ta' San Publiju '*O Melitae digna prolis* u l-antifona li oriġinarjament kienet miktuba għall-Katidral tal-Belt biex tindaqq fil-festa ta' San Ġwann Battista Ingresso Zaccaria. Din ta' l-aħħar, ladarba ma tħalliet lil ebda parroċċa partikulari, kienet tintuża f'diversi festi li kienu jmexxu Bugeja u wliedu. Kienu jadattaw il-kliem ta' l-antifona tal-qaddis partikulari għall-mużika tant sabiħa ta' din l-antifona. Illum din għadha msemmija *Nativitas tua*; u fl-Imqabba fil-festa ta' Santa Marija, imsemmija '*Hodie Maria*.

## Il-cappella Bugeja

Fl-imgħoddi kull surmast prominenti li kien imexxi l-mużika fil-knejjes fil-ġranet tal-festi kien ikollu l-*cappella* tiegħu. F'dan il-kuntest *cappella* ma tfissirx knisja żgħira imma l-korp tal-mużiċisti u l-kantanti għas-servizz ta' xi ħadd. Għalhekk meta nirreferu għall-*cappella Bugeja* nkunu qed nifhmu l-orkestra li kienet tmur iddoqq mas-Surmastrijiet Bugeja kull fejn kien ikun imqabbad. Jinzerta illi l-ewwel *cappella* ta' din ix-xorta li ġiet imwaqqfa kienet propju l-*cappella Bugeja*, li waqqafha Pietro-Paolo meta, wara li laħaq *maestro di cappella* tal-Katidral, beda jkollu ħafna servizzi fil-parroċċi biex imexxi l-mużika tal-festi.

Kienet drawwa (li għadha ħajja) li l-mużika tal-festa tal-parroċċa tithalla f'idejn il-kompożitur partikulari li kellu l-jedd li fil-parroċċa ma jitqabbad ebda surmast ieħor ħliefu. Jidher illi s-surmast kien ikun inkarigat sew mill-festa titulari kif ukoll mill-festi sekondarji l-oħra tal-parroċċa. U naturalment biż-żmien iffurmat tradizzjoni tant li l-mużika ta' surmast bdiet tiġi assoċjata ma' festa partikulari tant

# Dilja Car Imports Ltd.

IMPORTERS OF JAPANESE CARS

St. Thomas Street, Luqa

Tel: 2180 7999

Mobile: 9947 0988, 9949 4566

# Victor's Take Away

**Bar, Restaurant, Cafeteria**

*Specialising in Fresh Fish, Maltese Food & Parties*

**Dun Ġużepp Zammit Str., Żurrieq**

*(Next to Bus Terminus and near the Żurrieq School)*

Noffru servizz lill-każini f'dak li hu kiri ta' platti, kikkri, frieket, skieken, eċċ...
Inbid Home made bi prezz speċjali għal BBQ's u attivitajiet oħra. (Fliexken jew Ġarar)

**Tel: 2164 1033 • Mob: 9947 4249**

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba

Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*

jfakkru li huma jagħmlu

**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

PREZZIJIET MODERATI



*Patri Salv imexxi l-orkestra ġewwa l-Knisja Parrokkjali waqt l-Antifona.*

li wieħed ma jimmaġinax il-festa imċaħħda minn dik il-mużika. Illum min tiġih f'moħħu li jmur il-Belt għall-festa ta' San Pawl jew tal-Madonna tal-Karmnu u ma jismax is-*Sancte Paule* u l-*Flos Carmeli* ta' Nani? Jew min se jaċċetta li jmur Bormla fil-Kunċizzjoni u ma jismax il-melodija helwa ta' l-*Hodie egressa est virga* ta' Diacono? Meta fiż-Żurrieq f'Santa Katarrina għal xi sentejn ma ndaqqitx il-*Prudens et vigilans* ta' Camilleeri in-nies ħassew li l-festa kien jonqosha xi ħaġa essenzjali!

Il-*cappella* tal-familja Bugeja ġiet imwaqqfa minn Pietro-Paolo, missier Vincenzo meta dan kien beda jmu idoqq fil-parroċċi. L-ewwel membri tagħha kienu mużiċisti mill-*cappella* tal-Katidral ta' l-Imdina u minn oħrajn mill-*cappella* tal-Kondatidral tal-Belt. Bla dubju ta' xejn dawn kienu l-aħjar miżiċisti ta' Malta. L-għazla kienet waħda intelliġenti għax Pietro Paolo għażel mużiċisti li kienu mdorrijin jaħdmu miegħu u li kienu midħla sew tat-tmexxija u tal-mużika tiegħu. B'hekk in-nies tal-parroċċi ta' fejn kien idoqq kienu jistgħu jiftaħru li fil-festa tagħhom qed tindaqq l-aqwa mużika mill-aqwa mużicisti. Fost l-ewwel parroċċi li qabbdu l-*cappella* Bugeja biex iddoqqilhom fil-festa titulari nsibu ż-Żejtun (1818), iż-Żurrieq (1815-1824), il-Mosta (1809-1814 u 1826), il-matriċi ta' Santa Marija f'Għawdex (1815 u 1827) u l-parroċċa ta' Porto Salvo fil-Belt (mill-1798 'il quddiem).

Wara l-mewt ta' Pietro Paolo, it-tmexxija tal-*cappella* għaddiet f'idejn Vincenzo, li taħtu akkwistat l-aħjar xogħlijiet li qatt daqqet. Wara li miet ħadha f'idejh ibnu Rikard u wara dan, l-aħħar Bugeja li mexxiha kien Vincenzo (Ċensinu). Dan, peress li ma kellux tfal, ħalla l-mużika kollha lill-patrijiet Dumnikani, u għalhekk minn dak iż-żmien sal-lum mexxewha surmasstrijiet Dumnikani. L-ewwel li mexxiha kien Patri Edgar Gatt, mill-1967 sa l-1972, u minn dik is-sena mexxiha Patri Salv Galea, li ta' kull sena narawh fil-kor tal-knissja tagħna jmexxi l-mużika fil-ġranet tal-festa titulari.

Fost il-knejjes li għadhom sal-lum ifittxu s-servizzi tal-*cappella* Bugeja fil-festi rispettivi taagħhom insibu dik ta' Porto Salvo tal-Belt Valletta u tal-Lunzjata tal-Birgu għall-festi ta' San Duminku, tan-Nazzarenu ta' Tas-Sliema, Tat-Trinità tal-Marsa, ta' San Franġisk tar-Rabat, tal-Belt u tal-Ħamrun, tas-Salvatur ta' Ħal Lija, tal-Bambina tax-Xagħra, ta' San Publiju tal-Furjana u naturalment il-knisja ta' Santa Marija ta' l-Imqabba.

Għalkemm illum il-ġurnata il-mużiċisti m'għadhomx dawk tal-*cappella* tal-Katidral (hekk jew hekk fil-Katidral m'għadhomx idoqqu orkestri!), xorta waħda għadha tilqa' fiha sħud mill-aqwa esponenti tat-talent mużikali Malta. Mhux hekk biss, iżda l-kantanti li jiġu jakkumpanjaw il-mużika bil-vuċijiet tagħhom, huma wkoll fost l-aħjar li jkantaw fil-knejjes tagħna. Fl-imgħoddi, meta kien għadu jmexxi l-orkestra Ċensinu Bugeja, fost il-kantanti kien iġib lit-tenur John Lopez (imsejjaħ "wieħed mill-aqwa professjonisti ta' żmienu). Illum Patri Salv ukoll għadu jġib miegħu whud mill-aqwa professjonisti f'dan il-qasam, fosthom lil Andrew Sapiano, lil Pio Dalli u lil bosta oħrajn. Ta' min isemmi wkoll illi għal xi snin proprju fil-festa ta' Santa Marija s-surmasst kien jagħti permess lil xi Mqabbin biex idoqqu ma din il-*cappella*. Fost dawn insibu lil Ġużeppi Galea, il-fundatur ta' l-orkestra *Santa Marija*, u lil Leonard Farrugia, il-kompożitur ta' l-Innu Marċ *Marija Assunta*.

## L-antifona Hodie Maria fl-Imqabba

B'xorti ħażina mhux magħruf sewwa meta din l-antifona, flimkien mal-bqija tal-mużika tas-surmastrijiet Bugeja li nisimgħu fil-ġanet tal-festa, bdiet tindaqq l-imqabba. Żgur li m'ilhiex tindaqq mis-sena meta nkitbet, jiġifieri fl-1853.

Minn programmi tal-festa tas-snin sittin, nafu illi kien jiġi jmexxi l-orkestra s-surmast Ċensinu Bugeja nnifsu. Dan baqa' jagħmlu sakemm miet, u warajh ġew Patri Edgar u Patri Salv rispettivament. Biss, xi anzjani tar-raħal fosthom Patri Karm Zammit, l-aktar saċerdot anzjan tal-parroċċa tagħna, jgħidu li din il-mużika, flimkien ma' l-antifona, ilha tindaqq ta' kull sena fl-Imqabba sa minn tfulithom, jiġifieri sa minn qabel il-gwerra. Hawn tajjeb li nieħdu nota: Patri Salv qalli li s-surmastrijiet Bugeja, Nani, Diacono, Camilleri u oħrajn fis-snin tal-gwerra telgħu joqogħdu Għawdex u tellgħu magħhom il-mużika tagħhom. Kien f'dan iż-żmien li l-parroċċi Għawdxin bdew jitolbuhom idoqqulhom fil-festi. Ċensinu Bugeja kien joqgħod ix-Xagħra għand il-familja li f'darhom jinsab

# F & R SCHEMBRI

## SWEETS & CIGARETTES
## CIGARS & TOBACCO

"Frarene", St Edward Street, Qormi.
Tel: 2144 1453 / 2144 9938

TAKE OFF

## BAR & RESTAURANT

*St. Thomas Road, Luqa*
*Tel: 2180 0243*
Inservu kull kwalità ta'ikel
bi prezzijiet moderati.

Nispeċjalizzaw fil-Pasta, Steaks,
Chickens u anke laħam taż-żiemel

# PALMA GARAGE

**Valletta Road - Mqabba**
**Tel: 2168 0089 – Mob: 9944 9461**

**Professional Panel Beating**
**Jig Body Alignment**
**Spray Painting**
**Concept Spray Painting - Dry Booth**



*Silta mill-Antifona*

l-Għar ta' Ninu. Matul dawn is-snin, bix-xieraq, beda jieħu ħsieb il-mużika fil-festa tal-Bambina - u hekk għadu jsir sal-lum. Ċensinu għażlilhom waħda mill-isbaħ antifoni li kien kiteb nannuh Vincenzo, l-*Ingresso Zaccharia*, u qalbilha l-kliem għall-festa tat-twelid tal-Madonna.

Din hi l-istess antifona li tindaqq fl-Imqabba. Milli jidher, skond ma jgħidu x-xjuħ tagħna, f'raħalna din kienet tindaqq sa minn qabel il-gwerra. Dan jagħmel l-Imqabba, b'mod partikulari l-festa ta' Santa Marija, l-eqdem festa li fiha għadha tindaqq din l-antifona tant sabiħa, għaliex huwa probabbli ħafna li l-kliem ġie addattat għall-festa ta' l-Assunzjoni qabel ma ġie addattat għal dik tan-Natività!

Huwa magħruf li bejn l-1899 u l-1917 Rikard Bugeja kien imexxi l-mużika fil-festa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq. Żgur li ħafna Mqabbin kienu jitilgħu għall-festa ta' dan ir-raħal ġar, bħalma għadhom jagħmlu sal-lum, u allura jista' jagħti l-każ li huma tħajru li jistednuh għall-festa titulari tagħhom meta semgħu l-ġmiel ta' mużika li kellu x'joffri. Mill-1918 'l hawn, il-mużika ta' Bugeja ma nstemgħetx aktar fiż-Żurrieq, imma fl-imqabba għadna ngawduha sal-lum.

Bħala stil, din l-antifona timxi ma' l-istil li Bugeja kien tant magħruf għalih. Bugeja kien jikteb dejjem fil-forma binarja: żewġ taqsimiet u mbagħad'*coda* li twassal għall-għeluq. L-*Hodie Maria* tiftaħ b'introduzzjoni maestuża ħafna fejn ikanta l-kor kollu u mbagħad tgħaddi għall-ewwel taqsima fejn tispikka l-parti fejn it-tenur u l-baxx solisti jalteraw il-kliem u jirrispondu lil xulxin, alteranati kontinwament mill-flawt. Din tiġi segwita minn parti tranżitorja ta' erba' battuti u mbagħad replika ta' l-istess melodija fuq skala relattiva. Fl-aħħar insibu l-*coda* fejn l-elementi mużikali kollha, sew vuċijiet kif ukoll strumenti, jingħaqdu għall-final grandjuż. Skond il-partitura oriġinali din suppost tindaqq bi ħdax-il strument differenti: flawt, oboe, klarinett, żewġ korni, kurunetta, tliet trumbuni, baxx tar-ram, vjolini primi u sekondi, vjola u baxxi tal-korda.

## Għeluq

Niftakar waqt id-dħul tal-vara s-sena l-oħra, meta staqsejt lil wieħed jekk jiftakarx żmien meta kienet tindaqq mużika oħra, qalli: "Le dejjem din indaqqet kemm ilni niftakar! U fl-imgħoddi kien ikun hawn orkestra ġġennen knisja!" Tassew illi kieku l-orkestra tkun armata skond kif indikat fil-partitura oriġinali, il-ħoss li tagħmel żgur li jkun isbaħ minn dak li mdorrijin nisimgħu! Biss l-ispejjeż għall-mużika fil-festa ta' kull sena jikbru, u l-ġbir li jsir fil-parroċċa mhux biżżejjed biex jifdi dawn l-ispejjeż kollha. B'xorti ħażina l-aktar ħaġa faċli li tnaqqas minnha hija l-mużika, u jekk ma noqogħdux attenti u nagħtu s-sehem finanzjarju tagħna lill-knisja fil-festa li tant ngħidu li nħobbu, jista' jasal żmien meta dan il-patrimonju għad nitilfuh darba għal dejjem!

Issemma l-fatt li diversi festi saru jiġu identifikati ma' antifona partikulari għax tant ilha tindaqq li saret tradizzjoni marbuta intimament mal-festa. Ma nafx jekk dan hux il-każ fl-Imqabba fil-festa ta' Santa Marija. Biss, timmaġina dak il-mument sabiħ x'ħin tkun dieħla l-Madonna u tinstema' tindaqq mużika oħra?...

**Noti u referenzi**


1 ROSEMARIE MICALLEF, The Bugeja family of musicians, teżi 1989, 13.
2 OLIVER FRIGGIERI, Żewġ artisti fil-Furjana, Malta 1997, 42.
3 JOSEPH VELLA-BONDIN, Il-mużika ta' Malta fis-sekli dsatax u għoxrin (=Kullana kulturali 19), Malta 2000, 16.
4 Din l-opra ttellgħet għall-ewwel darba f'Malta fil-15 ta' Marzu 1832 fit-Teatru Rjal. Reġgħet ittellgħet staġun wara. Kellha suċċess kbir ħafna.
5 OLIVER FRIGGIERI, op. cit., 40.
6 NICOLA ZAMMIT, Biografie, "L'Arte", II, n.48, 7/11/1864, 5.
7 JOSEPH VELLA-BONDIN, Il-mużika ta' Malta fis-sekli dsatax u għoxrin (=Kullana kulturali 19), Malta 2000, 14.
8 Illum il-ġurnata dan inbidel xi ftit għax f'parroċċi fejn isiru żewġ festi kbar normalment jitqabbdu żewġ surmastrijiet differenti, wieħed għal kull festa.
9 OLIVER FRIGGIERI, op. cit., 49.
10 ALBERT G. STORACE, Maltese biographies of the twentieth century (ed. M. J. Schiavone/L. J. Scerri), Malta 1997, 368.
11 Intervista ma' Patri Salv Galea O.P., tas-Sliema, 7 ta' Frar 2003.
12 Anthony Mangion/Karmenu Zerafa, Santa Katarina: il-festa u s-Soċjetà mużikali tagħha fiż-Żurrieq, Malta 1989, 227.

# MARTIN MONREAL IRONMONGERY

Triq il-Bronja, Żurrieq. Tel: 2168 2435 - Mob: 9947 6824

**Għażla kbira ta' dekorazzjonijiet għad-dar bħal rużuni u burduri**

*Kiri ta':*

**Fekruna tat-trinek, Concrete Mixers, Crane Jiggers, Siġġijiet, Imwejjed għall-parties u Dekorazzjonijiet għall-Ġonna**

## Monreal Paint Centre

Over 10,000 colour... All kinds of paint. All Interior Decorations

Bronja Str., Żurrieq. Tel: 2168 2435 • Mob: 9947 6824

# Starbrite

STAR BRITE DRY CLEANING

## Dry Cleaning

Triq Tas-Sejba, Mqabba
Tel/Fax: 2168 3367

# Concorde Mini Market

Carmelo Ciantar Street, Mqabba

*Mrs. Josette Camilleri*

Tel: **2168 0922**

**Fejn issibu:**
*General Groceries,*
*House-Cleaning Liquids*
*u Laundry Detergents*

***Fejn tmur***
***u tinqeda malajr u tiffranka l-flus.***

***Nawguraw il-Festa t-Tajba lil kulħadd***

# Il-Kanonku Dun Ġużepp Portelli

## (1920 - 1993)

kitba ta' Joseph Farrugia

Il-Kanonku Dun Ġużepp M. Portelli twieled f'Bormla fil-31 ta' Jannar 1920 iben Ġużeppi u Ġużeppina nee' Borg. Trabba u kiber fil-MUSEUM - Soċjetà li baqa' jħobb għomru kollu. Ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola ta' Bormla u kompla l-istudji tiegħu fil-Liċeo u De La Salle College, Bormla. Fl-1935, b'eżami kompettitiv, daħal'*engine fitter apprentice* fit-tarzna u tul il-gwerra għamel żmien jaħdem fuq it-torn f'*underground R.A.F. station*, ġewwa Ta' Kandja. Irriżenja minn ma' l-armiraljat fl-1943 u beda kors fis-seminarju arċiveskovili għal saċerdot. Fil-25 ta' Marzu 1950 irċieva l-ordni sagri u nhar id-9 ta' April 1950 għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Parroċċa Arċpritali taż-Żurrieq, ir-raħal fejn il-familja tiegħu marret toqgħod fil-bidu tal-gwerra u fejn baqgħet tgħix. L-ewwel sentejn ta' ħidma pastorali għamilhom Bormla.

L-ewwel konnessjoni tal-Kanonku Portelli ma' l-Imqabba kienet quddiesa kantata tat-*Te Deum* fil-festa ta' Santa Marija fl-1952. Bil-mod il-mod bdiet tikber il-konnessjoni tiegħu mar-raħal tagħna. Meta fl-1955 ġie impjegat għalliem mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u ġie allokat fl-iskola ta' l-Imqabba, il-ħidma pastorali tiegħu tul il-ġimgħa kollha kienet fir-raħal. Kien iħobb dik il-mixja fil-għodu lejn l-Imqabba u lura d-dar fil-għaxija bil-kuruna f'idejh jgħid ir-Rużarju - talba li kien tant iħobb jimmedita.

Il-Kanonku Portelli rriżenja minn għalliem fl-1965 għax kien iħoss li l-



vokazzjoni tiegħu kienet ta' saċerdot u għalhekk kien studja. Għal xi żmien kien iservi l-kurja fl-uffiċċju taż-żwiġijiet. L-Arċisqof Gonzi nnominah membru tal-Kapitlu ta' Bormla u ħa l-pussess ta' Kanonku nhar it-2 ta' Frar 1975. Il-Kanonku Portelli serva ta' Viċi Parroku f'xi parroċċi u anki assistent Ekkleżjastiku ta' ferghat tal-*Legion of Mary* u l-Azzjoni Kattolika.

Fil-ħin liberu, il-Kanonku Portelli kien imidd idejh għal kull bżonn. Mit-talent li kellu fuq id-disinn ħarġu minn idejh bosta xogħolijiet artistiċi. Din il-ħidma kien jagħmilha *gratis*, anzi kien jikkontibwixxi fl-ispejjeż biex isiru l-opri. Gawdew ħafna mill-ġenerożità tiegħu l-knejjes ta' Bormla u taż-Żurrieq. Fil-knisja tagħna naddaf xi kwadri tal-pittura, iddisinja l-gandlieri għal ma' l-Istatwa ta' Santa Marija u arġenta l-ġelandra ż-żgħira fost xogħolijiet oħra. Minn wara l-gwerra, il-festa ta' San Innoċenzju ma baqgħetx issir. Il-kappillan Dun Ġerald Mangion, lejn l-aħħar tas-snin 50 wasal f'arranġament għall-użu tal-mant użat fil-festa ta' dan il-qaddis kompriż bl-aċċessorji kollha. Il-Kanonku Portelli bl-għajnuna tas-sagristan Imqabbi, is-Sur Ġużepp Farrugia, irnexxielhom jippustjaw il-mant fil-prospettiva ta' l-artal tar-Rużarju u s-sepulkru ġie trasferit mill-artal ta' Sant' Antnin fin-nava għall-kappellun fejn jista' jitgawda f'dehra arkitettonika isbaħ.

Il-Kanonku Ġużeppi Portelli għadda minn esperjenza vasta fil-ħajja. Mill-bank ta' l-iskola għall-bank tax-xogħol u għad li bil-ħidma ta' jdejh kellu paga tajba, warrab kollox u ntrabat mas-saċerdozju. Fejn mill-artal u l-konfessjonarju għallem, hafer u għen bil-pariri spiritwali li servew ta' għajnuna fil-ħajja nisranija lil bosta. Mar fi ħdan il-Mulej fit-13 ta' Diċembru 1993 għall-premju misthoqq fil-glorja eterna.




**Tifkira**
**ta'**
**l-Ordinazzjoni**
**Saċerdotali**
**u ta'**
**l-Ewwel**
**Quddiesa Solenni**
**ta'**
**Dun Guzepp M. Portelli**

**Valletta 25 - III - 50** — **Zurrieq 9 - IV - 50**

*Tifkira ta' l-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Dun Ġużepp M. Portelli*

**Ħajr:**
Rev. Kan. Joseph Bonello
Sur Anthony Mangion, Lic.D.,M.A. (Sheffield)
Sur Spiridione Portelli
Fiż-Żurrieq insibu "Triq il-Kanonku Dun Ġużepp Portelli"

# Maestro Leonard Spiteri F.L.C.M.

kitba ta' Joseph Farrugia

Leonard Spiteri twieled l-Imqabba nhar it-18 ta' Jannar 1930, iben Ġużeppi u Marija née Debattista. Attenda l-iskola primarja tal-Gvern u l-Kulleġġ De La Salle. Daħal bħala 'apprentice joiner' fit-Tarzna ta' l-armiraljat fl-1945.



Beda jitgħallem il-mużika u d-daqq ta' l-oboe fil-każin Re Ġorġ V u ddebutta ma' l-Okestra Santa Marija. Bandist regolari tal-Banda Re Ġorġ V mit-twaqqif tagħha fl-1947.

Fl-1953 ħadem bradella u bankun għall-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba. Din l-opra ġiet iddisinjata minnu stess bi stil kompletament ġdid għal dak li soltu naraw. Fl-istess sena ddisinja u ħadem il-bieb ta' barra tal-każin Re Ġorġ V. Fl-1950 beda l-istudji tiegħu ta' l-armonija u l-kontrapont għand is-surmast Carmelo Costa u kkwalifika għad-diploma A.Mus.LCM. fl-1953. Sadattant Leonard Spiteri ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V, kariga li okkupa bejn l-1951 u l-1956. Inkuraġġit mill-ewwel suċċessi fl-istudji mużikali, iddeċieda li japprofondixxi b'iktar serjetà. Fl-1956 mar Londra u rreġistra bħala student tal-*London College of Music* u l-*Guild Hall of Music and Drama* fejn kien jattendi bħala 'evening classes student'. Fl-1957 ikkwalifika għad-diploma L.Mus.LCM. u għal F.L.C.M. fl-1962. Sa fejn hu magħruf dan kien l-ewwel Malti li studja fil-*London College of Music* u mmerita dawn iż-żewġ diplomi.



*Xogħol minn tiegħu. Il-bieb tal-Każin tas-Soċjetà tagħna.*

B'rabta maċ-ċentinarju Pawlin fl-1960 ikkompona 'St. Paul's Variations', mużika bbażata fuq l-għajdut antik Malti li nhar San Pawl it-temp jinbidel seba' darbiet. Din il-kompożizzjoni tibda b'tema prinċipali li tissolvi f'seba' varjazzjonijiet kollha bbażati fuq it-tema prinċipali jew l-istess armonija. 'St. Paul's Variations' ixxandret għall-ewwel darba fuq il-B.B.C. fi programm apposta fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji ta' San Pawl fl-1960 u ndaqqet mill-pjanista Frederic Stone. Fl-1962 ġie intervistat fuq il-B.B.C.'*Overseas* u f'din l-okkażjoni reġgħet indaqqet is-'St. Paul's Variations'. Meta kien għadu Londra Mro. Spiteri kkompona 'Roosevelt Scroll', kantata għall-Orkestra, baritonu u kor. Bażata fuq il-messaġġ ta' unur li dan il-President Amerikan ta lil Malta u li jinsab mal-faċċata tal-palazz presidenzjali, il-Belt Valletta. din il-kompożizzjoni tlestiet nhar il-11 ta' Novembru 1963; dak in-nhar stess li mietet Lady Roosevelt. F'Londra Mro. Spiteri kien għal tul ta' snin inkarigat minn funtana artistika mżejna bil-fjuri u dawl elettriku fuq'*sprays* ta' l-ilma li kienet tintrama fir-*Royal Albert Hall* tul id-49 'promenade concert' organizzati mill-B.B.C..

Lura f'Malta fl-1964 kiteb innu "Lil Marija Assunta" għall-banda li tant kien ħadem għaliha - il-Banda Re Ġorġ V. Dan ir-rigal kien l-ewwel innu għall-vuċi pwerili li kellha s-Soċjetà Santa Marija għall-festa tal-parroċċa. Mill-mod kif bena din il-kompożizzjoni u l-maestrija fl-



Il-bradella tal-Madonna tar-Rużarju



Bażi niċċa tad-Duluri



Bankun tal-Fratellanza tar-Rużarju



Saqaf tan-niċċa ta' San Bastjan

armonija, nibdew nifhmu l-abiltà ta' dan is-surmast kompożitur. Indaqq l-ewwel darba mill-Banda Re Ġorġ V minn fuq iz-zuntier fi ħruġ il-vara ta' Santa Marija min-niċċa nhar il-Ħadd 9 ta' Awissu 1964, u kien kantat minn kor ta' xebbiet tas-Soċjetà.

Fl-istess sena ħadem bankun fejn jitpoġġa s-salib u l-lanterni tal-fratellanza tar-Rużarju u fl-istess żmien ukoll irrinova l-bieb ta' barra tal-każin. F'Novembru 1964 ġie impjegat bħala *Full time Visiting Master* fil-mużika u l-*craft* mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fejn wara ġie stabbilit. Dam 27 sena f'dan l-impjieg sa ma rtira bl-età.

Fl-1965 ħa sehem kbir fid-dekorazzjoni tas-sala tal-każin tas-Soċjetà Santa Marija. Fuq disinn tas-Sur Ġużè' Galea, mir-Rabat, għamel il-forom għall-iskultura kollha tas-saqaf u wara ffurmahom u waħħalhom f'posthom. Mhux possibbli nelenka l-kontribut tiegħu, madanakollu biżżejjed ngħid li kien moħħ prinċipali wara x-xogħol.

Bejn l-1984 u l-1986 Mro. Spiteri ddisinja u ħadem in-niċċa għall-istatwa ta' San Bastjan. Din hi l-akbar xogħol fid-daqs li ħarġet minn idejh. Fuq disinn tas-Sur Frans Galea ħadem ix-xogħol ta' l-injam tal-pedestall waqt li l-abbozzi tal-bronż saru mid-disinjatur. Is-sena l-oħra ħadem il-bażi tan-niċċa għall-Madonna tad-Duluri, li qatt ma kienet kompluta. F'dan ix-xogħol ta' min japprezza d-disinn, konstruzzjoni, il-kwalità u metodu ta' l-interzja li jeħodna lura għal mijiet ta' snin, xogħol li ma tantx jidher fil-knejjes ta' San Bastjan, Ħal Qormi, fejn mar jgħix meta żżewweġ lil Josephine née Borġ fl-1968.

Għad li għal dawn is-snin kollha għex barra minn raħal twelidu, Mro. Leonard Spiteri għadu jħobb u jinteressa ruħu fl-Imqabba u b'mod partikulari fis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.



Niċċa ta' San Bastjan

# Minn fejn se jgħaddi l-marċ

Għal darba oħra permezz ta' din il-paġna se ngħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena se jkollna sitt baned mistiedna għall-festa titulari ta' Santa Marija fosthom il-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ li se tkun magħna għall-ewwel darba.

Però qabel ma ngħtukom aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex ngħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa.

Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi:

## L-Erbgħa, 30 ta' Lulju – Bidu tal-Kwindiċina

**8.00pm** – Tiftaħ il-Festa ta' din is-sena permezz ta' Lejla Maltija bl-aqwa talent lokali.

## Is-Sibt, 9 ta' Awissu
## Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-zuntier

**7.30pm** – Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-**Banda Re Ġorġ V**, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk;

**Triq San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-pjazza quddiem il-Każin.**

## Il-Ħadd, 10 ta' Awissu – Jum il-Banda

**8.15pm** – Imiss jerġa' lill-**Banda Re Ġorġ V**, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro. David Agius, li tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn ħdejn il-**Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-każin.** Wara l-Banda tagħti bidu għall-**Programm Vokali u Strumentali** u Annwali tagħha.

## It-Tnejn, 11 ta' Awissu – L-ewwel Jum tat-Tridu

**8.15pm** – Il-**Banda De Roban ta' Ħaż-Żebbuġ**, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ronnie Debattista tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej:

**Triq San Bażilju, Sqaq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Karmenu Ciantar, naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq in-Nazzarenu, Kirkop, il-Katakombi, Dun Ġerald Mangion, ix-Xantin, Kirkop, in-Nazzarenu, Dun Ġerald Mangion, nerġgħu naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Parroċċa fejn jintemm quddiem il-Każin.**

**BANDA DE ROHAN - ŻEBBUĠ**

| | |
|---|---|
| Therese Ann | Mro. Ronnie Debattista |
| Tifħir lil Malta Rebbieħa | Mro. Ġeraldu Farrugia |
| Golden Jubilee | Mro. John Theuma |
| Den-Jan | Neol Farrugia |
| Bernardette | Mro. Ronnie Pisani |
| Al Pacino | Mro. David Agius |
| Victory | Mro. Vincenzo Ciappara |
| Ta' Bona | Mro. Lawrence Borg |
| Santos | Mro. David Agius |
| Come On the Stripes | Mro. Anthony Aquilina |
| Harmony | Mro. Emm. Bugeja |
| Tremend | Mro. Raymond Zammit |
| The King | Mro. Arch. Mizzi |
| Mangus | Mro. Andrew Coleiro |
| Irene | Mro. Mario Testa |
| Benfred | Mro. John J. Pace |
| Tal-Qalba | Mro. Joseph Busuttil |
| Coronation | Mro. Joseph Azzopardi |
| Iż-Żbejjah | Mro. Philip Gatt |
| Tarsus | Mro. Ronnie Pisani |

Surmast Direttur: **Mro. Ronnie Debattista**

## It-Tlieta, 12 ta' Awissu – It-tieni Jum tat-Tridu

**8.15pm** – Il-**Banda Sant'Elena ta' Birkirkara**, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella FLCM, tagħmel marċ (sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ) li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi fit-toroq li ġejjin:

**Triq il-Ġilju, l-aħwa Ghigo, Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katerina, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.**



**BANDA SANT'ELENA - BIRKIRKARA**

| | |
|---|---|
| Innu tal-Banda | Chev. Joseph Busuttil |
| Innu Marċ | John Ivan Borg |
| Mr. Nipsnovah | Joe Vella |
| Kumitat Żgħażagħ 2002 | David Agius |
| Conritmonju | Charles Mizzi |
| Snin ta' Suċċessi | Tony Carbonaro |
| Dylan | John Ivan Borg |
| Ġużeppi ta' Mabbli | Emle Bugeja |
| La Belle Helene | John Theuma |
| Għal Dejjem tal-Patruna | Raymond Fenech |
| The Crosn | Ronnie Pisani |
| Elena | Gabriel Muscat |
| Green Banner | Paul Schembri |
| Grazzi Ma | John Mamo |
| Tal-Qalba | Chev. Joseph Busuttil |
| Kumitat Żgħażagħ '95 | David Agius |
| Triple Knock-Out | Ray Fenech |
| St. Petersburgh | David Caruana |
| Don Quixote | John Theuma |
| Kumitat Żgħażagħ '96 | David Agius |
| On with the Fight | Chev. Joseph Busuttil |
| Come on the Stripes | Major Anthony Aquilina |
| Frankie and Josephine | J.I. Borg |
| Bernardette | Ronnie Pisani |
| Coronation | Azzopardi Joseph |
| Benjamin | Emle Bugeja |
| Bonpacello | Ciappara Vincenzo |
| Kumitat tan-Nisa | J.I. Borg |
| Il-Buqu | Elton Lee Abela |
| Josephine | Joe Vella |

**Surmast Direttur: Mro. Joseph Vella**

## L-Erbgħa 13 ta' Awissu – It-tielet Jum tat-Tridu

**9.00pm** – Il-**Banda Re Ġorġ V** tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li hejjew għalina s-sezzjoni żgħażagħ. **Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej: Triq il-Karmnu, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.**

## Il-Ħamis, 14 ta' Awissu

**8.00pm** – Programm mill-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tesegwixxi programm strumentali fil-pjazza. Wara tagħmel marċ jibda minn quddiem il-każin u jgħaddi kif ġej: San Bażilju, San Mikiel, 9 ta' April, Karmenu Ciantar, pjazza tal-knisja, Parroċċa, Duluri, pjazza sa Karmenu Ciantar.



**SAN MIKIEL – ŻABBAR**

**Marċi**

| | |
|---|---|
| Tislima lill-Madonna tal-Grazzja | L. galea |
| Innu San Mikiel | A. Micallef |
| Innu Marċ | L. Bongailas |
| Censinos | D. Agius |
| Unika | D. Agius |
| Amigos | D. Agius |
| Santos | D. Agius |
| Al Pacino | D. Agius |
| Redent | K. Abela |
| Twanny | D. Camilleri |
| Ta' Kurun | D. Camilleri |
| Moodswing | R. Abela |
| Celebrations | S. Vella |
| The Two Friends | M. Bugelli |
| L-Għaqda tal-Patruna | A. Coleiro |
| The Fifth Star | A. Coleiro |
| Millennium | A. Coleiro |
| Vinceremos | A. Mizzi |

**Programm Strumentali – 14.08.02**

| | | |
|---|---|---|
| | Innu Marċ | L. Bongailas |
| Tone Poem | Finlandia | J. Sibellius |
| Overture | William Tell | G. Rossini |
| Symphony | George Gershwin | G. Gershwin |
| Selection | Les Miserables | Arr. Warren Barker |
| Song | You're the Devil in Disguise | Arr. S. Williams |
| Selection | Top Hits for Band | Arr. M. Schneider |

**Surmast Direttur:** Mro. David Agius

**8.00pm** – Marċ mill-Banda Konti Ruġġieru immexxija minn Mro. Joseph Muscat, jibda Triq il-Pal, Troll, Sejba, Santa Katarina sal-pjazza.

**10.30pm** – Taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Muscat il-Banda Konti Ruġġieru tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' programm strumentali quddiem il-każin.

**BANDA KONTI RUĠĠIERU - RABAT**

| | |
|---|---|
| Paul & Angela Borg | Prof. J. Vella |
| Coronation March 1953 | V. Ciappara |
| Victory in Arena | J. Azzopardi |
| Gladiator | V. Ciappara |
| Ta' Bajri | J. Azzopardi |
| Sympathy | V. Ciappara |
| La Vittoria Dei Rabatani | Rev. M. Theuma Castelletti |
| Kristian | Ph. Schembri |
| Ġanni Battista | L. Bonnici |
| Bernard & Francesca | C. Borg |
| Katia & Joe | S. Giodmaina |
| Daphne | D. Coleiro |
| Dear Born - Detroit | J. Muscat |

**Programm Strumentali – 14.08.02**

| | | |
|---|---|---|
| Selection | My Fair Lady | F. Leowe |
| Grand March | Borgo in Festa | F. Berelta |
| Marcia Sinfonika | Bianca Rossa | V. Ciappara |
| Ballet | Coppelia Selection | E. Delibes |
| Suite | Peer Gynt | E. Grieg |
| | Ave Maria | Gounoud |

**Surmast Direttur:** Mro. Joe Muscat A. Mus. L.V.M. (Hons.)

## Il-Ġimgħa, 15 ta' Awissu – L-Għid ta' l-Assunta

**10.15am** – Wara d-daqq tal-Glorja, il-**Banda Re Ġorġ V**, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn **quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Ġilju, Troll, Sejba, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katerina, San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il-Każin.**

**6.00 p.m** – **Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq**, taħt it-tmexxija ta'

# Evergreen
# Lawrence Green Grocer

32, Church Square, Mqabba.
Tel: 9987 4318

**Ħxejjex friski, preserves, detergents u ħafna affarijiet oħra**

*Prezzijiet moderati*

MED LENS
OPTICAL CLINIC

Sliema Road, Gżira GZR 04
Tel: 2131 5730

5, New Street, Luqa LQA 02
Tel: 2167 3238
**EYE SPECIALIST IN ATTENDANCE**

Beretta
SPORT

fcuk
vision

Montana
CLAUDE MONTANA

GIVENCHY
PARIS

ANTOINE
BOURGEOIS
PARIS

**OPTICIANS SUNGLASSES
CONTACT LENSES
SPECTACLES**

*We supply full range of contact lenses, tinting and anti-reflective coats, hard coating to reduce scratching, photochromatic lenses & Bifocals.*



High - Scorers: The Shooter's answer to better vision



Latest fashion spectacle frames

*On your*
*Wedding Day*
*for Professional*
*Photos & Video*





**ZAMMIT PHOTO STUDIO**

Żurrieq Centre, Żurrieq
Tel: 2164 0010

Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tibda marċ minn **Triq Valletta għal Triq il-Karmnu, il-Pjazza tal-Knisja.**

**BANDA QUEEN VICTORIA – ŻURRIEQ**

| | |
|---|---|
| Lill-Kummissjoni Banda | A. Farrugia |
| Saviour & Miriana | E. Bugeja |
| Nicolò | J. Tanti |
| Il-Grandu | C. Vella |
| Tislima lill-Maġġur Aquilina | V. Galea (arr. A. Farrugia) |
| Brioso | A. Camilleri |
| Parade | J. J. Fenech |
| Xemx ta' Lulju | A. Coleiro |
| Stezar | E. Bugeja |
| 8 ta' Diċembru | A. Farrugia |
| Remember Me | L. Bongailas |
| Santiago di Cuba | J. Abela Scolaro |
| CA. NO. PA. | A. Farrugia |
| 900 Sena Parroċċa | E. Bugeja |
| Il-Bozen | A. Aquilina |
| Golden Jubilee | E. Bugeja |
| Santos | D. Agius |
| King of Kings | A. Coleiro |
| Millennium | A. Coleiro |
| 25 Sena Segretarju | E. Bugeja |
| Karmelitani Żrieraq | A. Farrugia |

**Surmast Direttur: Mro. Alfred Farrugia L. (Mus.) L.C.M.**

**Programm Mużikali**

| | | |
|---|---|---|
| Preludju | Ġublew tal-Fidda | E. Bugeja |
| Overture | Il Barbiere di Sivilia | G. Rossini |
| Valse | Espana | Waldteufel |
| | Moment for Morricone | Morricone de Mey |
| | Mexican Hat Dance | F.A. Partichela |
| Marcia | Fiorentina | J. Fucik |
| | Sousa on Parade | Arr. King Palmer |
| Inno | Omaggio alla Queen Victoria | E. Bugeja |

**Surmast Direttur:** Mro. Alfred Farrugia L. (Mus.) L.C.M.

**6.00pm – Il-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ** taħt it-tmexxija ta' Mro. Richard Bugeja tibda marċ minn Triq Santa Katerina għall-pjazza, tidħol fiż-żuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-Banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**BANDA SAN FILEP – ŻEBBUĠ**

| | |
|---|---|
| Wenzu | Richard Bugeja |
| Charlie and Grace | Emmanuel Fenech |
| Id f'Id | Emanuel Bugeja |
| Joyful Day | Adeodato Gatt |
| Il-Paċi | Marie Lourdes Bonniċi |
| Ontario | Raymond Sciberras |
| Allegro con Fuoco | Victor Vella |
| La Senora Rita | Anthony Aquilina |
| Id-Dragun | Ronald Pisani |
| Maltese Canadian | Michael Bonanno |
| Unika | David Agius |
| Arkivju Mużikali | Mario Testa |
| San Filep | Adeodato Gatt |

**Surmast Direttur:** Mro. Richard Bugeja A. (Mus.) L.C.M., A.C.I.B.

**7.15pm** – Il-**Banda Queen Victoria** flimkien mas-Soprana Marie Theresa Vassallo isellem lill-Istatwa bl-Ave Marija.

**8.45pm** – Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo S.J. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Piju Dalli, flimkien mal-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara mmexxi mis-Sur Samuel Bezzina A.T.C.L., A.L.C.M. Wara, bis-sehem ta' l-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq ta' l-Ave Maria.

**10.30pm** – Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-bandisti tal-post tal-Banda Re Ġorġ V jagħlqu l-festa b'marċ qasir.



# RJEJA

## CERAMICS

Suppliers of Tiles, Skirting,
Bathroom Suites & Fittings

Tiling
Plumbing
Drain Laying
Palstering
Painting
Decoration Works

---

**76, Birżebbuġa Road, Birżebbuġa**

**Tel: 2165 1583  Mob: 9949 2469**
**Fax: 2165 8539**

# F'għeluq id-90 sena tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali

Waħdek, ġwejjed, b'mixjietek sabiħa
B'dik il-ħarsa mitfugħa 'l quddiem
Fejn int sejjer, o Bniedem, o Alla
Fommok mimli bil-kelma tas-Sliem?

.......... U rajt ġnus minn kull naħa tad-dinja
Biex jarawk kbir u ħieni għaddej
Miġburin ġo ħolqa ta' gżira
Imbagħ'd għajta ta' ferħ: Ġesù ġej!

Ir-Rotunda tal-Mosta kisbet l-ikbar glorja li qatt setgħet tikseb meta fl-1913 laqgħet fiha l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali.

Is-Santwarju ta' Marija Assunta fil-Mosta kompla jikber fl-istorja tiegħu meta fl-għodwa tat-22 ta' Settembru 1946 inżamm l-Ewwel Kungress Djoċesan ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija, meta ġew ippreżentati l-firem miġbura minn madwar Malta u tressqet petizzjoni nazzjonali lill-Q.T. Papa Piju XII favur id-definizzjoni tad-Domma tat-Tlugħ fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem tal-Madonna.

Fl-għodwa ta' l-1 ta' Novembru 1950 saret il-proklamazzjoni tad-Domma ta' Marija Assunta. Fil-għaxija fl-istess Santwarju sar *Te Deum* Nazzjonali b'radd ta' ħajr lil Alla kif kien imwiegħed fil-Kungress Djoċesan ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija.

**Noti u Referenzi:**

1 "Il-Monument" - Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku ta' l-1913. Dun Karm.
2 "Storja tal-Mosta" - E.B. Vella et al.1972
3 Dettalji ara "50 sena Domma (1950-2000) tal-Fidi ta' l-Assunzjoni" - Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba.




*Kartolina: Kollaġġ artistiku ta' l-okkażjoni.*

# Il-Korp ta' San Innoċenzju

Il-Korp ta' San Innoċenzju kien jinżamm taħt il-mensola ta' l-artal tal-Kunċizzjoni. Minħabba nuqqas ta' fondi, il-festa ta' dan il-qaddis kienet issir il-Ħadd fost l-Ottava ta' Santa Marija meta l-Knisja tkun għada mżejna bl-armar tal-festa. Il-korp kien jintrama fuq l-artal maġġur mżejjen taħt mant. Is-Sur Filippu Galea kien jorganizza l-festa ta' dan il-qaddis. Il-korp tal-qaddis intradam meta waqgħet il-knisja. Il-għadam inġabar minn qalb id-debris, u llum wara li reġgħet inbniet il-knisja, il-Korp reġa' nżamm f'daqs iżgħar minn qabel u jinsab taħt l-artal tal-kor.



*IL-FESTA TA' SAN INNOĊENZ fl-Imqabba kienet issir l-ewwel Ħadd wara l-festa ta' Santa Marija.*
*(Ħajr: Teresa Debattista)*

# Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja 2002

## Dħul

| | |
|---|---|
| Ġbir bl-*envelopes* bieb bieb | Lm 1,392.00 |
| Ġbir fil-Knisja | Lm 470.00 |
| **Total** | **Lm 1,862.00** |

## Ħruġ

| | |
|---|---|
| Żbilanċ mis-sena ta' qabel | Lm 249.47 |
| Ċelebranti u saċerdoti barranin | Lm 148.00 |
| Orkestra, Organista u vuċijiet | Lm 770.00 |
| Daqq ta' qniepen | Lm 85.00 |
| Dawl fil-faċċata, koppla u kampnar | Lm 690.00 |
| Servizzi ta' kappi u kruċiferu | Lm 48.00 |
| Fjuri | Lm 54.75 |
| **Total** | **Lm 2,045.22** |
| **Żbilanċ** | **Lm 183.22** |


# James Green

**Funeral Service**

***Irrikorru***
**"Green House',**
**St. Catherine Street,**
**Qrendi**

**Tel: 2164 2738, 2164 2508, 2164 7791**
**Mobile: 9949 4880, 9949 7959**

# Alf. Gatt Auto Parts



Saltofix & Maxi Car Motor Panels
*Luqa Road, Qormi & Mdina Road, Qormi*
*Tel: 2148 8653, 2144 9821*

# Xuereb Installations Ltd.

IMPORT, SUPPLY & INSTALLATION
OF SOFFITS & GYPSUM BOARDS



IMPERIAL HOTEL
DINING ROOM



PRESIDENT HOTEL



MID-MED BANK
- OFFSHORE OFFICES



SEABANK HOTEL



NATIONAL LABOUR CENTRE



CORINTHIA PALACE HOTEL



DOLMEN HOTEL

SUPPLIERS & INSTALLERS OF
• MINERAL SOFFITS • DEMOUNTABLE PARTITIONS • GYPSUM SOFFITS AND BULKHEADS •

**Tel: +356 21 495799, +356 21 495972, +356 21 495836, +356 21 495792 Fax: +356 21 495834**
**E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com**



61
69
99
148
DREMIER